ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

# Rapport Ġenerali 2014

RINUNZJA GĦAR-RESPONSABBILTÀ

L-opinjonijiet jew il-pożizzjonijiet espressi f'dan il-Programm ta' Ħidma ma jirrappreżentawx neċessarjament f'termini legali l-pożizzjoni uffiċjali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma tassumi ebda responsabbiltà għall-iżbalji kew l-ineżattezzi li jistgħu jidhru.

Europe Direct huwa servizz biex jgħinek issib it-tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.

Numru Freephone (*):
00 800 6 7 8 9 10 11

(*) Ċerti operaturi tat-telefonija mobbli ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800 jew dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu). data dwar il-katalgu tista' ssibha fi tmiem din il-pubblikazzjoni.

**Rapport Ġenerali 2014**

Ħelsinki, Marzu 2015
Dok: MB/04/2015 finali addottat fl-20.03.2015

| | |
|---|---|
| **Referenza:** | **ED-AG-15-001-MT-N** |
| **ISBN:** | **978-92-9247-342-6** |
| **ISSN:** | **1831-7197** |
| **Data tal-pubblikazzjoni:** | |
| **Lingwa:** | MT |

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2015

Qoxra © l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm is-sors ikun kompletament rikonoxxut fil-forma "Sors: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, http://echa.europa.eu/", u sakemm issir notifikazzjoni bil-miktub lill-Unità tal-Komunikazzjoni tal-ECHA (publications@echa.europa.eu).

Dan id-dokument ser ikun disponibbli bit-23 lingwa li ġejjin:

*Il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż*

Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

F'każ li għandek xi mistoqsijiet jew kummenti li jirrigwardaw dan id-dokument jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola biex titlob l-informazzjoni. Il-formola biex titlob l-informazzjoni jista' jkollok aċċess għaliha permezz tal-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA fuq: http://echa.europa.eu/contact

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**

Indirizz postali: Kaxxa postali 400, FI-00121 Ħelsinki, il-Finlandja
Indirizz temporanju: Annankatu 18, Ħelsinki, il-Finlandja

# Werrej


**Lista ta' akronomi** 5

**INTRODUZZJONI MID-DIRETTUR EŻEKUTTIV** 7

**Punti prinċipali - Sommarju** 9

**Il-miri strateġiċi tal-ECHA 2014-2018 - Riżultati** 12

**1. L-Implimentazzjoni tal-Proċessi Regolatorji** 17

1.1. Reġistrazzjoni, Kondiviżjoni u Tqassim tad-data (Attività 1) 17

1.2. Valutazzjoni (Attività) 27

1.3. L-Immaniġġjar tar-Riskji (Attività 3) 32

1.4. Klassifikazzjoni u Ttikkettar (C&L) (Attività 4) 40

1.5. Bijoċidi (Attività 16) 44

1.6. PIC (Attività 17) 47

1.7. Pariri u assistenza permezz tal-Gwida u l-Uffiċċju tal-Informazzjoni (Attività 5) 49

1.8. Għodod xjentifiċi tal-IT (Attività 6) 53

1.9. Attivitajiet xjentifiċi u pariri tekniċi lil Istituzzjonijiet u Korpi tal-UE (Attività 7) 56

**2. Korpi u Attivitajiet biex inaqqsu l-ispejjeż tal-ECHA** 60

2.1. Kumitati u Forum (Attività 8) 60

2.2. Bord tal-Appell (Attività 9). 68

2.3. Komunikazzjonijiet (Attività 10) 71

2.4. Kooperazzjoni internazzjonali (Attività 11) 74

**3. Tmexxija, Organizzazzjoni u Riżorsi** 76

3.1. Tmexxija (Attività 12) 76

3.2. Finanzi, Akkwisti u Kontabilità (Attività 13) 79

3.3. Riżorsi Umani u Servizzi Korporattivi (Attività 14) 81

3.4. Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (Attività 15) 85

**4. Riskji tal-Aġenzija** 88

**ANNESS 1: L-organizzazzjoni tal-ECHA 2014** 89

**ANNESS 2: Suppożizzjonijiet bażi** 99

**ANNESS 3: Riżorsi 2014** 102

**ANNESS 4: Lista tal-Kandidati ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs)** 103

**ANNESS 5: Stima tal-Bord ta' Tmexxija tar-Rapport Annwali Konsolidat ta' Attività għall-2014** 104

# Lista ta' akronomi

| | |
|---|---|
| BPC | Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali |
| BPR | Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali |
| C & L | Klassifikazzjoni u Ttikkettar |
| CA | Aġent Kuntrattwali |
| CCH | Kontroll ta' konformità |
| CG | Grupp ta' Koordinazzjoni |
| Chesar | Għodda ta' Rappurtaġġ u Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika |
| CLH | Klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati |
| CLP | Klassifikazzjoni, ittikkettar, u mballaġġ |
| CMR | Karċinoġeni, mutaġeni jew tossiċi għar-riproduzzjoni |
| CoRAP | Pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju |
| CSA | Valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika |
| CSR | Rapport dwar is-sigurtà kimika |
| DNA | Awtorità nazzjonali Deżinjata |
| DU | Utent downstream |
| eChemPortal | OECD Portal Globali għal Informazzjoni dwar is-Sustanzi Kimiċi |
| ECHA | L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi |
| ECM | Immaniġġjar tal-Kontenut tal-Impriża |
| EFSA | Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel |
| ENES | Netwerk ta' Skambju tal-Partijiet Interessati dwar ix-Xenarji tal-Espożizzjoni tal-ECHA |
| ES | Xenarju tal-espożizzjoni |
| UE | Unjoni Ewropea |
| FAQs | Mistoqsijiet Frekwenti |
| Forum | Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar |
| HelpNet | Netwerk tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni REACH u CLP |
| HR | Riżorsi Umani |
| IAS | Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni |
| IPA | Strument għal Assistenza Qabel l-Adeżjoni |
| IQMS | Sistema ta' Ġestjoni ta' Kwalità Integrata |
| ISO | Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni |
| ICT | Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni |
| IR | Rekwiżiti tal-informazzjoni |
| IT | Teknoloġija tal-informazzjoni |
| IUCLID | Bażi ta' data Internazzjonali għall-Informazzjoni Kimika Uniformi |

| | |
|---|---|
| JRC | Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea |
| MAWP | Programm ta' Ħidma Pluriennali |
| MB | Bord ta' Tmexxija |
| MS | Stat Membru |
| MSC | Kumitat tal-Istati Membri |
| MSCA | L-Awtorità Kompetenti tal-Istati Membri |
| NeRSAP | Netwerk ta' REACH SEA u Analiżi ta' Prattikanti Alternattivi |
| OECD | Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi |
| Odyssey | L-għodda tal-ECHA għas-sostenn ta' kompiti ta' valutazzjoni |
| PBT | Persistenti, bijoakkumulattiv u tossiku |
| PIC | Kunsens Infurmat minn Qabel |
| PPORD | Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi |
| (Q)SAR | Relazzjoni Struttura-Attività (Kwantitattiva) |
| R4BP 3 | Reġistru għal Prodotti Bijoċidali |
| RAC | Kumitat għall-Istima tar-Riskji |
| REACH | Reġistrazzjoni, Valutazzjoni, Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi |
| REACH-IT | REACH-IT hija s-sistema ċentrali tal-IT li tipprovdi sostenn għal REACH |
| RIPE | Portal ta' Informazzjoni għall-Infurzar REACH |
| RMO | Possibbiltà tal-Immaniġġjar tar-Riskji |
| RMOA | Analiżi tal-possibiltajiet għall-immaniġġjar tar-riskji |
| SEA | Analiżi soċjo-ekonomika |
| SEAC | Kumitat għall-Analiżi Soċjo-ekonomika |
| SME | Impriżi żgħar u ta' daqs medju |
| SPC | Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott |
| SVHC | Sustanza ta' tħassib serju ħafna |
| TA | Aġent Temporanju |
| TP | Proposta ta' ttestjar |
| TPE | Eżaminazzjoni tal-proposta ta' ttestjar |
| UN | Nazzjonijiet Uniti |
| UN GHS | Sistema Globalment Armonizzata tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar tas-sustanzi kimiċi tan-Nazzjonijiet Uniti |
| WP | Programm ta' Ħidma |

# INTRODUZZJONI MID-DIRETTUR EŻEKUTTIV

"Is-sena li fiha Nibnu għall-ġejjieni"

Merħba għal dan ir-rapport mill-ECHA dwar l-attivitajiet tagħna fl-2014 – is-sena li fiha qegħdin nibnu għall-ġejjieni. Għandi l-pjaċir li nirrapporta li sar ammont kbir ta' xogħol bażi produttiv ħafna u nispera li tieħu pjaċir taqra dwar dan hawnhekk. F'din l-introduzzjoni qasira, nixtieq nenfasizza erba' prodotti tanġibbli.

L-ewwel nett, il-ħidma għall-preparazzjoni għall-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018. Għalkemm għad m'għandniex stampa ċara tal-għadd ta' kumpaniji, sustanzi u dossiers involuti f'dik l-aħħar skadenza, nafu li n-numri tat-tlieta li huma ser ikunu ħafna akbar minn qabel. B'dan fi ħsiebna, ħarisna b'mod radikali lejn il-proċessi kollha tar-reġistrazzjoni tagħna, lejn l-għodod u l-materjal ta' sostenn u bdejna bi sforz kbir nissimplifikaw u nikkjarifikaw kull fejn nistgħu. Issa għandna pjan ċar biex ngħinu lil kumpaniji mingħajr esperjenza, bl-isem ta' 'Pjan Direzzjonali REACH 2018.' Aħna determinati li niżguraw bl-għajnuna tal-uffiċċji nazzjonali tal-informazzjoni li kwalunkwe kumpanija bir-rieda li tikkonforma għandha tkun tista' tagħmel dan, irrispettivament minn kemm tista' tkun żgħira.

It-tieni, l-approċċ tagħna lejn il-kontroll tal-konformità tad-dossiers tar-reġistrazzjoni ġie rivedut fuq il-bażi tal-ewwel snin ta' esperjenza. 'L-istrateġija l-ġdida dwar il-kontroll tal-konformità' ser tiżgura li qegħdin nimmiraw sustanzi li huma l-iktar importanti għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

It-tielet, qed inkomplu nimxu lejn il-mira tal-politika tal-UE li s-sustanzi rilevanti kollha ta' tħassib serju ħafna jkunu fuq il-Lista ta' Kandidati għall-Awtorizzazzjoni sal-2020. Flimkien mal-awtoritajiet tal-istati membri, qegħdin nipprogressaw lejn is-sustanzi ta' tħassib u gradwalment qegħdin nilħqu ħsieb komuni dwar sa fejn neħtieġu aktar immaniġġjar tar-riskji. Tista' issa tara wkoll fuq is-sit web tagħna s-sustanzi li qegħdin inħarsu lejhom jew li huma diġà taħt l-immaniġġjar tar-riskji tal-UE.

Ir-raba', ipproduċejna 'l-istrateġija regolatorja tax-xjenza' tagħna, li tistabbilixxi d-direzzjoni tagħna ta' vvjaġġar f'termini ta' promozzjoni ta' għarfien dwar riċerka u żvilupp f'oqsma xjentifiċi li huma ta' interess regolatorju – bħan-nanoteknoloġija u t-tħarbit tal-endokrina.

Waqt li qiegħda tibni għall-ġejjieni, l-ECHA, fl-istess ħin qiegħda wkoll tiffaċċja tnaqqis tar-riżorsi, u għaldaqstant qegħdin nippruvaw nipprogressaw bl-iktar mod effiċjenti u effettiv fir-rigward tal-ispejjeż li nistgħu, ukoll fejn jidħlu ż-żewġ regolamenti li ħadna fuqna, riċentement. B'mod partikolari bdejna naħdmu fuq proġetti ta' effiċjenza fl-aġenzija kollha kemm hi li jibnu fuq il-kunċett ta' tmexxija sempliċi.

Fl-aħħar, nixtieq insemmi żvilupp sinifikanti għalina. Bħal ħafna mill-organizzazzjonijiet tiegħek, ippruvajna ndaħlu tmexxija ta' kwalità fil-metodu li bih naħdmu. Dan l-isforz wassal biex irċevejna ċ-ċertifikazzjoni ISO għall-proċessi REACH u CLP tagħna.

Ninsab konvint li issa aħna mgħammra tajjeb biex niffaċċjaw l-isfidi tal-ewwel pjan strateġiku tagħna: ippreparajna t-triq tajjeb; ninsabu motivati ħafna biex nirnexxu; għandna relazzjonijiet b'saħħithom mal-partijiet interessati tagħna, relazzjonijiet ta' sostenn kbir mal-istati membri u kooperazzjoni produttiva mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Parlament.

*Geert Dancet*
*Direttur Eżekuttiv*

## Il-mandat legali tal-ECHA

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) hija korp tal-Unjoni Ewropea (UE) stabbilit fl-1 ta' Ġunju 2007 mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar "ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni, u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH)".

L-ECHA kienet stabbilita għall-iskopijiet ta' ġestjoni u, f'xi każijiet, biex twettaq l-aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi tar-Regolament REACH u biex tiżgura konsistenza f'livell tal-UE. Kienet stabbilita wkoll biex timmaniġġa kompiti li jirrelataw mal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' sustanzi kimiċi, li, mill-2009, kienu rregolati mir-Regolament dwar il-"Klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet" (Regolament CLP (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

Fl-2012, il-mandat tal-ECHA tkabbar bir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali – ir-"Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali".

Ir-riformulazzjoni tar-Regolament "PIC" (Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi) ukoll daħal fis-seħħ fl-2012. Ċerti kompiti li jirrelataw ma' PIC kienu ttrasferiti miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea lill-ECHA fl-2014.

Dawn l-atti leġiżlattivi huma applikabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE (MSs) mingħajr il-ħtieġa ta' traspożizzjoni f'liġi nazzjonali.

## Il-Missjoni, il-Viżjoni u l-Valuri tal-ECHA

<table>
<tr><th>Missjoni</th><th>Valuri</th></tr>
<tr><td>L-ECHA hija l-forza ta' tmexxija fost l-awtoritajiet regolatorji fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni innovattiva tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi għall-benefiċċju tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kif ukoll għall-innovazzjoni u l-kompetittività.<br><br>L-ECHA tgħin lil kumpaniji biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni, tavvanza l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi, tipprovdi informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u tindirizza sustanzi kimiċi ta' tħassib.<br><br>Viżjoni<br><br>L-ECHA taspira li ssir l-awtorità regolatorja prinċipali dwar is-sigurtà tas-sustanzi kimiċi.</td><td>Trasparenti<br>Aħna ninvolvu b'mod attiv lill-imsieħba regolatorji u lill-partijiet interessati tagħna fl-attivitajiet tagħna u aħna trasparenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna. Nagħmluha faċli biex ninftiehmu u biex wieħed jikkomunika magħna.<br>Indipendenti<br>Aħna indipendenti mill-interessi esterni kollha tagħna u imparzjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna. Nikkonsultaw il-membri tal-pubbiku b'mod miftuħ qabel ma nieħdu ħafna mid-deċiżjonijiet tagħna.<br>Affidabbli<br>Id-deċiżjonijiet tagħna huma bbażati fuq ix-xjenza u konsistenti. Il-kontabilità u s-sigurtà ta' informazzjoni kunfidenzjali huma l-pilastri tal-azzjonijiet kollha tagħna.<br>Effiċjenti<br>Aħna mmirati, impenjati u dejjem infittxu li nużaw ir-riżorsi tagħna bil-għaqal. Napplikaw standards ta' kwalità għolja u nirrispettaw l-iskadenzi.<br>Impenjati lejn il-benessri<br>Nistimolaw l-użu sigur u sostenibbli tas-sustanzi kimiċi biex intejbu l-kwalità tal-ħajja tal-bniedem fl-Ewropa u biex nipproteġu u ntejbu l-kwalità tal-ambjent.</td></tr>
</table>

# Punti prinċipali - Sommarju

L-ECHA bdiet issegwi l-erba' miri strateġiċi, kif ippjanat, billi ffukat fuq il-valutazzjoni mill-ġdid tal-fondazzjonijiet tal-operazzjonijiet u r-riżorsi tagħha fi djalogu mal-partijiet interessati u mal-Bord ta' Tmexxija tagħha u qablet dwar strateġiji ġodda, pjanijiet direzzjonali u titjib fl-effiċjenza. Għalkemm il-punt fokali kien inqas fuq in-numri li rriżultaw f'din is-sena tal-bidu tal-pjan strateġiku ta' ħames snin, fuq il-bażi tar-riżultati mill-kejl użat għall-monitoraġġ tal-progress, is-sena rat progress f'li ntlaħqet kull waħda mill-erba' miri strateġiċi (ara r-riżultati fil-kapitolu li jmiss).

### *1. Il-massimizzazzjoni tad-disponibbiltà ta' informazzjoni ta' kwalità għolja biex tippermetti l-manifattura u l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi*

Sa fejn hija kkonċernata l-attività tar-reġistrazzjoni, l-2014 kienet sena regolari ta' implimentazzjoni REACH, bl-għadd ta' aġġornamenti li kien, madankollu, ħafna aktar milli mistenni. Dwar il-kwalità tad-dossier, l-isforzi tar-reġistrazzjoni tal-ECHA, li kkonċentraw fuq it-titjib tal-identifikazzjoni tas-sustanza fid-dossiers permezz ta' kampanja tal-ittri, irriżultaw f'għadd kbir ta' aġġornamenti. Barra minn hekk, il-kontrolli dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi kienu inklużi fl-għodda ta' Assistent għall-Validazzjoni, li tippermetti lil kumpaniji jikkontrollaw id-dossier tagħhom darba kemm għal kompletezza kif ukoll għal anomaliji potenzjali oħra osservati b'mod komuni qabel ma jibagħtu d-dossier tagħhom lill-ECHA.

Fuq il-bażi ta' konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati, l-ECHA ħolqot pjan direzzjonali għall-aħħar skadenza tar-reġistrazzjoni fl-2018 bi pjanijiet għat-titjib ulterjuri tal-għodod tal-IT, tal-proċessi u tas-sostenn għall-kumpaniji, waqt li kienu mfakkra speċjalment l-isfidi tal-SMEs.

Il-paġni web tar-Reġistrazzjoni ġodda REACH 2018 introdotti fil-ħarifa tal-2014 ipprovdew eżempju ta' dan l-approċċ billi jippreżentaw l-informazzjoni skont seba' stadji li għandhom jieħdu r-reġistranti potenzjali kif ukoll billi jipprovduha fi tliet livelli ta' kumplessità.

L-ECHA laħqet il-miri tagħha fil-valutazzjoni tad-dossier. Aktar riżorsi kienu dedikati għat-teħid ta' deċiżjoni finali dwar deċiżjonijiet ta' abbozz maħruġa fi snin preċedenti kif ukoll dwar is-segwitu ta' deċiżjonijiet tal-valutazzjoni meħuda fi snin imgħoddija biex kienet żgurata konformità wkoll bl-għajnuna ta' awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar. B'mod parallel, l-ECHA żviluppat u ġabet l-approvazzjoni dwar strateġija ġdida għal kontroll tal-konformità li tiffoka fuq l-għażla ta' sustanzi ta' tħassib potenzjali u dwar stima iktar kompleta ta' perikolu, użu u espożizzjoni, u dwar l-implimentazzjoni tagħha għall-perjodu tal- 2015-2018.

Tkompla l-iżvilupp tas-sit web ta' disseminazzjoni rinovat, li hu ppjanat biex jiġi ppublikat fl-2015. L-aspetti primarji tas-sit web fil-ġejjieni, bħall-karti bl-informazzjoni dwar is-sustanzi u profili qosra kienu kkonsultati ħafna u miftiehma mal-partijiet interessati tal-ECHA.

### *2. Il-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet biex jużaw l-informazzjoni b'intelliġenza sabiex jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib*

Il-pjan ta' implimentazzjoni għall-'Pjan Direzzjonali tal-UE għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni SVHC ta' miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji REACH sal-2020' ipprovda l-bażi għax-xogħol tal-ECHA fil-qasam tal-identifikazzjoni ta' sustanzi kandidati għal azzjoni regolatorja ulterjuri. Ix-xogħol imwettaq fl-2014 ħejja l-bażi għal skrining effiċjenti u effettiv tal-informazzjoni tar-reġistrazzjoni u ppermetta l-identifikazzjoni ta' sustanzi kandidati għall-iskrining manwali u l-intervent regolatorju potenzjali ulterjuri. L-

Analiżi tal-Possibbiltà tal-Immaniġġar tar-Riskji (RMOA) saret approċċ standard għat-titjib ta’ għarfien komuni bejn l-awtoritajiet dwar il-ħtieġa għal u tip ta’ azzjoni regolatorju ulterjuri. Kienet sodisfatta l-mira interim stabbilita mill-Kummissjoni li 80 sustanza jkunu soġġetti għall-RMOA sa tmiem l-2014.

B’kollox, żdiedu 10 sustanzi ta’ tħassib serju ħafna mal-Lista tal-Kandidati. L-ECHA ipprovdiet il-ħames rakkomandazzjoni għal inklużjoni ta’ sustanzi ta’ prijorità fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni u żviluppat is-sitt rakkomandazzjoni tagħha billi użat l-approċċ il-ġdid ta’ prijoritizzazzjoni maqbul, li huwa bbażat fuq l-użu ta’ data tar-reġistrazzjoni u data REACH/CLP oħra. L-ECHA bdiet tippubblika informazzjoni speċifika għas-sustanzi dwar RMOAs fuq is-sit web tagħha, inklużi konklużjonijiet dwar l-analiżi finalizzati, li jippermettu lil partijiet tal-industrija u oħrajn interessati biex isir monitoraġġ iktar mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali.

L-ECHA ippubblikat it-tieni aġġornament għall-pjan ta’ azzjoni rikorrenti Komunitarju li jkopri l-2014–2016 li jikkontjeni 120 sustanza. Il-kriterji stabbiliti fl-2011 għall-prijoritizzazzjoni tas-sustanzi kienu kkunsidrati xorta validi u allinjati mal-Pjan Direzzjonali tal-SVHC 2020. L-approċċi ta’ allinjament u armonizzazzjoni użati mill-Istati Membri ta’ valutazzjoni differenti kienu milħuqa permezz tal-pariri u l-workshop tal-ECHA għall-MSCAs kollha ta’ valutazzjoni u partijiet interessati akkreditati. L-għadd ta’ deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi żdied ukoll li wassal ukoll għal appelli.

Fl-2014, irrankat l-applikazzjoni għall-proċess ta’ awtorizzazzjoni. L-ECHA irċeviet 19-il applikazzjoni għal awtorizzazzjoni li koprew 33 użu differenti għal ħames SVHCs differenti inklużi fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni. RAC u SEAC addottaw 21 opinjoni konġunta, li fuq medja ħadu seba’ xhur għall-kumitati biex jaqblu dwar l-opinjonijiet ta’ abbozz – sostanzjalment inqas mill-10 xhur stipulati fir-Regolament REACH. In ġenerali, minħabba n-novità tal-proċess u r-rikonoxximent li l-partijiet kollha qegħdin jitgħallmu, l-applikazzjoni għall proċess tal-awtorizzazzjoni ħadmet tajjeb kemm f’termini ta’ kwalità kif ukoll effiċjenza u tagħti riżultati skont il-miri stabbiliti minn REACH.

L-ECHA ħadmet fuq il-preparazzjoni ta’ żewġ proposti ta’ restrizzjoni ġodda, fost l-oħrajn fuq id-Dekabromodifenileteru reżistenti għan-nar, u kkonsenjat żewġ rapporti ta’ reviżjoni. Ir-RAC addotta ħames opinjonijiet ta’ restrizzjoni u s-SEAC erbgħa. L-ECHA, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ħadmu flimkien fit-Task Force ta’ Effiċjenza tar-Restrizzjonijiet (RETF) u pproduċew 57 rakkomandazzjoni biex itejbu akar l-effiċjenza tal-proċess ta’ restrizzjoni.

Ir-RAC addotta total ta’ 51 opinjoni dwar il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati li hija żieda qawwija meta pparagunata ma’ snin preċedenti. Il-bażi ta' data tal-Inventarju C&L hija rinfreskata fuq bażi regolari b’notifikazzjonijiet ġodda u aġġornati. Il-bażi ta' data issa tikkontjeni aktar minn 6.1 miljun notifikazzjoni li jkopru 125 000 sustanza distinta.

### *3. L-indirizzar tal-isfidi xjentifiċi billi sservi bħala l-qalba għall-bini tal-kapaċità xjentifika u regolatorja tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u atturi oħra*

L-Istrateġija Regolatorja tax-Xjenza tal-ECHA kienet finalizzata, u ser tiġi ppubblikata kmieni fl-2015. Tmexxi l-attivitajiet tax-xjenza regolatorji tal-ECHA, pereżempju, billi tistabbilixi prijoritajiet, u tistrieħ ħafna fuq approċċ immexxi mid-domanda li jservi ħtiġijiet operazzjonali, u billi tikkjarifika l-irwol tal-ECHA fl-interazzjoni ma’ proġetti ta’ riċerka u żvilupp (bħal taħt Orizzont 2020). L-ECHA introduċiet il-bażi għall-bini tal-kapaċità proattiva xjentifika għall-persunal tagħha billi stabbiliet approċċ għal tmexxija ta’ kompetenza sistematika.
Ix-xogħol xjentifiku tal-ECHA twettaq permezz ta’ kontribuzzjonijiet għax-xogħol tal-OECD (linji gwida tat-test, alternattivi għal ittestjar fuq l-annimali), l-iżvilupp ta’ Kwadru

Read-across (RAAF) u nanomaterjali.

### *4. It-tħaddin tal-kompiti leġiżlattivi preżenti u ġodda b'effiċjenza u b'effettività, filwaqt tal-addattament għal limiti ġodda fuq ir-riżorsi*

L-ECHA ħadet fuqha sostenn għall-Programm ta' Reviżjoni ta' sustanzi attivi eżistenti miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni u laħqet veloċità sostanzjali tal-valutazzjonijiet li mmaterjalizzaw fl-adozzjoni ta' 34 opinjoni mill-Kumitat għall-Prodotti Bijoċidali. L-ECHA ħarġet ukoll l-ewwel deċiżjonijiet tagħha dwar tipi differenti ta' applikazzjonijiet, assistiet lil dawk fid-dmir biex iwieġbu għal numru dejjem jikber ta' domandi, tejbet l-għodda R4BP IT u ħarġet aktar biċċiet ta' gwida. In ġenerali, għandu jiġi nnutat li l-ECHA wettqet attivitajiet ta' bijoċidi taħt restrizzjonijiet stretti tal-baġit u umani. In-numru ħafna iktar baxx ta' applikazzjonijiet meta pparagunat ma' dak li kien oriġinarjament antiċipat irriżulta fi dħul previst iktar baxx b'mod sinifikanti li qiegħed limiti finanzjarji tqal fuq l-Aġenzija.

L-operazzjonijiet PIC ingħataw b'suċċess lill-ECHA f'Marzu 2014, u ppermettew l-proċessar mhux disturbat ta' aktar minn 5 000 notifikazzjoni PIC. Is-sistema l-ġdida ePIC tal-IT kienet introdotta f'Settembru u l-gwida l-ġdida kienet ippubblikata f'Diċembru.

Sabiex tiżdied l-effiċjenza tax-xogħol tal-Kumitati, ir-RAC u SEAC qablu dwar proċedura ta' ħidma simplifikata għall-iżvilupp u l-qbil dwar awtorizzazzjoni u opinjonijiet ta' restrizzjoni.

L-ECHA irċeviet ċertifikazzjoni ISO 9001 għall-immaniġġjar u l-prestazzjoni tal-aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi tal-implimentazzjoni tar-regolamenti REACH u CLP u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ta' sostenn tal-IT.

L-ECHA laħqet il-miri tagħha fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji u tal-bniedem u esplorat kif tista' takkomoda t-tnaqqis ta' 10% tal-persunal tul l- 2014-2018 mingħajr ma tħalli effetti wisq negattivi fuq l-ippjanar strateġiku tagħha. Is-sistemi amministrattivi tal-IT tjiebu permezz tal-konsenja tas-sistema tal-immaniġġjar tar-Riżorsi Umani.

# Il-miri strateġiċi tal-ECHA 2014-2018 - Riżultati

L-erba' miri strateġiċi tal-ECHA ġew definiti fil-Programm ta' Ħidma Multi-Annali (MAWP) 2014-2018 addottat mill-Bord ta' Tmexxija fis-26 ta' Settembru 2013. L-ECHA żviluppat miżuri biex twettaq monitoraġġ fuq il-progress lejn dawn il-miri. L-ewwel riżultati huma ppreżentati hawn taħt:

## 1. Il-massimizzazzjoni tad-disponibbiltà ta' data ta' kwalità għolja biex tippermetti l-manifattura u l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi

Il-qasam ta' azzjoni – it-titjib tal-kwalità tal-informazzjoni fid-dossiers – jitqies b'erba' indikaturi li jkopru erba' partijiet differenti tad-dossier u l-aspetti differenti tal-kwalità tal-informazzjoni. L-indikaturi m'għandhomx jitqiesu bħala valuri assoluti għall-kwalità u anqas ma huma miżura diretta għal konformità mar-rekwiżiti tal-informazzjonil anzi huma qisien ta' ċerti anomaliji jew inkonsistenzi. Madankollu, ix-xejra maż-żmien tippermetti progress lejn li tintlaħaq il-Mira Strateġika 1 biex din isirilha monitoraġġ tajjeb kif ukoll tiġi indikata l-parti li għandha tittieħed azzjoni speċifika fuqha fid-dossiers.

B'mod ġenerali, il-kwalità tad-dossier żdiedet mill-2010, jiġifieri reġistrazzjonijiet jew aġġornamenti ġodda ppreżentati fl-2014 huma ta' kwalità aħjar minn dawk preċedenti. It-titjib prinċipali huwa osservat f'dawk l-oqsma b'impatt mill-azzjonijiet tal-ECHA u hu spjegat hawn taħt:

- L-identifikazzjoni tas-sustanzi: Meta pparagunat mal-linja bażi tal-2013, l-għadd ta' dossiers riċevuti fl-2014 li ma ppreżentawx nuqqasijiet żdied (minn 71% sa 78%), u dan juri l-impatt tad-deċiżjonijiet ta' kontroll ta' konformità, il-kampanja tal-ittri tal-2014 tal-ECHA dwar dan is-suġġett u azzjonijiet oħra ta' sostenn mill-2010.
- Użijiet għal sustanzi rreġistrati bħala intermedji: L-analiżi ta' riżultati storiċi turi b'mod ċar kif il-kampanja tal-ittri li timmira informazzjoni dwar użijiet intermedji li seħħew fl-2012 wasslet għal titjib maġġuri mhux biss fuq id-dossiers immirati mill-kampanja iżda wkoll fuq dawk ippreżentati għall-iskadenza ta' reġistrazzjoni tal-2013 jew fl-2014 li deher li kienu ta' kwalità suffiċjenti (96% mingħajr inkonsistenzi).
- Periklu: Dan l-indikatur juri l-għadd ta' dossiers li għalihom ma kienu identifikati ebda nuqqasijiet fl-iskrining tal-IT tal-informazzjoni ppreżentata dwar perikoli, fiżiko-kimiċi, ambjentali u għas-saħħa tal-bniedem. Għalkemm hemm titjib qawwi f'dan l-indikatur, speċjalment fl-oqsma ta' tħassib immirati mill-attività dwar kontroll ta' konformità, jibqa' f'livell relattivament baxx (39% fl-2014). Dan ser ikun il-punt fokali fil-ġejjieni qarib skont l-istrateġija tal-ECHA dwar kontrolli ta' konformità[1] u azzjonijiet oħra diskussi fil-workshop relatat fl-2014[2].

Ir-raba' indikatur, il-Klassifikazzjoni, li juri l-għadd ta' dossiers li għalihom ir-reġistranti applikaw b'mod adegwat il-klassifikazzjoni armonizzata għas-sustanzi tagħhom, b'kont meħud tal-kompożizzjoni dettaljata tagħhom, kellu valur għoli sod mill-2010 (96% fl-2014). Ma jidhirx neċessarju li jitqiegħdu riżorsi għat-titjib ta' dan l-indikatur ħlief fuq tħassib speċifiku, bħal dossiers għal sustanzi b'karatteristiċi (CMR) potenzjali

---

[1] http://echa.europa.eu/documents/10162/13608/echa_cch_strategy_en.pdf

[2] Proċeduri tal-workshop ta' strateġija CCH 31 ta' Marzu-1 ta' April 2014: http://echa.europa.eu/documents/10162/13628/cch_workshop_en.pdf

karċinoġeni, mutaġeni jew tossiċi għar-riproduzzjoni[3].

Tabella 1 - Riżultati kumulattivi għall-2010-2014




| Indicators trend 2010-2014 | Xejra tal-indikaturi għall-2010-2014 |
|---|---|
| Subtance identification (~ 40 000 dossiers) | L-identifikazzjoni tas-sustanzi (~ 40 000 dossier) |
| Classification (~ 40 000 dossiers) | Klassifikazzjoni (~ 40 000 dossier) |
| Uses (~ 9 000 dossiers) | Użijiet (~ 9 000 dossier) |
| Hazard (~ 4 500 dossiers) | Periklu (~ 4 500 dossier) |

## 2. Il-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet biex jużaw id-data b'intelliġenza sabiex jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib

Sett ta' indikaturi biex ikejjlu l-progress fl-implimentazzjoni tal-mira strateġika 2 ("Il-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet biex jużaw id-data b'mod intelliġenti u jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib") ġie żviluppat f'koordinazzjoni mill-qrib mal-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress li ser jintużaw fir-rapport annwali dwar il-Pjan Direzzjonali ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHC). L-indikaturi jiffukaw fuq tliet oqsma (1) l-iskrining tas-sustanzi; (2) il-valutazzjoni tas-sustanzi; u (3) l-immaniġġjar regolatorju tar-riskji.

Fir-rigward tal-iskrining, aktar minn 80% tas-sustanzi li nġabru mill-iskrining tal-massa b'bażi ta' IT instabu li jeħtieġu azzjonijiet ulterjuri ta' segwitu. L-użu intelliġenti tad-data maħżuna mill-ECHA permezz ta' skrining b'bażi tal-IT għaldaqstant jidher li jkun mezz vijabbli ħafna biex jiġu identifikati sustanzi (potenzjali) ta' tħassib u ser jtkomplew u fejn meħtieġa jiġu ottimizzati aktar fis-snin li ġejjin. B'kollox, 17-il Stat Membru u pajjiż taż-ŻEE ipparteċipaw fl-iskrining manwali fl-2014.

Għadu kmieni wisq biex wieħed jiġbed xi konklużjoni dwar xejriet, effettività u effiċjenza fir-rigward tal-valutazzjoni tas-sustanzi minħabba li teżisti biss esperjenza minn sentejn,

[3] *Referenza għall-istudju ppubblikat CMR*

għal ħafna mis-sustanzi, il-proċess għadu ma ġiex ikkompletat. data mill-2012 u mill-2013 tindika perċentaġġ għoli ta’ sustanzi li għalihom hi mitluba aktar informazzjoni. F’numru żgħir ta’ każijiet biss (erbgħa) ma kienet ikkunsidrata neċessarja ebda azzjoni regolatorja. Kważi tliet kwarti tal-Istati Membri huma attivi fir-rigward tal-valutazzjoni tas-sustanzi iżda t-tnaqqis tas-sena l-oħra fil-parteċipazzjoni kien żvantaġġ.

Madwar terz mill-Istati Membri ppreżentaw proposti għal miżuri regolatorji tal-immaniġġjar tar-riskji taħt REACH jew CLP li għadhom limitati. Is-segwitu riċevut fir-rigward tal-konklużjonijiet għall-analiżi tal-possibiltajiet tal-immaniġġjar (RMOA) huwa wkoll baxx (17%) iżda dan għandu x’jaqsam mal-fatt li għal ħafna mis-sustanzi dawn il-konklużjonijiet inġibdu fi żmien riċenti u għaldaqstant ma kienx hemm żmien biżżejjed biex jingħata bidu għal azzjonijiet ta’ segwitu.

### 3. L-indirizzar tal-isfidi xjentifiċi billi sservi bħala l-qalba għall-bini tal-kapaċità xjentifika u regolatorja tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u atturi oħra

L-iskop tal-mira strateġika 3 hi li tiffaċilita l-attivitajiet tal-ECHA taħt il-miri strateġiċi 1 u 2 (il-funzjoni li tippermetti) filwaqt li l-miri operazzjonali indipendenti għall-mira strateġika 3 jkunu għadhom mhux definiti fil-MAWP 2014-2018. Madankollu, firxa wiesgħa ta’ ħidma hija spjegata u maqsuma fi tliet oqsma ta’ prijorità: l-istrateġija tax-xjenza regolatorja, il-bini tal-kapaċità u l-ħidma bħala qalba fix-xjenza regolatorja.

Attivitajiet magħżula li huma kkunsidrati speċjalment importanti jew rappreżentattivi għall-qasam ta’ prijorità rilevanti – il-punti saljenti – huma msemmija fl-Anness MAWP. Il-kompletazzjoni tagħhom hija primarja għall-qasam ta’ prijorità speċifikat kif ukoll għas-suċċess tal-ECHA f’li jissodisfaw l-għanijiet taħt din il-mira. Għaldaqstant, titqies il-prestazzjoni korporattiva tal-ECHA fir-rigward ta’ dawn il-punti saljenti. Ir-rata ta’ implimentazzjoni ġenerali għall-punti prinċipali fl-2014 kienet għolja.

L-Istrateġija tax-Xjenza Regolatorja ġiet żviluppata u kkomunikata b’suċċess fi u barra l-ECHA. L-istrateġija tidentifika oqsma ta’ prijorità ta’ rilevanza prattika għax-xogħol tal-ECHA. L-oqsma ta’ prijorità ser jittieħdu bħala l-bażi għall-isforzi fuq il-bini tal-kapaċità interna tal-ECHA u biex R&D jitmexxa f’livell għoli ta’ riċerka fil-komunità u f’kooperazzjoni mad-DĠ għar-Riċerka tal-Kummissjoni.

L-iżvilupp ta’ kwadru għall-ġestjoni tal-għarfien segwit mill-ippjanar tal-kompetenza fl-ECHA kienu implimentati b’suċċess fl-2014. Dan ser jippermetti l-ECHA tibda valutazzjoni sistematika u regolari ta’ nuqqasijiet identifikati fil-kompetenza u tidentifika, f’livell tal-ECHA, l-azzjonijiet u l-proġetti neċessarji għall-bini tal-kapaċità.

Sabiex l-ECHA ‘taħdem fil-qalba’ din ħadet fuqha l-azzjonijiet li ġejjin: workshop xjentifiku topiku dwar nanomaterjali, il-ħolqien ta’ netwerk dwar analiżi soċjo-ekonomika, is-segwitu tat-tieni rapport dwar alternattivi għall-ittestjar, l-iżvilupp ta’ kwadru għall-valutazzjoni ta’ read-across u r-reviżjoni ta’ ftehim internazzjonali bilaterali. L-iskop ta’ dawn l-azzjonijiet kien biex suġġett topiku partikolari fix-xjenza regolatorju jitqies aktar, biex issir komunikazzjoni dwar riżultati (interim) prinċipali lil partijiet interessati rilevanti jew biex jiġi stabbilit mezz ta’ kooperazzjoni u metodi ta’ ħidma xierqa għall-iskambju tagħhom fil-ġejjieni. Imsieħba esterni, li pparteċipaw f’dawn, esprimew sodisfazzjon bl-inizjattivi u bil-kontribuzzjonijiet tal-ECHA.

Barra minn hekk, mistoqsijiet li kienu jirrelataw mal-kapaċità tal-ECHA li tkun qalba ta’ eċċellenza fi xjenza regolatorja ngħataw tweġiba minn partijiet interessati f’inkjesta tal-partijiet interessati fl-2014, b’livell medju ta’ sodisfazzjon bħala riżultat. It-tweġibiet urew li l-ECHA hija vvalutata biex tkun tista’ tippresta ruħha b’mod eċċellenti, iżda jeħtieġ li tmexxi b’mod iktar attiv, malajr u viżibbli: filwaqt li l-partijiet interessati japprezzaw l-isforzi tal-ECHA biex tirranġa u tikkontribwixxi għad-diskussjonijiet rilevanti tax-xjenza regolatorja, l-ECHA hija proposta li tassumi rwol ta' aktar tmexxija.

### 4. It-tħaddin tal-kompiti leġiżlattivi preżenti u ġodda b'effiċjenza u b'effettività, filwaqt li jkun hemm addattament għal limiti ġodda fuq ir-riżorsi

L-ECHA żviluppat punteġġ imħallat "Deċiżjonijiet u opinjonijiet ekwivalenti" biex titkejjel ir-raba' mira strateġika. Tirrappreżenta l-għadd ta' deċiżjonijiet u opinjonijiet prodotti f'sena partikolari (b'kont meħud tal-proċess sħiħ sakemm toħroġ u titqies deċiżjoni/opinjoni biż-żmien meħtieġ biex tipproċessa każ medju), bħala proporzjon għall-kapaċità massima tal-persunal fis-sena (inkluż persunal kemm operazzjonali kif ukoll ta' sostenn bħal konsulenti u persunal interim operazzjonali preżenti matul is-sena kollha). Il-korrelazzjoni bejn ir-riżultat tal-Aġenzija u l-kapaċità tal-persunal fis-sena tagħti indikazzjoni dwar jekk l-Aġenzija tkunx qed issegwi xejra ta' effiċjenza matul is-snin, jiġifieri tipproduċi riżultati ta' iktar piż bl-istess riżorsi jew b'inqas.

Analiżi tal-kejl mad-data tal-2011-2014 turi li "Deċiżjonijiet u opinjonijiet ekwivalenti" ssegwi xejra dejjem tiżdied matul is-snin u għalhekk turi xejra pożittiva fl-effiċjenza (ara t-tabella hawn taħt).

Tabella 2. Punteġġ tal-effiċjenza

| XEJRA TAL-INDIĊI | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|---|
| TOTAL TAD-DEĊIŻJONIJIET MEQJUSA | 15 852 | 18 738 | 24 323 | 25 873 |
| PERSUNAL TOTALI | 541 | 558 | 592 | 621 |
| Ekwivalent tad-deċiżjonijiet (Nru ta' deċiżjonijiet/opinjonijiet meqjusa diviżi bil-kapaċità massima tal-persunal fis-sena) | 39.1 | 44.8 | 54.8 | 55.6 |

| % tal-bidla | 2012/2011 | 2013/2012 | 2014/2013 |
|---|---|---|---|
| TOTAL TAD-DEĊIŻJONIJIET MEQJUSA | 18% | 30% | 6% |
| PERSUNAL TOTALI | 3% | 6% | 5% |
| Deċiżjonijiet ekwivalenti (Nru ta' deċiżjonijiet/opinjonijiet peżati diviż bil-kapaċità massima tal-persunal fis-sena) | 14.6% | 22.4% | 1.4% |

L-eżitu operazzjonali jikber aktar malajr mill-għadd ta' persunal impjegat mill-ECHA. Huwa normali li t-titjib fl-2014 huwa inqas minn dak milħuq fl-2013, minħabba li l-2013 kien iż-żmien ta' żieda massima fir-reġistrazzjoni fejn l-enfasi kienet fuq il-produzzjoni

ta' riżultati.

Fl-2014, in linja mal-istrateġija tal-ECHA biex tibni bażijiet solidi għal kull waħda mill-erba' miri strateġiċi, l-enfasi kienet fuq it-tagħlim u l-iżvilupp aktar milli fuq il-produzzjoni ta' iktar riżultati milli fl-2013. Madankollu, x-xejra pożittiva osservata fis-snin preċedenti tkompli fl-2014. Il-miżuri tal-effiċjenza mdaħla fis-seħħ permezz tal-programm tal-iżvilupp tal-effiċjenza u ċ-ċiklu ta' reviżjoni annwali tal-proċessi ċertifikati kollha REACH/CLP jippermettu aktar tkabbir fl-2015.

# 1. L-Implimentazzjoni tal-Proċessi Regolatorji

## 1.1. Reġistrazzjoni, Kondiviżjoni u Tqassim tad-data (Attività 1)

Ir-Reġistrazzjoni hija waħda mill-pilastri ta' REACH, minħabba li tippermetti lil kumpaniji juru li huma jikkonformaw mar-regolament u li s-sustanzi kimiċi huma manifatturati u użati b'mod sigur. Il-kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw sustanza fi jew f'aktar minn tunnellata metrika waħda kull sena, jeħtieġu li jiddokumentaw il-karatteristiċi u l-użijiet tas-sustanzi tagħhom u juru li s-sustanzi jistgħu jintużaw b'mod sigur f'dossier tar-reġistrazzjoni ppreżentat lill-ECHA. Qabel ma tattribwixxi n-numru tar-reġistrazzjoni, l-ECHA tivverifika l-kompletezza tal-informazzjoni u l-ħlas tar-reġistrazzjoni. Ħafna mill-informazzjoni hija mbagħad imqassma lill-pubbliku fuq is-sit web tal-ECHA.

Minħabba l-proċess ta' reġistrazzjoni, l-ECHA għandha bażi ta' data unika dwar is-sustanzi kimiċi, li tista' tiġi utilizzata b'mod effiċjenti fi proċessi regolatorji ulterjuri, speċjalment fl-identifikazzjoni ta' jekk ċerti sustanzi kimiċi jixirqilhomx miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji applikabbli fl-UE kollha u fl-informazzjoni lill-pubbliku ġenerali. L-informazzjoni tar-reġistrazzjoni hija wkoll il-punt ta' tluq għall-kumpaniji biex jiżviluppaw l-iskedi ta' data ta' sigurtà tagħhom fejn huma jikkomunikaw il-kundizzjonijiet tal-użu sigur aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista u jagħmlu l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi realtà għal egħxieren ta' eluf ta' utenti downstream u l-klijenti tagħhom.

Fl-2014, dawn l-iskedi ta' data ta' sigurtà estiżi bdew jidhru fil-katina tal-provvista għal sustanzi rreġistrati sat-tieni skadenza tar-reġistrazjzoni tal-2013. L-esperjenza prattika li qiegħda ssir dejjem disponibbli eż. permezz tan-Netwerk tal-Iskambju tal-Partijiet interessati tal-ECHA dwar Xenarji tal-Espożizzjoni (ENES), ser ittejjeb dawn l-iskedi ta' data ta' sigurtà estiżi ġodda kif ukoll dawk għal sustanzi rreġistrati fl-2010. Għaldaqstant, huwa kruċjali li l-informazzjoni tar-reġistrazzjoni fin-naħa ta' fuq ta' din il-katina ta' komunikazzjoni tkun ta' kwalità adegwata biex tiżgura li l-miri prinċipali ta' REACH jintlaħqu. Fil-prattika, dan ifisser li l-informazzjoni tikkonforma mar-regolamenti, tajba għall-iskop u faċilment aċċessibbli għall-partijiet kollha. Pereżempju, l-awtoritajiet u l-utenti downstream, li jirċievu x-xenarji tal-espożizzjoni bħala parti mir-rapport dwar is-sigurtà kimika jew l-iskeda ta' data ta' sigurtà rispettivament, jistgħu jifhmu l-użijiet li huma koperti u l-kundizzjonijiet ta' użu sigur.

### 1. Suċċessi ewlenin fl-2014

***Reġistrazzjoni u preżentazzjonijiet tad-dossier***

**Reġistrazzjoni**

Fl-2014, ma kien hemm ebda skadenza ta' reġistrazzjoni għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali, u għaldaqstant tista' tiġi kkunsidrata sena regolari tal-implimentazzjoni REACH sa fejn l-attività tar-reġistrazzjoni hija kkonċernata. Madankollu, l-għadd ta' aġġornamenti kien ħafna iktar milli mistenni, l-aktar minħabba l-proattività tal-ECHA fit-titjib tal-kwalità tad-dossiers tar-reġistrazzjoni, speċjalment fiż-żona tal-identifikazzjoni tas-sustanza (ara hawn taħt).

L-ECHA irċeviet ħafna aktar dossiers milli mistenni, li 30% tagħhom kienu reġistrazzjonijiet ġodda. F'termini ta' sustanzi, 391 sustanza kienu rreġistrati għall-ewwel darba taħt REACH, li minnhom 240 kienu sustanzi mhux ta' introduzzjoni gradwali. Waqt l-iskrutinizzazzjoni tal-attività tar-reġistrazzjoni ta' kumpaniji ta' daqs differenti, kemm għal reġistrazzjonijiet kif ukoll aġġornamenti inizjali, il-proporzjon ta' kumpaniji kbar, żgħar u ta' daqs medju (SME) baqa' l-istess – 80/20 – bħal fl-2013. Għaldaqstant, jidher

li għad m'hemm l-ebda żieda fl-attività SME għal sustanzi li għandhom jiġu rreġistrati sal-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018.




Figura 1. Reġistrazzjonijiet riċevuti fl-2014.

Il-maġġoranza tar-reġistrazzjonijiet riċevuti fl-2014 kienu aġġornamenti u kienu jikkonċernaw l-aktar sustanzi ta' introduzzjoni gradwali. Minn dawn l-aġġornamenti, 91% saru spontanjament mir-reġistrant, tipikament bħala tweġiba għall-kampanja tal-ittra tal-ECHA dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi (ara t-Tabella 6 hawn taħt). Disgħa fil-mija tal-aġġornamenti kienu tweġiba għal deċiżjoni regolatorja mibgħuta mill-ECHA, bħal deċiżjoni dwar il-valutazzjoni tad-dossier jew deċiżjoni dwar talba għal kunfidenzjalità. Iż-żewġ raġunijiet prinċipali għal aġġornamenti spontanji kif irrappurtati mir-reġistranti nfishom kienu i) aġġornamenti wara l-kampanja tal-ittra tal-ECHA (35%) u ii) rapporti dwar is-sigurtà kimika (CSRs) ġodda jew aġġornati u gwida sussegwenti dwar l-użu sigur (20%).

Il-kumpaniji Kroati kellhom skadenza tar-reġistrazzjoni tranżitorja fl-1 ta' Lulju 2014. L-ECHA sostniethom permezz ta' workshops dedikati, paġni web speċifiċi u materjal tradott, kif ukoll sostenn dirett mill-kumpanija. Sal-iskadenza, kienu rreġistrati 60 sustanza minn 10 kumpaniji Kroati.

L-isforzi tal-ECHA biex ittejjeb il-proċess tar-reġistrazzjoni ffokaw fuq żewġ oqsma prinċipali fl-2014: fuq attivitajiet li jżidu l-kwalità tad-dossier u fuq l-istabbiliment ta' bażi għall-preparazzjoni tal-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018.

Fir-rigward tal-kwalità tad-dossier, l-isforzi tal-ECHA kkonċentraw fuq it-titjib tal-identifikazzjoni tas-sustanzi fid-dossiers. Biex tasal għal dan, l-ECHA mexxiet kampanja fejn intbagħtu 1 350 ittra lil reġistranti b'osservazzjonijiet dwar anomaliji potenzjali fl-identifikazzjoni ta' sustanzi fid-dossiers tar-reġistrazzjoni tagħhom. Bħala riżultat, l-identifikazzjoni tas-sustanzi f'dossiers immirati tjiebet sostanzjalment minħabba li aktar minn 75% tad-dossiers kienu aġġornati sa tmiem is-sena.

Infatti, l-effetti tal-kampanja waslu iktar lil hinn mir-reġistranti li rċevew l-ittra, minħabba li 800 dossier addizzjonali mhux immirati mill-kampanja, kienu wkoll aġġornati meta l-kumpaniji tgħallmu dwar l-attivitajiet tal-ECHA permezz ta' reġistranti oħra jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom. Dan jittraduċi f'effiċjenza aħjar fi proċessi regolatorji sussegwenti, minħabba li l-identifikazzjoni mhux ambigwa tas-sustanzi hija prerekwiżit għalihom. Ċerti dossiers, fejn anomaliji tal-identifikazzjoni tas-sustanzi tqiesu li kellhom effett sinifikanti fuq l-użu sigur, kienu mmirati għal kontroll ta' konformità.

Bħala evidenza ulterjuri fuq l-impatt tal-kampanji tal-ittra, l-ewwel kampanja ta' skrining tad-dossiers tar-reġistrazzjoni għal sustanzi intermedji mmexxija fl-2012 tidher li kellha impatt ċar fuq il-kwalità ta' dawk id-dossiers ippreżentati għall-iskadenza tal-2013. L-għadd ta' anomaliji fid-deskrizzjoni tal-użu f'dossiers tar-reġistrazzjoni għal sustanzi intermedji fl-2014 tant kien baxx li ma kien hemm ebda ħtieġa li l-eżerċizzju jerġa' jsir.

Xogħol li sar f'attivitajiet ta' skrining u valutazzjoni jagħti lill-ECHA informazzjoni ta' valur dwar kif l-aħjar tkun ta' sostenn għal kumpaniji sabiex ikunu jistgħu huma stess itejbu l-kwalità tad-dossiers tagħhom. L-istess bħal fil-kontroll għal użijiet intermedji, il-kontrolli dwar l-identifikazzjoni tas-sustanza kienu inklużi fl-Assistent għall-Validazzjoni li jikkombina l-għodda teknika preċedenti għall-kontroll tal-kompletezza u l-assistent għall-kwalità tad-dossier. Il-verżjoni aġġornata tal-għodda kienet rilaxxata fir-rebbiegħa fl-2014. Il-vantaġġ b'din l-għodda hija li l-kumpaniji jistgħu jikkontrollaw id-dossier tagħhom f'daqqa kemm għal kompletezza kif ukoll għal anomaliji potenzjali iktar komuni osservati qabel ma jibagħtu d-dossier tagħhom lill-ECHA, biex b'hekk ikun hemm iktar effiċjenza kemm għal awtoritajiet kif ukoll għalihom stess.

Fl-aħħar, il-pjan tal-proġett tal-ECHA dwar ir-regoli tal-kontroll tal-kompletezza teknika riveduti kien approvat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, u l-implimentazzjoni teknika għal inklużjoni fil-bażi ta' data Internazzjonali tal-Informazzjoni Kimika (IUCLID) 6 ser isseħħ fl-2015. Il-prattikabbiltà li jitwettqu wkoll kontrolli manwali matul il-proċess tal-kontroll tal-kompletezza, speċjalment dwar il-parti tal-identifikazzjoni tas-sustanzi, kienet analizzata kif ippjanata, bl-iskop li d-diskussjoni tiġi konkluża f'Marzu 2015.

Sabiex issir preparazzjoni għar-reġistrazzjoni b'suċċess ta' sustanzi manifatturati jew importati bejn 1-100 tunnellata metrika kull sena sal-aħħar skadenza tar-reġistrazzjoni f'Mejju 2018, l-ECHA ħolqot pjan direzzjonali għall-azzjonijiet ippjanati tagħha. L-ECHA tippjana li ttejjeb l-għodod tal-IT, il-proċessi u sostenn tal-kumpanija għar-reġistranti tal-2018 f'diversi modi fl-2015-2018, speċjalment meta wieħed jiftakar l-isfidi tal-SMEs. Id-dokument tal-pjan direzzjonali saritlu konsultazzjoni estensiva tal-partijiet interessati sabiex kien żgurat li l-kwistjonijiet u s-soluzzjonijiet kienu identifikati b'mod korrett. Bħala l-ewwel eżitu konkret, l-ECHA ippubblikat il-paġni web REACH 2018 f'Ottubru 2014, fejn spjegat seba' stadji għar-reġistrazzjoni b'suċċess ta' REACH.

### Tipi oħra ta' preżentazzjonijiet ta' dossiers, inklużi dossiers tal-bijoċidi u notifikazzjonijiet PIC

REACH jippermetti l-eżenzjoni mir-reġistrazzjoni għal sustanzi użati f'riċerka u żvilupp orjentati lejn prodotti u proċessi, jekk dawn l-attivitajiet jiġu notifikati lill-ECHA (magħrufa bħala notifikazzjonijiet PPORD). L-ECHA tista' tivvalutahom u timponi kundizzjonijiet u, meta jiġi mitlub l-ipprolongar, tagħti estensjoni għall-eżenzjoni, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Fl-2014, kien stabbilit u maqbul mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri proċess effiċjenti biex jiġu vvalutati notifikazzjonijiet PPORD, billi ġiet stabbilita u elenkata informazzjoni rilevanti meħtieġa kemm għal estensjonijiet kif ukoll biex jiġu imposti kundizzjonijiet.

Fl-2014, l-ECHA irċeviet qrib 250 notifikazzjoni PPORD. Kważi 70% minnhom kienu għal sustanzi li għadhom ma ġewx irreġistrati minn xi kumpanija oħra. Sustanzi kimiċi fini rrappreżentaw kważi nofs in-notifikazzjonijiet b'sustanzi li huma użati biex jimmanifatturaw farmaċewtiċi u bijofarmaċewtiċi (30%), u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew agrokimiċi speċjali oħra (10%). Sustanzi kimiċi speċjalizzati rrappreżentaw madwar 40% tan-notifikazzjonijiet. In-notifikazzjonijiet li baqa' koprew petrokimiċi, olejokimiċi u setturi oħra tal-enerġija. Sa tmiem l-2014, l-ECHA kienet irċeviet reġistrazzjonijiet għal kważi 20% tas-sustanzi li kienu notifikati bħala PPORD fi snin preċedenti. Fl-aħħar, l-ECHA indunat li l-eżenzjoni PPORD tintuża minn relattivament

numru żgħir ta' kumpaniji fl-Ewropa (~350) li huma tipikament kbar. Għaldaqstant, fl-2014, l-ECHA investiet fil-komunikazzjoni dwar l-eżenzjoni PPORD u fl-iżvilupp ta' materjal ta' sostenn iktar orjentat lejn SME (ara l-Attività 5).

Il-preżentazzjoni ta' dossiers tal-bijoċidi tjiebet ħafna fl-2014, kemm minn perspettiva tal-industrija kif ukoll minn waħda tal-ECHA, hekk kif kienu ppubblikati verżjonijiet ġodda tal-għodda tar-Reġistru għal Prodotti Bijoċidali (R4BP) (ara l-Attività 6). Għal preżentazzjonijiet li jirrelataw mar-Regolament PIC, intlaħaq punt maġġuri fit-2 ta' Settembru meta kienet rilaxxata l-għodda l-ġdida ta' preżentazzjoni ePIC, li ssostitwiet is-sistema tal-bażi ta' data Ewropea antika tal-Esportazzjoni u l-Importazzjoni ta' Sustanzi Kimiċi Perikolużi (EDEXIM). Dan ippermetta lill-ECHA timmaniġġja b'suċċess iż-żieda qawwija ta' tmiem is-sena fin-notifikazzjonijiet (ara l-Attività 17).

### *Programm tal-Iżvilupp tal-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika (CSA)*

In-netwerk ta' Skambju dwar Xenarji tal-Espożizzjoni (ENES) kompla, kif ukoll pjattaforma stabbilita tajjeb għall-iżvilupp u l-kondiviżjoni ta' ideat dwar l-aħjar prattika dwar xenarji tal-espożizzjoni u l-komunikazzjoni tagħhom fil-katina tal-provvista. In-netwerk huwa ċentrali għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali bejn il-partijiet interessati tar-Rapport dwar is-Sigurtà Kimika/Xenarju tal-Espożizzjoni (CSR/ES) li jistabbilixxi l-prijoritajiet maqbula mill-ECHA u mill-partijiet interessati tagħha għat-titjib tal-użu sigur ta' sustanzi kimiċi. Ix-xogħol ipprogressa fuq diversi aspetti fl-2014.

F'termini ta' komunikazzjoni fil-katina fil-provvista, il-pubblikazzjoni ta' eżempji u matriċi mill-ECHA fl-2014 kienet pass maġġuri lejn it-titjib tal-konsistenza kemm tal-format kif ukoll tal-istruttura tax-xenarji tal-espożizzjoni li huma kkomunikati lil utenti downstream. L-ECHA ikkontribwiet ukoll ħafna għall-proġett ESCom immexxi mill-industrija li, permezz tal-iżvilupp ta' katalgu ta' frażijiet standard għall-immaniġġar tar-riskji, u format elettroniku, jippermetti lill-industrija tikkomunika dawn il-frażijiet fix-xenarji tal-espożizzjoni tagħha b'mod awtomatizzat u konsistenti. Barra minn hekk, l-e-Guide dwar kif tirċievi skedi ta' data ta' sigurtà ippubblikati mill-ECHA kienet mezz ġdid biex tispjega lil utenti downstream, f'format faċilment aċċessibbli, l-essenzjali ta' skedi ta' data ta' sigurtà u xenarji tal-espożizzjoni. Il-matriċi, il-frażijiet armonizzati u l-istruzzjonijiet dwar kif taqra xenarji tal-espożizzjoni ser jgħinu ħafna lil utenti finali jifhmu l-informazzjoni dwar l-immaniġġar tar-riskji kkomunikata mill-fornituri tagħha u biex fl-aħħar mill-aħħar iqiegħdu fis-seħħ miżuri aħjar dwar l-immaniġġjar tar-riskji.

Barra minn hekk, l-iżvilupp tal-metodoloġija għall-konverżjoni ta' informazzjoni REACH li tirrelata ma' sustanzi f'pariri dwar l-użu sigur ta' taħlitiet tkompla matul is-sena. Attivitajiet fil-qasam tal-komunikazzjoni tal-katina tal-provvista fittxew li jintegraw attivitajiet u obbligi tal-utent downstream REACH ma' rekwiżiti legali oħra dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, is-saħħa u l-ambjent, minħabba li dan l-approċċ x'aktarx ikun effettiv ma' utenti ta' sustanzi kimiċi.

Fi qbil mal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Pjan Direzzjonali CSR/ES, l-ECHA bdiet ukoll taħdem fuq mapep ta' użu aħjar. Bihom, huwa previst li setturi tal-utent downstream ikunu jistgħu jipprovdu input iktar ċar u preċiż għall-valutazzjonijiet dwar is-sustanzi kimiċi tar-reġistranti, li wkoll jirriżultaw f'pariri iktar ċari u aktar utli dwar il-kundizzjonijiet tal-użu sigur ipprovduti minn reġistranti. Sabiex titjieb l-informazzjoni ppreżentata mir-reġistranti lill-ECHA, fl-2014 sar sforz maġġuri fl-iżvilupp ta' struttura internazzjonalment maqbula għar-rappurtaġġ tal-informazzjoni tal-użu u tal-espożizzjoni permezz ta' matriċi ġdida armonizzata fl-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD). Dawn l-oqsma strutturati ser jiġu implimentati f'IUCLID 6. Inbeda wkoll xogħol għat-titjib tat-trasparenza tal-informazzjoni ta' valutazzjoni għal każijiet kumplessi f'IUCLID.

Għas-sostenn aħjar ta’ reġistranti biex itejbu l-valutazzjonijiet tagħhom dwar is-sigurtà kimika, l-ECHA żviluppat pjan biex taġġorna l-Gwida li tirrelata għall-valutazzjoni tas-sigurtà kimika tal-ECHA fl-2014. L-iskop hu li l-materjal ta’ sostenn disponibbli jiġi simplifikat u jagħti iktar enfasi għall-immaniġġjar tar-riskji. Il-pjan jinkludi wkoll il-ġenerazzjoni ta’ aktar eżempji u matriċi biex jiġu illustrati l-kunċetti differenti.

### *Il-kondiviżjoni tad-data u l-identifikazzjoni tas-sustanzi*

Qabel ir-reġistrazzjoni, il-kumpaniji jeħtieġu li jippreżentaw domanda jew prereġistrazzjoni tard sabiex jiġu f’kuntatt ma’ reġistranti oħrajn potenzjali u eżistenti sabiex ikunu jistgħu jikkondividu d-data meħtieġa għar-reġistrazzjoni. Fl-2014, id-domandi daħlu bi fluss kontinwu. Minnhom, 61% kienu domandi tal-bidu u 39% kienu preżentazzjonijiet mill-ġdid minħabba li l-ECHA ma setgħetx tidentifika immedjatament liema sustanza kienet titratta d-domanda minħabba data nieqsa jew inkonsistenti. Madankollu, il-proporzjon ta’ domandi aċċettati mal-ewwel preżentazzjoni kompla jiżdied minħabba li kumpaniji huma aħjar biex jidentifikaw is-sustanzi tagħhom mingħajr ambigwità. Bħala novità, minbarra l-proċess normali fejn l-industrija tiġi pprovduta bid-data ppreżentata iktar minn 12-il sena qabel għal domandi mingħajr ħlas, l-ECHA bdiet tagħmel dan ukoll għal kumpaniji li talbu l-informazzjoni għal skopijiet read-across.

B’kollox, kienu ppreżentati domandi għal 575 sustanza individwali fl-2014, l-iktar minn kumpaniji kbar (80%) u f’aktar minn 50% tal-każijiet għal sustanzi importanti fl-UE (30% tal-kumpaniji kienu importaturi u 23% rappreżentanti uniċi). Aktar minn nofs id-domandi ppreżentati fl-2014 kienu għal sustanzi mhux ta’ introduzzjoni gradwali, proporzjon li jidher li qiegħed idur madwar il-50% matul is-snin. Meta wieħed josserva x-xejra tul is-snin, jidher li żewġ terzi tad-domandi fl-aħħar iwasslu għar-reġistrazzjoni tas-sustanza. Id-dewmien jista’ jkun kemmxejn twil, minħabba li għal domandi ppreżentati fl-2014 madwar 50% biss kienu rreġistrati fl-istess sena.

Argumenti dwar il-kondiviżjoni tad-data waslu f’numri żgħar kif mistenni għal sena b’ebda skadenza tar-reġistrazzjoni. Matul is-sena, riżorsi dwar il-kondiviżjoni tad-data kienu mmirati għall-iżvilupp ta’ materjal ta’ sostenn għall-iskadenza tal-2018 bl-iskop li jiġu kkjarifikati l-istadji għal negozjati ta’ suċċess dwar il-kondiviżjoni tad-data bejn il-kumpaniji sa fejn jista’ jkun. Speċifikament, l-ECHA ippubblikat id-deċiżjonijiet kollha dwar argumenti li jitrattaw il-kondiviżjoni tad-data maħruġa s’issa fuq is-sit web tagħha biex tippermetti skrutinju trasparenti tagħhom.

Ammont sinifikanti ta’ riżorsi dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi kienu kanalizzati fil-kampanja tal-ittra li kienet timmira l-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi f’dossiers tar-reġistrazzjoni u għas-sostenn ta’ proċessi ta’ valutazzjoni u mmaniġġjar tar-riskji (ara l-Attivitajiet 2-4). Madankollu, saru wkoll sforzi fil-qasam tal-identifikazzjoni tas-sustanzi għall-kjarifikazzjoni tal-approċċ għal sustanzi simili, fejn sar progress: il-proposta tal-ECHA ġiet diskussa f’workshop u qiegħda fil-preżent tiġi ttestjata minn diversi setturi prattikanti tal-industrija. Barra minn hekk, l-ECHA ikkontribwiet għall-istudju tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-identifikazzjoni ta’ sustanzi UVCB, proġett li hu mistenni jiġi finalizzat fl-2015 u jagħti tagħrif utli wkoll f’konklużjonijiet dwar sustanzi simili.

### *Tqassim tal-informazzjoni – aċċess elettroniku pubbliku għall-informazzjoni*

It-tqassim tal-informazzjoni mid-dossiers tar-reġistrazzjoni kien attività stabbli għal żmien mhux ħażin. Madankollu, iż-żmien medjan mir-reġistrazzjoni sat-tqassim tjieb b’mod konsistenti u fl-2014 ħa fuq medja 26 jum biss biex tiġi ppubblikata informazzjoni minn dossier tar-registrazzjoni. It-titjib tal-infrastruttura ta’ tqassim ippermetta wkoll pubblikazzjoni effiċjenti ħafna ta’ data għal bijoċidi. Fl-2014, tipikament fi żmien jumejn

minn meta kombinazzjoni ta’ tip ta’ prodott ta’ sustanza attiva ġie immarkat fil-bażi ta' data bħala approvat, jew fi żmien jumejn minn meta awtorizzazzjoni ta’ prodott ġiet indikata bħala mogħtija fil-bażi ta' data, l-informazzjoni rilevanti kienet ippubblikata fuq is-sit web tal-ECHA. Il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni mis-sit web ta’ tqassim tal-ECHA kienet illinkjata mal-Portal Globali ta’ Informazzjoni dwar Sustanzi Kimiċi tal-OECD (eChemPortal).

L-2014 kienet ukoll is-sena ta’ żvilupp għas-sit web rinovat ta’ tqassim tal-informazzjoni li hu ppjanat li jiġi ppubblikat fl-2015. Diversi aspetti tal-websajt il-ġdid, bħall-karti ta’ informazzjoni dwar is-sustanzi u profili qosra kienu kkonsultati ħafna mill-partijiet interessati tal-ECHA. B’mod speċifiku, l-ECHA organizzat workshop għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, l-industrija u partijiet interessati NFOs dwar kif jiddiżinjaw aċċess utli u faċli għall-utenti għal informazzjoni dwar sustanzi biex tintuża minn ċittadini tal-UE. Fuq il-bażi tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet mill-workshop, l-ECHA qiegħda fil-preżent tipproċedi bl-iżvilupp tal-istruttura tal-profili qosra li għandha tiġi inkorporata fis-sit web il-ġdid ta’ tqassim tal-informazzjoni fl-2015.

B’mod parallel għat-tqssim ta’ dossier, it-talbiet għal kunfidenzjalità magħmula mir-reġistranti fid-dossier tagħhom għandhom jiġu vvalutati. Il-livell ta’ din l-attività kien baxx għad-dossiers bi skadenza fl-2013, għaldaqstant it-talbiet kollha introdotti fl-2013 (476 talba) kienu vvalutati. Dawn ikkonċernaw l-aktar l-isem tal-kumpanija (26%), il-limitu ta’ tunnellaġġ tal-kumpanija għas-sustanza (25%) u l-isem IUPAC tas-sustanza (21%). Fi 80% tal-każijiet, it-talba kienet aċċettata filwaqt li kienet mitluba iktar informazzjoni f’ 20% tal-każijiet li jwasslu għal deċiżjoni finali fl-2015. B’kollox, l-ECHA ivvalutat 636 talba għall-kunfidenzjalità, inklużi 160 każ fejn aktar informazzjoni għas-sostenn tat-talbiet ġiet mitluba mir-reġistrant fl-2013. Minn dawk fejn kienet mitluba aktar informazzjoni, 41% tat-talbiet kienu aċċettati fuq il-bażi ta’ informazzjoni addizzjonali, 43% kienu rifjutati (l-aktar talbiet għall-kunfidenzjalità dwar l-isem IUPAC), u 16% kienu rtirati mir-reġistrant.

L-ECHA ivverifikat ukoll l-ismijiet pubbliċi kollha pprovduti minn kumpaniji fejn jiddikjaraw l-isem sħiħ ta’ sustanza perikoluża bħala kunfidenzjali, u żgurat li xorta jkun possibbli li l-karatteristiċi perikolużi tas-sustanza jiġu dedotti għalkemm l-identità kimika sħiħa tkun moħbija.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Id-dossiers kollha REACH, CLP, tal-bijoċidi u PIC, domandi u disputazzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-data jgħaddu mill-kontrolli meħtieġa u jittieħdu d-deċiżjonijiet rispettivi, u jiġu vvalutati l-kljems għal kunfidenzjalità, skont il-proċeduri standard, biex b’hekk tkun żgurata identifikazzjoni f’waqtha tad-dossiers problematiċi sabiex jiġu stimolati l-aġġornamenti tagħhom u jkollhom impatt fuq il-kwalità tad-data, u fi ħdan l-iskadenzi legali jew il-miri interni stabbiliti.

2. Deċiżjonijiet huma ġustifikati tajjeb u ta’ kwalità teknika u xjentifika għolja.

3. Il-partijiet interessati u l-pubbliku għandhom aċċess faċli għal informazzjoni mid-dossiers kollha ta’ sustanzi rreġistrati u notifikazzjonijiet dwar Klassifikazzjoni u Ttikkettar (C&L), kif ukoll minn dossiers dwar il-bijoċidi fi żmien raġjonevoli wara r-reġistrazzjoni/ l-preżentazzjoni ta’ notifikazzjonijiet.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Perċentaġġ ta' reġistrazzjonijiet, notifikazzjonijiet PPORD, applikazzjonijiet tal-bijoċidi u notifikazzjonijiet PIC ipproċessati fiż-żmien legali. | 100% | 100% |
| Perċentaġġ ta' domandi konklużi fil-qafas ta' żmien intern (20 jum utli). | 80% | 85% |
| Perċentaġġ ta' disputazzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-data konkluż fil-qafas ta' żmien legali/intern. | 100% | 100% |
| Firxa tal-pubblikazzjoni ta' dossiers tar-reġistrazzjoni ppreżentati b'suċċess sal-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-31 ta' Mejju 2013. | 98% | 100% |
| Livell ta' sodisfazzjon tal-partijiet interessati bil-preżentazzjoni tad-dossier u bl-attivitajiet ta' tqassim tal-informazzjoni tal-ECHA, kif ukoll bl-attivitajiet tal-ECHA dwar it-titjib tal-kwalità ta' CSRs u x-xenarji tal-espożizzjoni għal komunikazzjoni. | Għolja | Għolja |

## 3. Riżultati prinċipali

*Reġistrazzjoni u preżentazzjonijiet tad-dossiers (ara t-tabelli hawn taħt)*

- Ittieħdu 48 deċiżjoni dwar PPORDs.
- 2 094 applikazzjoni tal-bijoċidi (applikazzjonijiet għal sustanzi attivi ġodda, tiġdid jew reviżjoni, awtorizzazzjonijiet tal-Unjoni ta' prodotti) kienu pproċessati u mibgħuta lill-Istati Membri.
- Kienu pproċessati 4 678 notifikazzjoni PIC.
- Il-pjan Direzzjonali għall-iskadenza tar-reġistrazzjoni 2018 kien approvat mill-partijiet interessati.

*Il-kwalità tad-dossier*

- Il-pjan għall-aġġornament tal-kontroll tal-kompletezza kien abbozzat u ppreżentat lil CARACAL u lill-Bord ta' Tmexxija tal-ECHA.
- L-aġġornament tal-Assistent għall-Kwalità tad-Dossier, u l-integrazzjoni tiegħu fl-Assistent għall-Validazzjoni kienu ppubblikati.
- Id-dossiers għal sustanzi rreġistrati bħala sustanzi intermedji fl-2013 kienu verifikati iżda l-livell ta' nuqqasijiet identifikati kien baxx u ma kien jeħtieġ ebda azzjoni.
- L-identifikazzjoni tas-sustanzi kienet ikkontrollata fir-reġistrazzjonijiet kollha ppreżentati mill-2008 u kienet prijoritizzata firxa ta' dossiers għall-kampanja tal-ittra.
- Kienet ippjanata serje ta' azzjonijiet biex tindirizza l-kwalità tal-identifikazzjoni tas-sustanzi bħala parti mir-reviżjoni tal-proċess għall-kontroll tal-kompletezza u tal-Pjan Direzzjonali tal-2018.

- Tqiegħed fis-seħħ il-kwadru ta' għodod ta' skrining/prijoritizzazzjoni.

*Programm CSA*

- Ippubblikat it-tieni pjan ta' implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali CSR/ES.
- Xenarju tal-espożizzjoni għal komunikazzjoni: Eżempji illustrati u matriċi annotati ppubblikati. Ippubblikata l-gwida dwar l-iżvilupp ta' titoli qosra strutturati għal Xenarji tal-Espożizzjoni.
- Ippubblikata e-Gwida dwar skedi ta' data ta' sigurtà u xenarji tal-espożizzjoni.
- Saret proposta għal data strutturata CSR bħala matriċi armonizzata OECD, ġiet ikkompletata minn ċerti partiti speċifiċi għal REACH li ser jiġu implimentati f'IUCLID.
- Kienu żviluppati u kkonsultati mal-industrija eżempji biex juru kif l-iskalar jista' jiġi implimentat f'CSR.
- Saret inkjesta ta' utenti downstream (DUs) dwar l-esperjenza tagħhom fil-preparazzjoni ta' rapporti dwar is-sigurtà kimika tal-utenti downstream u dan l-input informa dwar l-iżvilupp ta' Gwida Prattika dwar CSR tal-utent downstream.
- Ġie maħsub approċċ sistematiku għall-kontroll ta' konformità tar-rapport dwar is-sigurtà kimika ppreżentat mad-dossier tar-reġistrazzjoni.

*L-identifikazzjoni tas-sustanzi u l-kondiviżjoni tad-data*

- Bejn wieħed u ieħor kienu pproċessati 1 500 domanda ġdida fil-kwadru taż-żmien immirat u, meta aċċetati, ingħataw numru tad-domanda (ara t-test).
- Kienu riżolti ħames disputazzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-data REACH.

*Tqassim tal-informazzjoni*

- Mill-2013 saret valutazzjoni inizjali ta' 456 talba għal kunfidenzjalità.
- Informazzjoni mir-reġistrazzjoni, mill-inventarju C&L u mid-dossiers tal-bijoċidi kienet ippubblikata fuq is-sit web tal-ECHA. Informazzjoni mid-dossiers tar-reġistrazzjoni kienet marbuta mal-eChemPortal tal-OECD.

TABELLA 3: NUMRU TA’ DOSSIERS (INKLUŻI AĠORNAMENTI) PPREŻENTATI (INPUT) FL-2014 KIF IPPARAGUNAT MAL-ESTIMI TAT-TAGĦBIJA TAX-XOGHOL FIL-PROGRAMM TA’ ĦIDMA 2014

| Tip ta' Dossier | Attwali | Estimi tal-WP 2014 |
|---|---|---|
| **Reġistrazzjonijiet** | 9 001 | 5800 |
| Reġistrazzjonijiet kompleti | 7 615 | - |
| Sustanzi Intermedji Iżolati Ttrasportati | 990 | - |
| Sustanzi Intermedji Iżolati Fuq il-Post | 396 | - |
| **Tipi oħra ta' dossiers** | | |
| Notifikazzjonijiet PPORD | 234 | 300 |
| Domandi (li jinkludu aġġornamenti) | 1 488 | - |

TABELLA 4: TIPI TA' DOSSIERS TA' REĠISTRAZZJONIJIET ĠODDA FL-2014

| | Total | Mhux ta' introduzzjoni gradwali | Ta' introduzzjoni gradwali |
|---|---|---|---|
| Reġistrazzjonijiet | 2 088 | 387 | 1 701 |
| Sustanzi Intermedji Iżolati Ttrasportati | 515 | 163 | 352 |
| Sustanzi Intermedji Iżolati Fuq il-Post | 135 | 63 | 72 |
| **Total** | 2 738 | 613 | 2 125 |

TABELLA 5: DAQSIJIET TAL-KUMPANIJA TAR-REĠISTRANTI LI JIPPREŻENTAW REĠISTRAZZJONIJIET ĠODDA FL-2014

| Total | Kbira | Medja | Żgħira | Mikro |
|---|---|---|---|---|
| 2 738 | 80.6% | 10.3% | 5.7% | 3.4% |

TABELLA 6: TIPI TA' DOSSIER TA' AĠĠORNAMENTI TAR-REĠISTRAZZJONI FL-2014

| | Total | Mhux ta' introduzzjoni gradwali | Ta' introduzzjoni gradwali | NONS |
|---|---|---|---|---|
| Reġistrazzjonijiet kompleti | 5 657 | 262 | 5 099 | 296 |
| Sustanzi intermedji iżolati ttrasportati | 484 | 48 | 414 | 22 |
| Sustanzi intermedji iżolati fuq il-Post | 256 | 6 | 250 | 0 |
| **Total** | 6 397 | 316 | 5 763 | 318 |

TABELLA 7: TIPI TA' AĠĠORNAMENT TA' DOSSIERS TAR-REĠISTRAZZJONI AĠĠORNATI FL-2014

| | Total | REACH | NONS |
|---|---|---|---|
| Aġġornamenti li jsegwu l-komunikazzjoni regolatorja | 510 | 474 | 36 |
| Aġġornamenti spontanji | 5 887 | 5 605 | 282 |
| **Total** | 6 397 | 6 079 | 318 |

TABELLA 8: RAĠUNIJIET EWLENIN IDENTIFIKATI GĦAL AĠĠORNAMENTI SPONTANJI FL-2014.

| | REACH | NONS |
|---|---|---|
| Tibdil fil-klassifikazzjoni u l-ittikkettar | 5% | 8% |
| Tibdil fl-irwol tal-kumpanija fil-katina tal-provvista | 1% | 1% |
| Tibdil fil-kompożizzjoni tas-sustanza | 7% | 3% |
| Tibdil fl-aċċess mogħti għal informazzjoni | 0% | 1% |
| Tibdil fil-limitu ta' tunnellaġġ | 9% | 37% |
| Użijiet ġodda identifikati | 8% | 5% |
| Għarfien ġdid dwar ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u/jew għall-ambjent | 4% | 5% |
| CSR ġdid jew aġġornat u gwida dwar l-użu sigur | 20% | 12% |
| Oħrajn (eż. kampanja dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi) | 46% | 28% |

## 1.2. Valutazzjoni (Attività)

Il-valutazzjoni tad-dossier tinvolvi kemm l-eżaminazzjoni ta' proposti ta' ttestjar kif ukoll kontrolli ta' konformità. L-iskop tal-kontroll ta' konformità hu li jiġi eżaminat jekk id-dossiers tar-reġistrazzjoni jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-informazzjoni tar-Regolament REACH, filwaqt li l-eżaminazzjoni tal-proposti ta' ttestjar timmira li tiżgura li l-informazzjoni ġġenerata dwar sustanza partikolari tkun maqtugħa għal ħtiġijiet reali tal-informazzjoni u li jiġi evitat l-ittestjar mhux neċessarju fuq l-annimali.

Il-valutazzjoni tas-sustanzi timmira li tiġbor l-informazzjoni sabiex jiġi kkjarifikat jekk sustanza tikkostitwix tħassib għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Il-valutazzjonijiet tas-sustanzi jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri (MSCAs) u jinvolvu valutazzjoni tal-informazzjoni kollha disponibbli u talbiet għal aktar informazzjoni minn reġistranti, jekk xieraq. Il-punt ta' tluq għall-valutazzjoni tas-sustanzi huwa l-pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju (CoRAP) għal sustanzi soġġetti għall-valutazzjoni tas-sustanzi. Il-valutazzjoni tas-sustanzi tgħaqqad b'mod effettiv il-mira strateġika tal-ECHA għat-titjib tal-kwalità ta' dossiers tar-reġistrazzjoni ma' mira strateġika oħra, u tiżgura użu intelliġenti ta' data għall-immaniġġjar regolatorju effettiv tas-sustanzi kimiċi.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

#### *Il-valutazzjoni tad-dossier*

Fl-2014, l-enfasi tal-valutazzjoni tad-dossier mexa minn kontroll ta' konformità għal eżaminazzjoni tal-proposta ta' ttestjar biex ikun żgurat li tintlaħaq il-linja ta' żmien legali (1 ta' Ġunju 2016) għal konklużjoni dwar proposti ta' ttestjar mill-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2013. L-ECHA ikkonkludiet 228 eżaminazzjoni u qabżet l-aspettativa tagħha fir-rigward tal-proposti ta' ttestjar tal-2013.

Taħt kontroll ta' konformità, l-ECHA kompliet l-għażla aħjar bl-assistenza tal-kompjuter ta' dossiers tar-reġistrazzjoni għal kontrolli tal-konformità immirati fuq punti finali ta' prijorità sabiex jiġu indirizzati nuqqasijiet ta' konformità serji f'aktar minn 1 000 tunnellata metrika kull sena u dossiers ta' 100-1 000 tunnellata metrika kull sena. L-ECHA kompliet ukoll teżamina l-konformità tad-dossiers kollha – jew fuq il-bażi ta' għażla aleotorja jew bl-użu ta' kriterji b'bażi ta' tħassib. F'każijiet magħżula, u meta istigati minn evidenza ta' nuqqas ta' konformità, il-kontroll inkluda wkoll ir-rapport dwar is-sigurtà kimika (CSR). B'kollox ma' kollox, l-ECHA kisbet aktar esperjenza fil-kontroll ta' konformità ta' CSR, u setgħet tikseb feedback mill-Istati Membri fit-teħid tad-deċiżjoni ta' deċiżjonijiet relatati. Fuq din il-bażi, kien żviluppat approċċ sistematiku għall-kontroll ta' konformità tar-rapporti dwar is-sigurtà kimika ppreżentati mad-dossier tar-reġistrazzjoni fuq il-bażi tal-esperjenza miġbura matul il-fażijiet ta' valutazzjoni u teħid ta' deċiżjoni, it-titjib tal-effettività, l-effiċjenza u l-konsistenza tal-valutazzjoni ta' CSRs.

L-ECHA kellha tagħti riżorsi importanti għat-teħid tad-deċiżjoni finali dwar deċiżjonijiet ta' abbozz maħruġa fi snin preċedenti. 70% tad-deċiżjonijiet dwar kontroll tal-konformità ttieħdu mingħajr proposti għal emendi mill-MSCAs. Għall-proposti ta' ttestjar, 53% ittieħdu mingħajr referenza għall-Kumitat tal-Istati Membri (MSC) minħabba li l-MSCAs ma pproponewx emendi.

L-ECHA wettqet ukoll valutazzjonijiet ta' segwitu, fejn eżaminat jekk ir-reġistranti kinux ipprovdew l-informazzjoni mitluba fid-deċiżjonijiet tal-ECHA. Kienet osservata żieda ħarira fil-konformità meta mqabbla mas-sena preċedenti.

Fl-2014, l-ECHA użat l-esperjenza estensiva tagħha ta' kontrolli tal-konformità biex tirfina l-approċċ, il-prijoritajiet u l-miri ġenerali għall-valutazzjoni tad-dossier. Fuq il-bażi ta' reviżjoni interna u konsultazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-partijiet interessati f'workshop dedikat u f'laqgħa tal-awtoritajiet kompetenti, l-ECHA żviluppat strateġija ġenerali għal konformità għall-perjodu-2015-2018. L-approċċ rivedut għall-kontroll tal-konformità[4] tal-ECHA kellu l-approvazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-ECHA f'Settembru 2014 u ser jiġi implimentat mill-2015 'il quddiem. Skont l-approċċ ġdid l-ECHA ser timmassimizza l-impatt tal-kontroll ta' konformità fuq l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi, billi ttejjeb l-għażla ta' sustanzi ta' tħassib u billi tikkoordina aħjar miżuri REACH u CLP differenti sabiex tindirizza dan it-tħassib b'mod effettiv.

Minkejja l-progress li sar fl-emenda ppjanata tar-rekwiżiti legali fuq l-ittestjar tat-tossiċità riproduttiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Kumitat tal-Istati Membri komplew ma jaqblux dwar il-metodu ta' ttestjar xieraq. Bħala riżultat, mill-2011 sal-2014, b'kollox 33 deċiżjoni ta' abbozz dwar kontrolli ta' konformità u 183 deċiżjoni ta' abbozz dwar proposti ta' ttestjar ġew riferiti lill-Kummissjoni sabiex tittieħed deċiżjoni.

L-ECHA għamlet progress f'dawn is-suġġetti daqshekk xjentifikament kumplessi bħan-nanomaterjali, l-integrazzjoni ta' metodi ta' ttestjar rilevanti fir-rekwiżiti tal-informazzjoni REACH u fil-valutazzjoni read-across.

### *Il-valutazzjoni tas-sustanzi*

#### Il-pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju

L-ECHA ippubblikat it-tieni aġġornament għall-pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju li jkopri s-snin 2014–2016 f'Marzu 2014. Il-CoRAP (2014-2016) jikkontjeni 120 sustanza ddistribwiti fost 20 Stat Membru: 52 sustanza diġà inklużi fl-aġġornament preċedenti u 68 sustanza ġdida allokata.

Il-preparazzjoni tal-aġġornament tal-CoRAP li jmiss (2015-2017) kienet ibbażata għall-ewwel darba fuq skrining komuni ta' sustanzi rreġistrati li jservi u jiżgura koordinazzjoni fost proċessi REACH u CLP: il-valutazzjoni tas-sustanzi, klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati, awtorizzazzjoni u restrizzjoni. Ippermetta wkoll l-identifikazzjoni ta' dossiers kandidati għal kontroll ta' konformità. L-iskrining komuni ġie żviluppat u implimentat f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri u huwa deskritt b'mod ulterjuri taħt l-Attività 3. Minbarra l-iskrining komuni, l-Istati Membri setgħu jinnotifikaw sustanzi oħra ta' interess. Il-proposta għall-aġġornament tal-CoRAP 2015–2017 tkopri 143 sustanza. Kienet ippreżentata lill-Istati Membri u lill-Kumitat tal-Istati Membri tal-ECHA u ppubblikata f'Ottubru 2014 bl-iskop li l-aġġornament tal-CoRAP jiġi addottat f'Marzu 2015.

Il-kriterji stabbiliti fl-2011 għall-prijoritizzazzjoni tas-sustanzi kienu xorta kkunsidrati validi u allinjati mal-Pjan Direzzjonali SVHC tal-2020. L-algoritmi tal-iskrining u x-xenarji tal-IT kienu rfintati aktar fl-approċċ ta' skrining komuni u f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri. Il-punt fokali baqa' fuq il-karatteristiċi persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi (PBT) potenzjali, it-tħarbit tal-endokrina, il-karċinoġeniċità, il-mutaġeniċità u t-tossiċità riproduttiva, f'kombinazzjoni ma' użu wiesa' dispersiv, l-espożizzjoni tal-konsumatur u tunnellaġġ għoli aggregat. L-għażla u l-allokazzjoni ta' sustanzi CoRAP ikkunsidrat ukoll similaritajiet strutturali sabiex tidentifika tħassib komuni u tiżgura koordinazzjoni fost l-Istati Membri fil-valutazzjoni ta' approċċi ta' raggruppament.

---

[4] http://echa.europa.eu/documents/10162/13608/echa_cch_strategy_en.pdf.

### Il-proċess tal-valutazzjoni tas-sustanzi

Fl-2014, l-ECHA immaniġġjat l-ipproċessar ta' valutazzjonijiet li bdew fl-2012, fl-2013 u fl-2014, għal total ta' 134 sustanza.

Mill-pubblikazzjoni tal-aġġornament tal-CoRAP 2014-2016 f'Marzu, Stati Membri li wettqu l-valutazzjoni bdew il-valutazzjoni ta' 51 sustanza ġdida. Għal dawk is-sustanzi, l-ECHA ipprovdiet settijiet tad-data aggregati dwar id-dossiers li għandhom jiġu vvalutati, matriċi ta' dokumenti ta' eżitu u struzzjonijiet riveduti dwar kif issir valutazzjoni tas-sustanzi.

B'mod parallel, l-ECHA mexxiet l-ipproċessar tal-valutazzjonijiet li bdew fl-2012 u fl-2013. It-teħid tad-deċiżjoni fir-rigward ta' ħafna mill-valutazzjonijiet tal-2012 kien ikkompletat. Għall-ewwel darba, każ wieħed ma setax isib qbil unanimu fil-Kumitat tal-Istati Membri u kien riferit lill-Kummissjoni. Mis-47 sustanza vvalutata matul l-2013, l-Istati Membri li wettqu l-valutazzjoni kkonkludew li 38 minnhom kienu jeħtieġu aktar informazzjoni sabiex jikkjarifikaw it-tħassib suspettat. Bħal fi snin preċedenti, l-ECHA offriet li tiskrinja l-abbozzi tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri għal konsistenza qabel ma kienu uffiċjalment ippreżentati lill-Aġenzija, u kważi l-Istati Membri kollha użaw din il-possibbiltà. Bħala miżura biex jiġu żgurati approċċi konsistenti fit-talba għal aktar informazzjoni, l-ECHA ippreżentat proposti għal emendi għad-deċiżjonijiet ta' abbozz ippreparati minn Stati Membri li wettqu l-valutazzjoni f' 86% tal-każijiet.

Sa l-aħħar tas-sena, ittieħdu deċiżjonijiet finali dwar 26 sustanza (24 finalizzati fl-2014), li minnhom sitta ġew appellati. Għal tliet sustanzi, l-informazzjoni mitluba kienet riċevuta u qiegħda issa tiġi vvalutata. Konklużjonijiet tal-valutazzjonijiet kienu ppubblikati għal 13-il sustanza (disgħa fl-2014).

Allinjament u armonizzazzjoni tal-approċċi użati mill-Istati Membri tal-valutazzjoni differenti ntlaħqu permezz ta' pariri mill-ECHA u workshop għall-MSCAs kollha ta' valutazzjoni kif ukoll partijiet interessati akkreditati. Rakkomandazzjonijiet dwar l-interazzjoni bejn l-Istati Membri ta' valutazzjoni u r-reġistranti, kif maqbul fl-2013, kienu ppubblikati fuq il-websajt tal-ECHA. Il-workshop li sar fl-2014 iffoka fuq id-dokumenti ta' eżitu dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi u l-interazzjoni mal-proċess regolatorju tal-immaniġġjar tar-riskji. Kienu ffurmati żewġ gruppi ta' ħidma biex jirrevedu matriċi u jistabbilixxu l-aħjar prattika għar-rapport dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi u għad-deċiżjonijiet ta' abbozz. B'riżultat, kienet ippreżentata proposta ġdida għad-dokument ta' rapport u konklużjoni dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi, lill-Istati Membri biex jikkummentaw; din għandha l-iskop li tnaqqas it-tagħbija tax-xogħol għall-Istati Membri filwaqt li żżomm it-trasparenza fl-eżiti tal-proċess u tiżgura allinjament mal-proċess tal-analiżi tal-possibiltà tal-immaniġġjar tar-riskji (RMOA).

### *Rappurtaġġ*

Ir-Rapport ta' Valutazzjoni tal-ECHA[5] kien ippubblikat sal-aħħar ta' Frar b'rakkomandazzjonijiet lil reġistranti potenzjali sabiex itejbu l-kwalità ta' reġistrazzjonijiet fil-ġejjieni.

---

[5] REACH Art. 54.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Deċiżjonijiet ta' abbozz u finali xjentifikament u legalment tajbin, dwar il-valutazzjoni tad-dossier, huma ppreparati, f'konformità mal-ippjanar pluriennali mmexxi mill-approċċ strateġiku tal-ECHA.

2. Il-valutazzjonijiet kollha tas-sustanzi huma ppjanati fil-CoRAP, ippreparati u pproċessati bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u legali skont l-approċċi u l-proċeduri standard maqbula u fi żmien l-iskadenzi legali.

3. Il-konformità mad-deċiżjonijiet ta' valutazzjoni tad-dossier u tas-sustanzi hija segwita mingħajr dewmien żejjed wara li l-iskadenza mogħtija fid-deċiżjoni tkun għaddiet u l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu nfurmati bl-eżitu u b'każijiet li jeħtieġu l-azzjoni tagħhom.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Perċentaġġ ta' valutazzjonijiet tad-dossier u tas-sustanzi trattati fil-kwadru ta' żmien legali. | 100% | 100% |
| Perċentaġġ ta' eżaminazzjonijiet ta' proposti ta' ttestjar konklużi għal dossiers riċevuti sal-iskadenza tal-2013 sabiex jintlaħaq ir-rekwiżit legali li jiġu ppreparati deċiżjonijiet ta' abbozz sal-iskadenza tal-1 ta' Ġunju 2016. | 33% | 45% |
| Perċentaġġ ta' kontrolli ta' konformità konklużi sabiex jilħqu l-mira ta' 5% għad-dossiers ippreżentati sal-2013 | 20% | 20% |
| Perċentaġġ tal-valutazzjonijiet ta' segwitu, dovuti fis-sena partikolari, mwettqa fi żmien sitt xhur wara l-iskadenza stabbilita fid-deċiżjoni finali tal-valutazzjoni tad-dossier. | 75% | 82% |
| Livell ta' sodisfazzjoni tal-MSCAs bis-sostenn tal-ECHA għall-valutazzjoni tas-sustanza. | Għolja | Għolja |

## 3. Riżultati prinċipali

- 129 deċiżjoni dwar proposti ta' ttestjar u 273 deċiżjoni dwar kontroll ta' konformità pproċessati fit-teħid tad-deċiżjoni u addottati.
- Konklużi 283 kontroll ta' konformità ġdid, li jwasslu għal 172 deċiżjoni ta' abbozz ġdida.
- Konklużi 228 eżaminazzjoni ta' proposti ta' ttestjar, li minnhom 204 b'deċiżjoni ta' abbozz.
- 282 valutazzjoni ta' segwitu għal valutazzjoni tad-dossier.
- Rapport annwali ta' valutazzjoni (Artikolu 54) u komunikazzjonijiet relatati.
- Sostenn xjentifiku, amministrattiv u legali għas-sostenn tal-awtoritajiet

kompetenti tal-Istati Membri għall-kompiti tagħhom dwar il-valutazzjoni.

- Workshop dwar ir-reviżjoni tal-istrateġija għall-kontroll tal-konformità. Ir-reviżjoni tal-istrateġija kkompletata, strateġija ġdida approvata.
- It-tieni aġġornament tal-CoRAP addottat fis-26 ta' Marzu 2014. It-tielet aġġornament ta' abbozz, li jinkludi 75 sustanza magħżula ġdida, ippreżentat lill-Kumitat tal-Istati Membri f'Ottubru.
- Ippubblikati deċiżjonijiet finali dwar 24 sustanza li talbu għal aktar informazzjoni u disa' konklużjonijiet taħt il-valutazzjoni tas-sustanzi.
- Imwettaq skrining ta' konsistenza fuq 38 deċiżjoni ta' abbozz dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi.
- Workshop wieħed u żewġ gruppi ta' ħidma organizzati b'sostenn għall-valutazzjoni tas-sustanzi.

## 1.3. L-Immaniġġjar tar-Riskji (Attività 3)

Il-kompiti tal-ECHA li jirrelataw mal-immaniġġar tar-riskji jinkludu l-aġġornament tal-Lista tal-Kandidati ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs), il-preparazzjoni regolari ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni dwar sustanzi mil-Lista tal-Kandidati li għandhom jiġu inklużi fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni – il-lista ta' sustanzi soġġetti għal awtorizzazzjoni (l-Anness XIV ma' REACH) – u t-trattament tal-applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni. Sustanzi li jimponu riskji inaċċettabbli f'livell tal-UE jistgħu jiġu pprojbiti għal kollox jew ristretti għal użijiet partikolari (Titolu VIII ta' REACH). L-ECHA tista' tiġi mitluba mill-Kummissjoni biex tipprepara proposti għal restrizzjonijiet jew tirrevedi dawk eżistenti. L-Istati Membri jippreżentaw ukoll proposti għal restrizzjonijiet, li huma verifikati għal konformità u mressqa lill-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u lill-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC) biex tittieħed opinjoni.

Il-mira strateġika 2 tal-ECHA titlob l-użu intelliġenti ta' data REACH u CLP biex ikun żgurat li l-awtoritajiet ikunu jistgħu f'ħin waqtu u b'effiċjenza jindirizzaw l-ogħla tħassib. Għal dan l-iskop, l-ECHA flimkien mal-Istati Membri, timplimenta approċċi komuni ta' skrining għall-proċessi kollha REACH u CLP biex tidentifika s-sustanzi u l-użijiet li jistgħu jkunu jeħtieġu aktar ġenerazzjoni tal-informazzjoni u/jew miżuri regolatorji tal-immaniġġjar tar-riskji, u tiffaċilita l-approċċ tal-analiżi tal-immaniġġjar tar-riskji sabiex tintgħażel il-kombinazzjoni l-iktar xierqa ta' strumenti regolatorji. Sabiex jiżdiedu l-prevedibbiltà u t-trasparenza lejn partijiet interessati, l-ECHA tippubblika informazzjoni ġenerika u speċifika għas-sustanzi dwar l-attivitajiet li jippreċedu azzjonijiet attwali regolatorji dwar l-immaniġġjar tar-riskji fuq is-sit web tagħha.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

#### *L-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet għall-immaniġġjar tar-riskji*

Il-pjan ta' implimentazzjoni għall-'Pjan Direzzjonali tal-UE għall-identifikazzjoni SVHC u l-implimentazzjoni ta' miżuri tal-immaniġġjar tar-riskji REACH lejn l-2020', li kien maqbul f'Novembru 2013, jipprovdi l-bażi għax-xogħol tal-ECHA fl-identifikazzjoni ta' sustanzi kandidati għal azzjoni regolatorja ulterjuri. Il-progress li sar s'issa ser jiġi ppubblikat fl-ewwel rapport annwali previst għal Marzu 2015.

F'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, l-ECHA żviluppat ukoll l-approċċ komuni għal skrining biex tidentifika sustanzi b'ċerti perikolu (għas-saħħa tal-bniedem, l-ambjent), l-espożizzjoni u fl-aħħar mill-aħħar profili tar-riskji u tipproċessahom billi tuża l-proċessi REACH jew CLP l-iktar xierqa: il-valutazzjoni tas-sustanzi, klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati, awtorizzazzjoni u restrizzjoni (ara l-Figura hawn taħt). Dan l-approċċ komuni ta' skrining huwa maħsub biex jiżgura l-progress veloċi tal-attivitajiet ta' skrining, jiġi evitat xogħol doppju minn awtoritajiet differenti u jiġi minimizzat ir-riskju li l-istess sustanza tkun identifikata bħala kandidat addattat għal proċessi differenti (sakemm ma jkunx hemm raġunijiet validi għal dan) u li l-ipproċessar parallel isir b'mod koordinat.




Figura 2. Approċċ komuni ta’ skrining

| | |
|---|---|
| IUCLID Database containing registration data | bażi ta' data IUCLID li tikkontjeni data tar-reġistrazzjoni |
| CCH | CCH |
| CoRAO (SEv) | CoRAO (SEv) |
| C&K Inventory | Inventarju C&K |
| Restriction | Restrizzjoni |
| SVHC / Authorisation | SVHC / Awtorizzazzjoni |
| CLH | CLH |
| External sources | Sorsi esterni |

Sabiex tkun possibbli idea komuni bejn l-awtoritajiet dwar liema sustanzi huma l-iktar importanti u għaldaqstant jeħtieġu li jiġu indirizzati aktar, l-ECHA stabbiliet gruppi ta’ koordinazzjoni u esperti biex jiġbru l-input tal-Istati Membri għall-iskrining. Dawn il-gruppi jimmiraw ukoll li jiżguraw li s-sustanzi identifikati huma pproċessati aktar. Għas-sostenn ulterjuri tal-integrazzjoni tal-proċessi differenti REACH u CLP, għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u għaż-żieda fl-effiċjenza, l-ECHA żviluppat flussi ta’ ħidma, istruzzjonijiet u matriċi komuni kif ukoll għodod biex tikkondividi u tirreġistra l-iskrining u s-segwitu għall-ħidma.

Matul l-2014, sar sforz sostanzjali mill-ECHA u mill-gruppi ta’ koordinazzjoni u esperti biex jiddefinixxu u jiżviluppaw dawk magħrufa bħala xenarji ta’ skrining tal-massa li jservu l-proċessi REACH u CLP kollha. Saru sforzi partikolari biex jiġu implimentati algoritmi ta’ skrining biex jinstabu sustanzi li huma strutturalment simili għal SVHCs magħrufa (waħda mill-attivitajiet supplimentari tal-Pjan Direzzjonali tal-SVHC lejn l-2020). Ix-xogħol ta’ skrining tal-massa tal-IT, tal-ECHA, ipprovda lill-awtoritajiet b’sustanzi identifikati bħala kandidati potenzjalment tajbin għall-identifikazzjoni CoRAP u SVHC li kienu segwiti minn skrining manwali. Mal-istrateġija l-ġdida tal-kontroll ta’ konformità, dawn il-metodi intużaw ukoll għall-ewwel darba biex jidentifikaw dossiers li jeħtieġu kontrolli ta’ konformità taħt il-valutazzjoni tad-dossiers.

L-ECHA kompliet tiffaċilita l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn Stati Membri f’attivitajiet regolatorji għall-immaniġġjar tar-riskji. Dan jinkludi sostenn għall-iżvilupp, il-kondiviżjoni u diskussjoni dwar analiżi tal-possibiltà tal-immaniġġjar tar-riskji (RMOAs) għal sustanzi identifikati. Din il-ħidma ta’ koordinazzjoni u kooperazzjoni timmira li ttejjeb l-għarfien komuni u l-iskambju tal-informazzjoni tul l-attivitajiet għall-immaniġġjar regolatorju tar-riskji u li żżid l-effiċjenza u l-effettività tax-xogħol prattiku. Għal dan l-iskop, l-ECHA organizzat tliet laqgħat esperti dwar l-immaniġġjar tar-riskji f’kooperazzjoni ma’ Stati Membri li vvolontarjaw.

Il-gruppi esperti tal-PBT u tas-sustanzi li jħarbtu l-endokrina (ED) jappoġġaw l-iskrining għal u l-valutazzjoni ta' sustanzi potenzjali PBT u ED kif ukoll l-iżvilupp ta' metodi relatati. Il-grupp espert PBT bħalissa jappoġġa valutazzjonijiet kontinwi għal madwar 100 sustanza, li nofshom huma każijiet ta' valutazzjoni ta' sustanzi u n-nofs l-ieħor valutazzjonijiet preliminari li jistgħu jwasslu sabiex tibda valutazzjoni u għal każijiet li ma jeħtieġux aktar ġenerazzjoni ta' informazzjoni biex jikkonkludu l-istatus PBT tagħhom. Barra minn hekk, il-grupp ikkonkluda dwar 24 sustanza. Il-grupp ED beda fl-2014 u beda xogħol fuq 14-il sustanza, li ħafna minnhom (11) huma każijiet ta' valutazzjoni ta' sustanzi.

Il-parir xjentifiku li ma jorbotx ipprovdut minn dawn il-gruppi esperti jappoġġa lill-Istati Membri kemm f'li jikkonkludu jekk ċerti sustanzi għandhomx karatteristiċi PBT jew ED kemm jekk le u fil-preparazzjoni ta' sustanzi ta' dossiers ta' kwalità tajba li huma identifikati b'mod pożittiv li jżid l-effiċjenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet formali sussegwenti.

Bl-iskop li jitwessa' l-grupp ta' Stati Membri li jipparteċipaw b'mod attiv fl-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali SVHC, l-ECHA organizzat workshop f'Jannar u appoġġat sessjoni prattika għal dawk l-Istati Membri li jixtiequ jibdew l-RMOAs tagħhom.

Sabiex tiżdied it-trasparenza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali, l-ECHA bdiet tippubblika informazzjoni speċifika għas-sustanzi dwar RMOAs fuq il-websajt tagħha, inklużi konklużjonijiet tal-analiżi finalizzati. Fl-aħħar tal-2014, dik magħrufa bħala l-għodda ta' koordinazzjoni ta' attivitajiet pubbliċi (PACT) kienet tinkludi informazzjoni RMOA dwar 98 (gruppi ta') sustanzi. Għal 24, hija disponibbli konklużjoni RMOA u għall-74 li jibqa' x-xogħol RMOA għadu għaddej. Permezz ta' dan, il-mira interim stabbilita mill-Kummissjoni li jkollha 80 sustanza soġġetti għal RMOA sa tmiem l-2014 intlaħqet. PACT ser jiġi kkumplimentat b'mod ulterjuri b'informazzjoni speċifika għas-sustanzi dwar valutazzjonijiet PBT u ED. Barra minn hekk, aktar informazzjoni dwar l-iskrining ser tiżdied fuq il-paġna web tal-pjan direzzjonali.

### *Awtorizzazzjoni*

#### Identifikazzjoni ta' SVHCs u rakkomandazzjonijiet tal-Anness XIV

Fuq il-bażi ta' proposti ppreżentati mill-Istati Membri, 10 sustanzi ta' tħassib serju ħafna kienu miżjuda mal-Lista tal-Kandidati f'Ġunju u f'Diċembru 2014. Tliet sustanzi kienu identifikati minħabba li hemm evidenza xjentifika ta' effetti serji probabbli fuq organi multipli wara espożizzjoni ripetuta u tnejn huma sustanzi PBT u vPvB (persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna). Barra minn hekk, sustanza waħda, DEHP, li qabel kienet inkluża fil-Lista tal-Kandidati minħabba t-tossiċità tagħha għar-riproduzzjoni, kienet identifikata bħala li wkoll għandha karatteristiċi li jħarbtu l-endokrina li għalihom teżisti evidenza xjentifika ta' effetti serji probabbli għall-ambjent. Sa tmiem l-2014, l-għadd totali ta' sustanzi SVHC inklużi fil-Lista tal-Kandidati kien 161.

L-ECHA ipprovdiet il-ħames rakkomandazzjoni għal inklużjoni ta' sustanzi ta' prijorità fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni f'Jannar. L-inklużjoni ta' ħames sustanzi mil-Lista tal-Kandidati kienet rakkomandata u saru suġġerimenti għad-dati tal-applikazzjoni u ta' terminazzjoni. Sabiex tiżdied it-trasparenza u l-prevedibbiltà lista li tikkontjeni l-valutazzjoni ta' prijorità għas-sustanzi kollha fil-Lista tal-Kandidati, jiġifieri wkoll għal dawk is-sustanzi li fil-preżent mhumiex rakkomandati, hija magħmula disponibbli fuq il-websajt. Madankollu, is-sustanzi ġodda inklużi fil-Lista tal-Kandidati mhumiex ivvalutati għall-prijorità tagħhom biex jippermettu lill-industrija żmien biżżejjed biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tar-reġistrazzjoni tagħhom, b'mod partikolari dwar użijiet u tunnellaġġi, hija aġġornata.

L-ECHA żviluppat is-sitt rakkomandazzjoni tagħha bl-użu tal-approċċ il-ġdid maqbul ta' prijoritizzazzjoni li huwa bbażat fuq l-użu ta' data tar-reġistrazzjoni u oħra REACH-CLP.

Sabiex tindirizza t-tħassib u x-xewqat tal-partijiet interessati tal-industrija, l-ECHA iddeċidiet li tittardja l-bidu tal-konsultazzjoni pubblika dwar is-sitt rakkomandazzjoni, li issa seħħet minn Settembru sa Novembru. B'konsegwenza, l-iffurmar tal-opinjoni tal-MSC u l-finalizzazzjoni tas-sitt rakkomandazzjoni ser isseħħ fir-rebbiegħa – fis-sajf 2015. Din is-sena, l-ECHA iffaċilitat ukoll is-sejħa tal-Kummssjoni għal informazzjoni dwar il-konsegwenzi soċjo-ekonomiċi possibbli tal-inklużjoni ta' sustanzi fl-Anness XIV. Din is-sejħa għal informazzjoni seħħet b'mod parallel għall-konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tar-rakkomandazzjoni. L-informazzjoni riċevuta kienet ittrasferita lill-Kummissjoni kmieni f'Diċembru.

### Applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni

Fl-2014, il-proċess tal-applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni rranka b'tagħbija tax-xogħol dejjem tiżdied. In ġenerali, minħabba li l-proċessa huwa ġdid u l-partijiet kollha qegħdin jitgħallmu, ħadem sew kemm f'termini ta' kwalità kif ukoll ta' effiċjenza. L-ECHA kompliet tappoġġa lill-industrija billi organizzat sessjonijiet ta' informazzjoni qabel il-preżentazzjoni (PSISs) bl-iskop li jipprovdu lill-applikanti fil-ġejjieni bl-opportunità li jistaqsu mistoqsijiet regolatorji u tekniċi speċifiċi għall-każ.  B'kollox, kienu orgnizzati 14-il PSIS fl-2014. L-ECHA kompliet tirċievi feedback pożittiv ħafna dwar l-utilità ta' dawn is-sessjonijiet.

Fl-2014, l-ECHA irċeviet 19-il applikazzjoni għal awtorizzazzjoni li koprew ħames sustanzi differenti[6] u 33 użu differenti.  L-ECHA introduċiet b'suċċess erba' konsultazzjonijiet pubbliċi biex tiġbor informazzjoni dwar sustanzi jew teknoloġiji alternattivi.

Fl-2014, ir-RAC u s-SEAC addottaw opinjonijiet finali għal 30 użu fi ħdax-il applikazzjoni. Fuq medja, għaddew seba' xhur biex il-kumitati qablu dwar l-opinjonijiet ta' abbozz, sostanzjalment inqas mill-10 xhur stipulati fir-Regolament REACH.

TABELLA 9: data prinċipali dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-2012-2014

| | Notifikazzjonijiet riċ-evuti biex jiġu ppreżentati | Organizzati sessjonijiet ta' informazzjoni qabel il-preżentazzjoni | Applikazzjonijiet riċevuti (applikanti) [1] | Għadd ta' użijiet | Opinjonijiet RAC-SEAC għal kull użu[2] | Opinjonijiet RAC-SEAC għal kull użu u għal kull applikant [3] | Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għal kull użu u għal kull applikant [3] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2012 | 5 | 1 | 0 (0) | 0 | 0 | 0 | 0 |
| 2013 | 11 | 9 | 8 (10) | 17 | 1 | 1 | 0 |
| 2014 | 170 | 14 | 19 (33) | 38 | 30 | 34 | 2 |
| **Total** | **186** | **24** | **27 (43)** | **55** | **31** | **35** | **2** |

[1] Tkun riċevuta applikazzjoni f'termini tal-Artikolu 64(1) ta' REACH meta l-ECHA tkun irċeviet il-ħlas tal-applikazzjoni.
[2] Opinjoni waħda tirreferi għal verżjoni kompilata tal-opinjonijiet finali ta' RAC u SEAC għal kull użu.
[3] Dan huwa l-għadd totali ta' opinjonijiet u deċiżjonijiet finali għal kull użu u applikant. Pereżempju, jekk tkun ġet ippreżentata applikazzjoni waħda minn tliet applikanti għal sustanza waħda u żewġ użijiet ikun hemm (3x1x2=) sitt opinjonijiet RAC-SEAC u deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Jekk tkun ippreżentata applikazzjoni oħra minn applikant wieħed għal sustanza waħda u tliet użijiet, ikun hemm (1x1x3=) tliet opinjonijiet RAC-SEAC u deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. B'kollox, ikun hemm disa' opinjonijiet RAC-SEAC u disa' deċiżonijiet tal-Kummissjoni.

[6] Isfar tas-sulfokromat taċ-ċomb (C.I. Pigment Isfar 34), aħmar tas-sulfat molibdat tal-kromat taċ-ċomb (C.I. Pigment Aħmar 104), trijossidu Dijarseniku, Eżabromoċiklododekan (HBCDD) u Trikloroetilen.

Sabiex tiżdied aktar kuxjenza dwar ir-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni, l-ECHA organizzat seminar għal applikanti potenzjali f'April 2014. L-ECHA ipparteċipat ukoll f' diversi konferenzi, workshops u webinars organizzati mill-industrija, mill-Istati Membri jew minn NGOs sabiex jiġu kkjarifikati aspetti differenti tal-proċess ta' awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, tkompliet il-kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tal-Avjazzjoni sabiex jiżdied ir-rikonoxximent reċiproku dwar kif l-awtorizzazzjoni tista' teffettwa dawn is-setturi.

Sabiex jiġu kkjarifikati kwistjonijiet miftuħa, l-ECHA ippreparat u ppubblikat 27 mistoqsija u tweġiba ġdida u mistoqsija frekwenti waħda fuq is-sit web tagħha. S'issa, l-ECHA ippubblikat 82 mistoqsija u tweġiba u tmien mistoqsijiet frekwenti b'kollox. L-ECHA aġġornat il-formati tal-applikazzjoni u għamlet id-dokumentazzjoni tal-Analiżi soċjo-ekonomika iktar trasparenti għall-pubbliku. Huwa issa wkoll possibbli li l-Analiżi tal-Alternattivi u l-Analiżi Soċjo-ekonomika jiġu ppubblikati konġuntement. Dawn it-tnejn għandhom iżidu t-trasparenza u l-effiċjenza tal-proċessi tal-applikazzjoni u tal-iffurmar tal-opinjoni.

Sabiex titjieb l-effiċjenza tax-xogħol ta' RAC u biex tkun ipprovduta gwida għall-applikanti b'mod trasparenti, RAC idderiva relazzjonijiet doża-tweġiba għas-sustanzi arseniċi inklużi fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni. Din l-informazzjoni kollha hija disponibbli fit-taqsima dedikata għas-sostenn fuq is-sit web tal-ECHA.  Il-bini tal-kapaċità tal-Kumitati tal-ECHA għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC), li bdiet fl-2012 tkompliet fl-2014. L-ewwel rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' ħidma dwar kif SEAC seta' janalizza aħjar l-ispejjeż u t-tnaqqis tar-riskji li jirrelata wgħal sustanzi li ma jilħqux il-limitu, bħal PBTs u vPvBs, kienu miftiehma f'SEAC.

Fl-2014, l-ECHA ikkontribwiet b'mod attiv għax-xogħol tat-Task Force f'approċċ simplifikat għal każijiet speċjali billi żviluppat formati ssimplifikati għar-rapport dwar is-sigurtà kimika, l-analiżi tal-alternattivi u l-analiżi soċjo-ekonomika. L-ECHA ikkonsenjat l-abbozzi tal-formati tal-applikazzjoni simplifikati "tajbin għall-iskop", li ser ikunu magħmula pubbliċi meta l-Kummissjoni tikkonsulta dwar il-politika tagħha għal każijiet speċjali ta' "tunnellaġġ baxx" kmieni fl-2015.

### *Restrizzjonijiet*

Wara diversi talbiet mill-Kummissjoni, l-ECHA ħadmet fuq il-preparazzjoni ta' żewġ proposti ta' restrizzjoni u tat żewġ rapporti ta' reviżjoni. Sar xogħol biex tiġi ppreparata proposta sabiex testendi d-dħul tal-kadmju fil-plastiks, iżda din il-proposta kienet irtirata (Jannar 2014) minħabba l-assenza  ta' biżżejjed informazzjoni biex turi riskju li kien jiġġustifika estensjoni. Ir-rapport ta' restrizzjoni tal-Anness XV dwar din l-analiżi ser jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-ECHA fl-2015.

L-ECHA ippreżentat id-dossier ta' restrizzjoni tagħha dwar il-krisotile f'Jannar 2014, wara xogħol ta' preparazzjoni fuq ir-restrizzjoni fl-2013, u pproponiet diversi bidliet għad-deroga eżistenti ta' djaframmi (iskrizzjoni 6 tal-Anness XVII). F'Awwissu 2014, l-ECHA ikkompletat ir-restrizzjoni tal-Anness XV dwar is-sustanza kimika li tirreżisti n-nar, id-Dekabromodifenileteru (DecaBDE) u ppreżentat proposta biex tirrestrinġi s-sustanza, weħidha, f'taħlitiet u f'oġġetti. L-ECHA ippreżentat ukoll f'Diċembru 2014 rapport aġġornat lill-Kummissjoni qabel talba possibbli biex tipprepara restrizzjoni dwar diversi użijiet ta' ħames minerali tal-kobalt. Il-Kummissjoni talbet ukoll lill-ECHA tipprepara valutazzjoni tar-restrizzjoni potenzjali ta' żjut tal-lampi u fluwidi biex jinxtegħlu grilji ttikkettati R65 jew H304, maħsuba għall-fornitura lill-pubbliku ġenerali (Anness XVII iskrizzjoni 3). Dan ix-xogħol beda bl-ECHA li tikkonsulta lil fornituri tas-sustanzi rilevanti biex tiġbor informazzjoni rilevanti u ser ikompli fl-2015.

L-Artikolu 69(2) ta' REACH jeħtieġ lill-ECHA tikkunsidra jekk tipproponiex restrizzjoni għal sustanzi inklużi fl-Anness XIV ta' REACH, jew le, għall-użu tagħhom f'oġġetti wara li d-data ta' terminazzjoni tagħhom tkun intlaħqet. L-ECHA żviluppat l-istrateġija tagħha għall-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit u ppreżentat dan lil CARACAL f'Novembru 2014. Beda x-xogħol fuq sitt sustanzi: Il-ksilen tal-misk, MDA u erba' ftalati (DEHP, BBP, DBP, u DIBP). Fir-rigward tal-ftalati, l-ECHA irċeviet ukoll talba mill-Kummissjoni biex tivvaluta data riċenti ta' bijomonitoraġġ (mill-proġett hekk magħruf bħala DEMOCOPHES) biex tivvaluta jekk din l-informazzjoni kinitx tindika jekk kienx hemm riskju li jeħtieġ jiġi indirizzat. Dan ix-xogħol ser ikompli fl-2015.

Matul l-2014, is-Segretarjat tal-ECHA ta sostenn amministrattiv, tekniku u xjentifiku biex jiġu pproċessati disa' restrizzjonijiet proposti mill-Istati Membri u żewġ restrizzjonijiet proposti mill-ECHA. Fit-tabella li ġejja x-xogħol fuq il-proposti tar-restrizzjonijiet huwa miġbur fil-qosor. It-taqsima tal-Kumitati u tal-Forum tagħti dettalji dwar dawn.

TABELLA 12: data prinċipali dwar restrizzjonijiet għall-2012-2014

| | Intenzjonijiet riċevuti | Dossiers tar-restrizzjoni ppreżentati mill-Istati Membri | Restrizzjonijiet ippreparati mill-ECHA | Opinjonijiet RAC-SEAC* | Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 2009 | 4 | | | | |
| 2010 | 1 | 3 | 1 | | |
| 2011 | 3 | 1 | | 4 | |
| 2012 | 2 | 2 | 1 | 1 | 4 |
| 2013 | 7 | 3 | 1 | 2 | |
| 2014 | 3 | 4 | 2 | 5 | 3 |
| | | | | | |
| **Total** | **20** | **15** | **5** | **11** | **7** |

*) Opinjoni RAC-SEAC tfisser formalment tliet opinjonijiet: opinjoni waħda RAC, opinjoni ta' abbozz waħda SEAC u opinjoni waħda SEAC

Fl-2013, flimkien mal-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar (Forum) u l-Uffiċċju tal-Informazzjoni, l-ECHA identifikat xi ħtiġijiet ulterjuri biex tikkjarifika l-iskrizzjonijiet tar-restrizzjoni. Bħala segwitu, l-ECHA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, żviluppat diversi Mistoqsijiet u Tweġibiet dwar iskrizzjonijiet tar-restrizzjoni u ppubblikathom fuq il-websajt tagħha fl-2014. Barra minn hekk kienet żviluppata d-definizzjoni għal 'kuntatt ipprolongat mal-ġilda' fir-rigward tal-iskrizzjoni tan-nikil u din sabet qbil fl-aħħar f' CARACAL fl-2014.

F'Ottubru 2014, il-Kummissjoni talbet lill-ECHA tiżviluppa linji gwida dwar tliet iskrizzjonijiet ta' restrizzjoni (in-nikil, idrokarburi organiċi poliċikliċi u ċ-ċomb) bl-iskop li tikkjarifika liema oġġetti u subtipi ta' oġġetti jaqgħu fl-ambitu ta' dawn l-iskrizzjonijiet. Dan ix-xogħol ser ikompli fl-2015.

Sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċess tar-restrizzjoni, l-ECHA, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ħadmu flimkien fit-Task Force ta' Effiċjenza dwar ir-Restrizzjoni (RETF) matul l-2014. L-RETF ipproduċa 57 rakkomandazzjoni (li ħafna minnhom kienu qegħdin jindirizzaw aktar minn attur wieħed) relatati mas-suġġetti li ġejjin:

- Proċeduri għall-iffurmar tal-opinjoni f'Kumitati;
- L-estent tal-analiżi meħtieġa (dossiers u opinjonijiet);
- Sfidi prinċipali fil-preparazzjoni ta' proposti;
- L-ambitu u l-miri;

- Proporzjonalità;
- Teknikalitajiet (Format tal-Anness XV, gwida).

Il-prijorità prinċipali issa ser tkun li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati fl-2015.

***Attivitajiet oħra li jirrelataw mal-immaniġġjar tar-riskji***

L-ECHA kompliet iżżid il-bażi tal-evidenza u l-kapaċità professjonali biex tkun ta' sostenn għall-applikazzjoni prattika tal-analiżi soċjo-ekonomika. Il-proġett biex jiġu vvalutati valuri ekonomiċi għall-prevenzjoni ta' firxa ta' eżiti għas-saħħa tal-bniedem kien finalizzat. It-tqassim tar-riżultati ser iseħħ fl-2015. L-ECHA introduċiet studji dwar kif għandhom jintużaw snin ta' ħajja aġġustati skont il-kwalità u d-diżabilità fir-regolament dwar is-sustanzi kimiċi u kompliet teżamina l-isforzi fil-preparazzjoni tal-applikazzjonijiet. L-ECHA ospitat it-tielet laqgħa tan-Netwerk ta' SEA REACH u l-Analiżi ta' Prattikanti ta' Alternattivi (NeRSAP), netwerk informali għal dawk involuti f'li jidħlu għal esperjenzi prattiċi ta' skambju tax-xogħol SEA ta' kwistjonijiet u problemi metodoloġiċi u prattiċi.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Id-dossiers kollha li jirrelataw mal-proċessi ta' awtorizzazzjoni u restrizzjoni huma ppreparati u pproċessati bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u legali, skont l-approċċi u l-proċeduri standard addottati mill-ECHA u fi żmien l-iskadenzi jew il-miri legali stabbiliti.

2. L-industrija, l-Istati Membri u l-Kummissjoni huma pprovduti bl-aħjar sostenn u pariri xjentifiċi u tekniċi biex jiġu identifikati sustanzi li jeħtieġu aktar immaniġġjar tar-riskji u biex jiġi definit l-aħjar approċċ tal-immaniġġjar tar-riskji, inkluż l-iżvilupp ulterjuri tal-użu ta' xenarji tal-espożizzjoni.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Perċentaġġ ta' sustanzi rreġistrati skrinjati minn qabel għal immaniġġjar regolatorju ulterjuri tar-riskji. | 25% | >25% |
| Perċentaġġ ta' SVHCs, dossiers ta' restrizzjoni u applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni trattati fil-kwadru taż-żmien legali. | 100% | 100% |
| Livell ta' sodisfazzjon tal-Kummissjoni, l-MSCAs, il-Kumitati tal-ECHA, l-industrija, NGOs u partijiet oħra interessati bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovduta. | Għolja | Għolja |

## 3. Riżultati prinċipali

- Implimentata l-ewwel ronda ta' skrining komuni, inkluż l-iskrining tad-dossiers tar-reġistrazzjoni tal-2013.

- Tliet RMOAs u valutazzjoni preliminari waħda ta' livell ta' tħassib ekwivalenti kienu ppreżentati lill-Kummissjoni.
- Taqsima għal informazzjoni RMOA speċifika għas-sustanzi kienet ippubblikata fuq is-sit web.
- Żewġ aġġornamenti tal-Lista tal-Kandidati.
- Approċċ ta' prijoritizzazzjoni maqbul u rivedut u Valutazzjoni ta' prijorità ta' sustanzi fuq il-Lista tal-Kandidati ippubblikata fuq is-sit web.
- Il-ħames rakkomandazzjoni tal-Anness XIV tal-ECHA ippreżentata lill-Kummissjoni.
- Sostenn xjentifiku, amministrattiv u legali kemm lil dawk li jippreżentaw proposti għal restrizzjonijiet kif ukoll lil RAC u SEAC, u r-rapportaturi tiegħu għall-iżvilupp tagħhom ta' opinjonjiet dwar restrizzjonijiet u applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.
- Ippreparati żewġ dossiers ta' restrizzjoni tal-Anness XV kif ukoll żewġ rapporti ta' reviżjoni.
- Żviluppat pjan dwar kif tipprepara proposti ta' restrizzjoni ta' sustanzi tal-Anness XIV f'oġġetti wara d-dati tat-terminazzjoni.
- Żviluppat pjan inizjali dwar ir-reġistrazzjoni ta' utenti downstream biex javżaw lill-ECHA dwar l-użu ta' sustanzi awtorizzati.
- Formati għal applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni riveduti sabiex iżidu aktar it-trasparenza u l-effiċjenza ta' konsultazzjonijiet pubbliċi dwar informazzjoni wiesgħa dwar l-użu.
- Kien hemm qbil dwar l-approċċ dwar kif issir l-analiżi soċjo-ekonomika għal PBTs, bl-għajnuna tal-grupp tal-ħidma, f'SEAC.
- Żviluppati mistoqsijiet u tweġibiet ġodda (27) u mistoqsija frekwenti waħda dwar awtorizzazzjonijiet u paġni web imtejjba biex ikun aħjar is-sostenn li joffru lil applikanti.
- Fuq it-talba tal-Kummissjoni ippubblikati diversi linji gwida fuq ir-restrizzjonijiet bħala Q&As.
- Ippreparata u pubblikata d-definizzjoni ta' kuntatt ipprolongat mal-ġilda.
- Rapport tat-Task Force dwar l-Effiċjenza tar-restrizzjoni biex jirrakkomanda kif il-proċess tar-restrizzjoni jista' jitjieb fl-Istati Membri, fl-ECHA u fil-Kummissjoni.
- Seminar wieħed organizzat dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni, inkluża l-analiżi soċjo-ekonomika (SEA), mal-industrija u ma' partijiet interessati oħra.
- Żewġ workshops SEA relatati permezz ta' NeRSAP.
- Rapport dwar kemm wieħed lest li jħallas għall-punti finali dwar is-saħħa tal-bniedem.

## 1.4. Klassifikazzjoni u Ttikkettar (C&L) (Attività 4)

Il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' sustanzi u taħlitiet jippermettu l-manifattura u l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi. Huwa l-obbligu tal-manifatturi, l-importaturi u l-utenti downstream li jikklassifikaw u jittikkettaw is-sustanzi u t-taħlitiet skont ir-rekwiżiti legali u li jinnotifikaw il-klassifikazzjoni ta' sustanzi perikolużi. L-ECHA iżżomm bażi ta' data tan-notifikazzjonijiet kollha fl-Inventarju C&L. F'ċerti każijiet, l-Istati Membri jew l-industrija jistgħu jipproponu l-armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni ta' sustanza fl-UE, u b'hekk jobbligaw lill-manifatturi u l-importaturi jew l-utenti downstream kollha jikklassifikaw dik is-sustanza skont il-klassifikazzjoni armonizzata. L-ECHA tappoġġa lill-Istati Membri u lir-rapportaturi RAC matul il-preparazzjoni ta' proposti għal din l-armonizzazzjoni u l-iżvilupp ta' opinjonijiet minn RAC. Dan isir normalment għal sustanzi karċinoġeni, mutaġeni u reprotossiċi (CMR), kif ukoll għal sensitizzanti respiratorji, iżda klassijiet oħra ta' perikolu jistgħu jiġu armonizzati jekk ikun hemm il-ħtieġa. Minħabba li l-klassifikazzjoni armonizzata għandha implikazzjonijiet diretti għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali, l-ECHA tallinja b'mod attiv l-iżvilupp tal-opinjoni tagħha dwar C&L mal-proċessi ta' approvazzjoni rispettivi.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

#### *It-trattament ta' proposti għall-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar armonizzati (CLH)*

Il-kompitu prinċipali li jirrigwarda l-klassifikazzjoni u l-ittikkettar huwa biex jiġu mmaniġġati l-proposti għall-armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni. Fl-2014, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ppreżentaw 41 proposta u tliet proposti mill-industrija kienu riċevuti. Għal 46 sustanza, kienet ikkompletata konsultazzjoni pubblika. L-għadd ta' proposti fil-proċess madankollu huwa konsiderevolment ikbar (madwar 100). Attenzjoni kontinwa għall-kwalità tal-proposti u sostenn akbar għall-preżentaturi tad-dossiers ippermetta lil RAC iżżid l-effiċjenza tagħha. L-ECHA ipprovdiet ukoll sostenn estensiv lil rapportaturi RAC fl-iżvilupp ta' opinjonijiet u dokumenti ta' sfond xjentifiku. B'kollox kienu kkompletati, 51 opinjoni dwar proposti CLH u opinjoni waħda wara l-Artikolu 77(3)(c). Fosthom kien hemm opinjonijiet dwar sustanzi kumplessi u importanti bħal Bisfenol-A, rodentiċidi anti-koagulanti, borati u l-klassifikazzjoni ambjentali tal-komposti tar-ramm. Meta pparagunat ma' snin preċedenti, hemm żieda qawwija fl-għadd ta' proposti riċevuti u l-għadd ta' opinjonijiet maqbula minn RAC.

Fil-kuntest ta' dan l-għadd dejjem jikbar ta' dossiers, u l-istima kumplessa tal-perikolu dejjem jiżdied għall karċinoġeniċità, il-mutaġeniċità, it-tossiċità riproduttiva, is-sostenn ta' ġestituri xjentifiċi tad-dossiers (SDMs) wera li kien importanti għall-kwalità u l-konsistenza tal-opinjonijiet. Il-konklużjonijiet huma ġeneralment ibbażati fuq il-valutazzjoni ta' dossiers imdaqqsin u kumplessi u diversi kummenti minn partijiet terzi.

Minħabba li l-klassifikazzjoni jista' jkollha konsegwenzi fit-tul għall-approvazzjoni u t-tiġdid ta' sustanzi attivi għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPPs) u prodotti bijoċidali (BPs), l-ECHA użat il-flessibbiltà fil-proċess tal-iżvilupp tal-opinjoni CLH biex tallinja sa fejn possibbli mal-proċessi ta' approvazzjoni rregolati konsiderevolment iqsar u stretti. Dan jikkonċerna madwar 70% tad-dossiers kollha. Il-kwalità tad-dossiers CLH għandha impatt kbir fuq il-possibbiltà li wieħed jikkonforma mal-linji ta' żmien għal approvazzjoni ta' sustanzi attivi. Għaldaqstant, l-ECHA organizzat workshops mal-awtoritajiet kompetenti għal bijoċidi, pestiċidi u CLH, l-industrija u l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel biex issib mezzi biex ittejjeb l-effiċjenza u l-kwalità tal-preparazzjoni ta' dossier CLH.

Addizzjonalment, l-ECHA ospitat workshop li kien jiffoka fuq mezzi xjentifiċi li jirrigwardaw l-użu ta' studji dwar it-tip ta' azzjoni għal klassifikazzjoni. Mezz sistematiku ta' dawn l-istudji deher ta' rilevanza partikolari għall-klassifikazzjoni ta' sustanzi attivi ġodda.

### *L-inventarju tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar (l-Inventarju C&L)*

L-ECHA hi meħtieġa tistabbilixxi u timmaniġġja l-Inventarju C&L fuq il-bażi ta' notifikazzjoni C&L mill-industrija, li tinkludi wkoll il-lista ta' klassifikazzjonijiet armonizzati. L-inventarju pubbliku kien introdott b'suċċess fi Frar 2012 u ġie aġġornat diversi drabi b'titjib magħmul biex jiffaċilita l-użu mill-utent (ara l-Attività 6).

Il-bażi ta' data issa tikkontjeni 6.4 miljun notifikazzjoni li jkopru aktar minn 133 000 sustanza distinta, li minnhom aktar minn 118 000 huma inklużi fin-notifikazzjonijiet imqassma pubblikament. Dan jagħmilha l-ikbar bażi ta' data ta' sustanzi kklassifikati b'mod awtonomu disponibbli globalment. Il-bażi ta' data tal-inventarju tiġġedded fuq bażi regolari b'notifikazzjonijiet ġodda u aġġornati.

Notifikaturi differenti jistgħu jindikaw klassifikazzjonijiet differenti għall-istess sustanza, wkoll f'każijiet fejn, pereżempju, impurità tista' tiġġustifika klassifikazzjoni differenti. Aktar minn 25% tas-sustanzi għandhom notifikazzjonijiet diverġenti. L-iskadenza tal-1 ta' Ġunju 2015 għall-klassifikazzjoni tat-taħlitiet kollha skont CLP tenfasizza l-importanza ta' klassifikazzjonijiet awtonomi aktar uniformi, klassifikazzjoni awtonoma maqbula espliċitament u raġunijiet ċari għal kwalunkwe klassifikazzjoni li tiddevja. Notifikaturi huma obbligati jagħmlu kull sforz biex jaslu għal ftehim dwar is-sustanza C&L. Sabiex dan it-tiftix għal ftehim jiġi ffaċilitat, fl-aħħar ta' Jannar 2013 l-ECHA introduċiet pjattaforma dedikata għall-IT, li tippermetti diskussjonijiet bejn notifikaturi dwar il-klassifikazzjoni għal sustanza partikolari mingħajr ma tiġi rivelata l-identità tagħhom. L-użu tal-Pjattaforma madankollu għadu baxx ħafna. L-ECHA, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u assoċjazzjonijiet tal-industrija ppreparat studju pilota bl-iskop li tinkoraġġixxi lil notifikaturi u lil reġistranti biex jaslu għal ftehim dwar il-klassifikazzjoni billi jużaw il-Pjattaforma C&L bħala għodda u li sussegwentement jaġġornaw in-notifikazzjonijiet tagħhom.

L-ECHA mexxiet analiżi ta' kemm in-notifikaturi jsegwu l-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati għal CMRs u identifikat sustanzi CMR li għandhom klassifikazzjoni awtonoma aktar stretta mill-klassifikazzjoni armonizzata (jekk teżisti). L-istudju, ppubblikat f'Jannar 2015, ikkonkluda li l-klassifikazzjonijiet armonizzati għal karatteristiċi CMR huma segwiti tajjeb ħafna. Barra minn hekk, aktar minn elf sustanza ġiet identifikata li għalihom in-notifikaturi jissuġġerixxu klassifikazzjoni jew klassifikazzjoni iktar stretta għal karatteristiċi CMR.

### *Ismijiet kimiċi alternattivi*

L-ECHA hija nkarigata wkoll mit-trattament ta' talbiet għall-użu ta' ismijiet alternattivi għal sustanzi u taħlitiet skont l-Artikolu 24 tar-Regolament CLP. Il-kumpaniji jistgħu jagħmlu dawn it-talbiet għal sustanzi b'ċerti karatteristiċi perikolużi sabiex jipproteġu informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali għal awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-ECHA. Mill-1 ta' Ġunju 2015, kumpaniji jistgħu jagħmlu biss talbiet lill-ECHA u l-preparazzjonijiet huma kkompletati biex jirċievu numru ikbar ta' talbiet.

L-għadd ta' talbiet aċċettati għall-ipproċessar (28) kien ħafna iktar baxx milli mistenni.

### *Il-klassifikazzjoni tat-taħlitiet u sostenn għall-industrija għall-iskadenza CLP tal-2015*

Minn Ġunju 2015, is-sustanzi u t-taħlitiet kollha għandhom jiġu kklassifikati skont CLP. Din hija tagħbija sinifikanti għall-industrija, hekk kif miljuni ta' taħlitiet għandhom jiġu

kklassifikati mill-ġdid u ttikkettati mill-ġdid. Għalkemm is-sistema l-ġdida hija simili għal dik antika, jeżistu differenzi u t-traspożizzjoni tal-klassifikazzjoni għal CLP mhijiex dejjem sempliċi. Sabiex tiżdied din il-kuxjenza mal-industrija, l-aktar SMEs, u sabiex tinforma dwar il-klassifikazzjoni tat-taħlitiet taħt CLP, l-ECHA ipparteċipat f'għadd ta' workshops nazzjonali, offriet sostenn lil assoċjazzjonijiet tal-industrija u mexxiet żewġ webinars b'attendenza tajba.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Id-dossiers kollha li jirrelataw mal-proċessi ta' awtorizzazzjoni u restrizzjoni huma ppreparati u pproċessati bi grad għoli ta' kwalità xjentifika, teknika u legali, skont l-approċċi u l-proċeduri standard addottati mill-ECHA u fi żmien l-iskadenzi legali jew il-miri stabbiliti.

2. Kull talba għall-użu ta' isem kimiku alternattiv hija konkluża fil-kwadru taż-żmien legali.

3. L-inventarju tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar u l-pjattaforma ta' komunikazzjoni C&L jinżammu aġġornati u l-funzjonalitajiet u l-faċilità għall-użu tagħhom mill-utent jitjiebu iktar.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
| --- | --- | --- |
| Perċentaġġ ta' proposti għal C&L armonizzati u talbiet għall-użu ta' isem kimiku alternattiv ipproċessat fil-kwadru taż-żmien legali. | 100% | 100% (C&L armonizzat) 97% (isem kimiku alternattiv) |
| Livell ta' sodisfazzjon tal-Kummissjoni, tal-MSCAs, RAC u l-industrija bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut. | Għolja | Għolja |

## 3. Eżiti prinċipali

- Imwettqa 37 kontroll ta' konformità ta' dossiers li jikkontjenu proposti għal klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati u offruti pariri ta' sostenn lil preżentaturi ta' dossiers fuq it-talba tagħhom.
- Ipprovdut sostenn f'waqtu, ta' kwalità xjentifika għolja, lil RAC u lir-rapportaturi tiegħu għall-iżvilupp tagħhom ta' 51 opinjoni u addizzjonalment opinjoni waħda dwar talbiet tal-Artikolu 77(3)(c), u ta' dokumenti tal-isfond xjentifiċi għal dawn l-opinjonijiet.
- Inklużi n-notifiki u l-aġġornamenti kollha fil-bażi ta' data ta' klassifikazzjoni u ttikkettar, bl-Inventarju C&L aġġornat kif meħtieġ.
- Ikkompletat l-istudju dwar il-klassifikazzjoni ta' sustanzi CMR, sustanzi identifikati li għandhom jiġu prijoritizzati għall-immaniġġjar tar-riskji.
- Monitoraġġ tal-pjattaforma C&L u azzjoni ppreparata biex tistimula l-industrija

biex tuża l-pjattaforma u tasal għal qbil dwar klassifikazzjonijiet awtonomi.

- Konklużi 31 dossier b'talbiet għal isem alternattiv.
- Żewġ workshops ta' suċċess dwar it-titjib ta' proposti CLH għal bijoċidi u pestiċidi u dwar l-użu ta' studji dwar mezzi ta' azzjoni għal klassifikazzjoni.
- Ipprovduta konsulenza xjentifika u teknika lill-Kummissjoni dwar żvilupp ulterjuri tal-kriterji tas-Sistema Globalment Armonizzata ta' klassifikazzjoni u ttikkettar tas-sustanzi kimiċi (GHS) u għall-implimentazzjoni tal-ħames reviżjoni GHS fir-Regolament CLP.

## 1.5. Bijoċidi (Attività 16)

Ir-Regolament ġdid dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPR) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2013. Dan ir-regolament jestendi l-mandat regolatorju tal-ECHA fir-rigward tal-kompiti amministrattivi, tekniċi u xjentifiċi li jirrelataw mal-impimentazzjoni tal-BPR, b'mod partikolari dwar l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi u l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' prodotti bijoċidali. Ir-regolament il-ġdid introduċa ħafna titjib u elementi ġodda meta pparagunat mad-Direttiva preċedenti dwar il-Prodotti Bijoċidali. Dawn jinkludu, pereżempju, proċeduri simplifikati għal proċessi ta' approvazzjoni u awtorizzazzjoni, attenzjoni speċjali biex jiġu evitati s-sustanzi attivi l-aktar perikolużi, dispożizzjonijiet biex jitnaqqas l-ittestjar fuq l-annimali u għal kondiviżjoni obbligatorja tad-data, u dwar oġġetti trattati bi prodotti bijoċidali.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

L-ECHA kompliet taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri (MSCAs) sabiex tiżgura żvilupp effiċjenti u effettiv ta' operazzjonijiet taħt ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali. Dan jinkludi l-iżvilupp u l-użu kontinwu tas-sistemi tal-IT b'mod partikolari. L-ECHA irnexxielha tirrilaxxa żewġ verżjonijiet ġodda maġġuri tar-Reġistru għal Prodotti Bijoċidali (R4BP 3) li taw iktar sostenn lil applikanti u lil MSCAs u tejbu l-esperjenza tal-utenti f'diversi oqsma. Barra minn hekk, l-ECHA għamlet disponibbli għodda prattika ġdida: l-editur SPC li ġie akkumpanjat minn ristrutturazzjoni maġġuri tal-mudell tad-data R4BP 3. B'mod parallel, l-ECHA aġġornat il-manwal tal-utent R4BP 3 tal-MSCA. L-ECHA finalizzat ukoll il-migrazzjoni tal-informazzjoni li tirrelata ma' prodotti bijoċidali mill-għodda preċedenti tal-Kummissjoni, R4BP2, għal R4BP 3.

Fl-2014, l-ECHA ipproċessat 2 094 preżentazzjoni għal prodotti bijoċidali u sustanzi bijoċidali attivi, li l-maġġoranza kbira tagħhom kienu indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Għas-sostenn tal-preżentazzjonijiet mill-applikanti, i-Manwali tal-Preżentazzjoni tal-Bijoċidi u paġni web korrispondenti ġew aġġornati biex jinkludu l-bidliet tal-għodod tal-IT u ġew riveduti wkoll fuq il-bażi ta' feedback riċevut biex ikollhom aċċess iktar pront għall-informazzjoni rilevanti. Minbarra din l-attività ġenerali, l-ECHA matul is-sena offriet sostenn dirett lil applikanti individwali meta kien hemm preżentazzjonijiet problematiċi.

Fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-data, l-ECHA irċeviet 90 domanda, b'60 li waslu għal quċċata wara preżentazzjoni tal-proċedura fil-Jum tal-Partijiet Interessati f'Settembru 2014. L-ewwel argumenti dwar il-kondiviżjoni tad-data kienu riċevuti f'nofs l-2014 fil-kuntest tat-tqegħid ta' sustanza fuq il-lista tal-Artikolu 95 sal-iskadenza ta' Settembru 2015. L-ECHA ma setgħetx tiddeċiedi a favur l-applikant prospettiv fi kwalunkwe minn dawn il-każijiet u talbet lill-partijiet ikomplu n-negozjati tagħhom. Fi tliet każijiet, l-argumenti ġew irtirati minħabba li l-partijiet waslu għal qbil qabel ma l-ECHA ħarġet deċiżjoni. L-ECHA ikkontribwiet ukoll għall-abbozzar tal-Gwidi ta' Użu tal-Kummissjoni dwar il-Kondiviżjoni tad-data, Ittri ta' Aċċess, Konsorzja, u konsiderazzjonijiet speċifiċi għal SME bi preparazzjoni għall-iskadenza tal-Artikolu 95.

Intlaħaq ftehim mal-MSCAs fil-laqgħa tal-awtoritajiet kompetenti dwar id-diviżjoni ta' kompiti li jikkonċernaw talbiet għal kunfidenzjalità, u l-ECHA bdiet tistabbilixxi l-proċess. L-ECHA infurmat lill-MSCAs bit-talbiet għal kunfidenzjalità magħmula mill-applikanti fil-ħin tal-ipproċessar tal-preżentazzjonijiet.

F'Jannar 2014, l-ECHA ħadet fuqha is-sostenn għall-Programm ta' Reviżjoni ta' sustanzi attivi eżistenti miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni u laħqet veloċità sostanzjali tal-valutazzjonijiet li mmaterjalizzat fl-adozzjoni ta' 34 opinjoni mill-Kumitat

għall-Prodotti Bijoċidali. Kienu organizzati 17-il laqgħa tal-gruppi ta' ħidma permanenti tal-Kumitat għall-Prodotti Bijoċidali (BPC), kif ukoll laqgħa waħda ta' grupp ta' ħidma ad-hoc. Il-proċess tar-reviżjoni tal-pari, kif previst, sar aktar effiċjenti b'mod sinifikanti milli fl-imgħoddi (3.5 darbiet iktar), fost oħrajn dovut għall-ġestjoni effiċjenti tal-proċess u laqgħat u s-sostenn xjentifiku pprovdut mill-ECHA.

L-għadd ta' valutazzjonijiet finalizzati kien iktar baxx milli previst u aktar diskussjonijiet ser ikunu meħtieġa mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex tkun żgurata konsenja f'waqtha ta' rapporti ta' valutazzjoni ta' kwalità tajba fil-ġejjieni. Fil-kuntest tar-reviżjoni tal-pari ta' waħda mis-sustanzi attivi, l-ECHA ikkoordinat mal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel sabiex tiżgura konsistenza u koordinazzjoni mal-valutazzjoni tal-istess sustanza taħt ir-Regolamemt tal-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti.

Sar ukoll progress sinifikanti fil-finalizzazzjoni tal-preparati għall-kompiti u l-isfidi ġodda taħt il-BPR li ma setgħux jiġu finalizzati fl-2013. Madankollu, kompiti ġodda jew emendati rriżultaw minn regolamenti ġodda u wkoll minn interpretazzjonijiet tat-testi legali eżistenti. L-ECHA kellha taddatta l-proċessi u l-gwida u l-komunikazzjoni tagħha dwar l-Artikolu 95 minħabba d-dispożizzjonijiet legali mibdula wara l-emenda tal-BPR (Regolament (UE) Nru 334/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014) li daħal fis-seħħ f'April. Ir-Regolament il-ġdid dwar il-Programm ta' Reviżjoni (il-Kummissjoni ddelegat ir-Regolament (UE) Nru 1062/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014) li daħal fis-seħħ f'Ottubru ddefinixxa wkoll kompiti ġodda għall-Aġenzija u f'Novembru l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri qablu dwar il-mezz li bih kellhom jimxu 'l quddiem għas-sustanzi attivi ġġenerati in situ, li hu mistenni li jwassal għaż-żieda ta' 50 sa 150 kombinazzjoni ta' sustanzi attivi/kombinazzjonijiet ta' tip ta' prodott fil-Programm ta' Reviżjoni.

L-ECHA bniet ukoll il-kapaċità tagħha għas-sostenn tal-valutazzjoni ta' diversi tip ta' applikazzjonijiet u iktar speċifikament dawk li jirrelataw mal-ekwivalenza teknika u l-inklużjoni fil-lista tal-Artikolu 95 (lista ta' sustanzi attivi u fornituri). Il-valutazzjoni tal-ewwel applikazzjonijiet kienet proċess ta' tagħlim utli li għenet biex tikkjarifika r-rekwiżiti tad-data u l-gwida prattika għall-applikanti.

L-ECHA ipprovdiet is-Segretarjat għall-Grupp ta' Koordinazzjoni (CG) u organizzat sitt laqgħat. Id-diskussjoni ta' erba' argumenti formali ta' rikonoxximent reċiproku wasslet biex jiġu stabbiliti żewġ ftehimiet. Żewġ nuqqasijiet ta' ftehim informali kienu diskussi wkoll, u dan ikkontribwixxa għar-riżoluzzjoni kmieni tagħhom. Il-laqgħat CG indirizzaw ukoll għadd ta' kwistjonijiet li jirrelataw mal awtorizzazzjonijiet għall-prodott.

B'mod ġenerali, għandu jiġi nnutat li l-ECHA wettqet l-attivitajiet tal-bijoċidi taħt restrizzjonijiet serji ta' baġit u tar-riżorsi tal-bniedem. In-numru ħafna iktar baxx ta' applikazzjonijiet meta pparagunat ma' dak li kien oriġinarjament antiċipat irriżulta fi dħul ħafna iktar baxx milli previst li qiegħed limiti finanzjarji tqal fuq l-Aġenzija. Jekk din is-sitwazzjoni tkompli u ma tkunx ikkumpensata minn sussidju ogħla, ser ikun estremament diffċili għall-ECHA li tkompli ttipproduċi minkejja l-obbligi kollha relatati tagħha mingħajr ħlas.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Id-dossiers u t-talbiet kollha huma pproċessati skont il-proċeduri standard addottati mill-ECHA u fi żmien l-iskadenzi legali jew il-miri stabbiliti.

2. L-ECHA għandha kapaċità tajba li ssostni xjentifikament u teknikament ix-xogħol ta' valutazzjoni imwettaq mill-MSCAs.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Perċentaġġ ta' dossiers trattati skont proċeduri standard u skadenzi legali. | 100% | 89% |
| Livell ta' soddisfazzjon bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku u amministrattiv ipprovdut lill-membri tal-BPC, lill-Grupp ta' Koordinazzjoni, lill-Kummissjoni, l-MSCA's u l-industrija. | Għolja | Għolja |

## 3. Riżultati prinċipali

- Sostenn xjentifiku, tekniku, legali u amministrattiv għall-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi mwettqa mill-MSCAs.
- Il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-fornituri ta' sustanzi attivi u l-manutenzjoni tal-lista ta' forinturi approvati: deċiżjoni waħda.
- Valutazzjoni ta' applikazzjonijiet ta' ekwivalenza teknika: seba' deċiżjonijiet.
- Valutazzjoni tas-similarità kimika tas-sustanzi attivi: każ wieħed.
- Flussi ta' ħidma u proċessi biex jiġu trattati dossiers ġodda ttestjati għall-utilità tagħhom u żviluppati aktar meta neċessarju.
- Kienu pproċessati 69 domanda (mid-90 riċevuti).
- Inħarġu erba' deċiżjonijiet dwar argumenti li kkonċernaw il-kondiviżjoni tad-data.
- Parteċipazzjoni u kontribuzzjoni għal avvenimenti xjentifiċi u workshops għat-titjib ulterjuri tal-għarfien tal-valutazzjoni tal-bijoċidi (sustanzi attivi u prodotti bijoċidali).
- Stabbiliti kooperazzjoni u proċeduri prinċipali ta' ħidma mal-EFSA, l-EMA u servizzi rilevanti tal-Kummissjoni biex tkun żgurata konsistenza tal-valutazzjonijiet għal sustanzi tul leġiżlazzjonijiet differenti.

## 1.6. PIC (Attività 17)

Ir-Regolament dwar il-Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC, Regolament (UE) 649/2012) jamministra l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċerti sustanzi kimiċi perikolużi u jqiegħed obbligi fuq il-kumpaniji li jixtiequ jesportaw dawn is-sustanzi kimiċi lejn pajjiżi mhux tal-UE. Jimmira li jippromwovi responsabbiltà aktar kondiviża u kooperazzjoni fil-kummerċ internazzjonali ta' sustanzi kimiċi perikolużi, u li jipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent billi jipprovdi lil pajjiżi żviluppanti b'informazzjoni dwar kif jaħżnu, jittrasportaw, jużaw u jarmu sustanzi kimiċi perikolużi b'mod sigur. Dan ir-regolament jimplimenta, fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-proċedura ta' kunsens infurmat minn qabel għal ċerti sustanzi kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali.

Dan ir-regolament ittrasferixxa r-responsabbiltà għal kompiti amministrattivi u tekniċi miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni (JRC) għall-ECHA. L-ECHA tipprovdi wkoll assistenza kif ukoll gwida teknika u xjentifika lill-industrija, lill-awtoritajiet nazzjonali deżinjati (DNAs) kemm mill-UE kif ukoll minn pajjiżi terzi u l-Kummissjoni Ewropea.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

L-operazzjonijiet PIC ġew ittrasferiti b'suċċess mill-JRC lill-ECHA f'Marzu 2014, u dan ippermetta li l-ipproċessar tan-notifikazzjonijiet PIC isir mingħajr disturb. F'Settembru, l-ECHA qalbet lejn is-sistema ta' preżentazzjoni ġdida, ePIC, li ġabet iktar effiċjenza fl-ipproċessar tan-notifikazzjonijiet (ara l-Attivitajiet 1 u 6), pereżempju, billi ppermettiet lil persuni attivi kollha jwettqu monitoraġġ fuq l-iskadenzi tagħhom mill-qrib, jew billi żiedet it-traċċabbiltà tal-preżentazzjonijiet, u għamlet disponibbli l-istorja tal-isfond kollha għal preżentazzjonijiet u messaġġi relatati. Bħala riżultat, ħafna mill-ħtiġijiet ta' komunikazzjoni kemm għal utenti tal-awtorità kif ukoll tal-industrija jistgħu issa jiġu ttrattati fis-sistema.

Fl-istess ħin, il-persunal kien imħarreġ biex jittratta ż-żieda mistennija ta' tmiem is-sena f'notifikazzjonijiet li setgħu jiġu mmaniġġjati b'suċċess. In ġenerali, kienu pproċessati madwar 5 300 notifikazzjoni fl-2014, 15% mill-JRC qabel il-handover f'Marzu u l-85% li kien fadal mill-ECHA. Minn dawk, 4 500 irreferew għas-sena tal-esportazzjoni tal-2014, filwaqt li dawk li baqa' kienu pproċessati fl-aħħar kwart tal-2014 iżda kienu jirreferu għas-sena tal-esportazzjoni tal-2015. Dan jikkorrispondi għal żieda ta' 32% matul is-sena 2013. Tliet Stati Membri koprew 65% tan-notifikazzjonijiet kollha: 35% tan-notifikazzjonijiet oriġinaw mill-Ġermanja, 20% minn Franza u 10% mill-Belġju.

Matul is-sena, l-ECHA żammet konnessjonijiet mill-qrib u proattivi mad-DNAs u rċeviet feedback tajjeb ħafna dwar l-operazzjonijiet ta' sostenn minn jum għall-ieħor tagħha kif ukoll l-irfinar kontinwu tas-sistema ePIC. B'mod speċifiku, l-ECHA organizzat żewġ workshops li laqgħu l-feedback mid-DNAs u mill-industrija dwar l-iżvilupp tal-applikazzjoni u għal skopijiet ta' taħriġ. L-ECHA ipprovdiet ukoll sessjonijiet lajv WebEx għad-diskussjoni ta' speċifikazzjonijiet, u dawn ippermettew l-ittestjar estern tal-applikazzjoni minn partijiet interessati u pprovdew webinars bħala parti mill-programm ta' taħriġ.

Fir-rigward tal-konsulenza xjentifika u teknika lill-Kummissjoni Ewropea, l-ECHA kienet fi djalogu kontinwu magħhom, u saru preparazzjonijiet inizjali għall-iskambju tal-informazzjoni. Ix-xogħol ser ikompli fl-2015.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Aċċerta ruħek mill-implimentazzjoni b'suċċess tal-attivitajiet PIC f'Marzu 2014 u l-immaniġġar effettiv tal-ewwel żieda fin-notifikazzjonijiet fi tmiem l-2014.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikaturi | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Perċentaġġ ta' notifikazzjonijiet PIC ipproċessati fil-kwadru ta' żmien legali | 100% | 100%* |
| Livell ta' soddisfazzjon bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku, u amministrattiv ipprovdut lill-Kummissjoni, lid-DNA's tal-Istati Membri u l-industrija. | Għolja | Għolja |

* Figura arrotondata.

## 3. Eżiti prinċipali

- Il-proċeduri u l-flussi ta' ħidma kienu lesti għall-preżentazzjoni u għat-trattament tan-notifikazzjonijiet.
- Twettqet kampanja biex tqajjem kuxjenza fir-rigward tad-dħul fis-seħħ tar-riformulazzjoni.
- Kienu pproċessati total ta' 5 289 notifikazzjoni, li minnhom 4 500 kienu jirreferu għas-sena tal-esportazzjoni tal-2014.

## 1.7. Pariri u assistenza permezz tal-Gwida u l-Uffiċċju tal-Informazzjoni (Attività 5)

L-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA jagħti pariri lil kumpaniji li huma utli fil-preparazzjoni ta' dossiers, notifikazzjonijiet u rapporti ta' kwalità għolja; jikkjarifika obbligi taħt ir-regolamenti u jipprovdi sostenn lil utenti tal-għodod xjentifiċi tal-IT tal-ECHA (bħal IUCLID, Chesar, REACH-IT, ePIC u r-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali (R4BP 3)), inkluża assistenza bil-preżentazzjoni tad-data. Is-servizzi tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA jinkludu wkoll sessjonijiet ta' mistoqsijiet u tweġibiet matul webinars, sessjonijiet wiċċ imb wiċċ f'workshops u fil-Jum tal-Partijiet Interessati tal-ECHA organizzat kull sena, kif ukoll taħriġ dwar għodod xjentifiċi tal-IT.

In-netwerk ta' uffiċċji tal-informazzjoni nazzjonali BPR, CLP u REACH (HelpNet) għandu l-iskop li jrawwem għarfien komuni tal-obbligi REACH u CLP (u BPR) fost uffiċċji nazzjonali tal-informazzjoni u għaldaqstant jarmonizza t-tweġibiet tagħhom għal mistoqsijiet mill-industrija. Permezz ta' HelpNet, l-uffiċċji nazzjonali tal-informazzjoni ser jiżviluppaw aktar l-għarfien tagħhom li hu meħtieġ biex jaġixxi bħala l-ewwel punt ta' kuntatt għal-kumpaniji. L-ECHA timmaniġġja lil HelpNet, tippresjedi l-Grupp ta' Tmexxija tiegħu, tipprovdi lil uffiċċji nazzjonali tal-informazzjoni bil-Pjattaforma għall-Iskambju tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni (HelpEx) u tiffaċilita qbil dwar mistoqsijiet frekwenti ta' REACH, CLP u BPR (FAQs) li għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-ECHA.

Ir-regolamenti REACH, CLP, dwar il-Bijoċidi u PIC kollha jeħtieġu li l-ECHA tipprovdi gwida u għodod tekniċi u xjentifiċi għall-industrija, għall-MSCAs u għall-benefiċċju tal-partijiet l-oħra interessati.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

#### *L-uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA u HelpNet*

It-tagħbija tax-xogħol fl-għoti ta' pariri u assistenza lil kumpaniji billi tingħata tweġiba lil mistoqsijiet dwar l-industrija żiedet iktar fl-2014, ukoll minħabba l–fatt li d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali rriżulta f'madwar 17% tal-mistoqsijiet riżolti li jappartjenu għal dmirijiet taħt din il-leġiżlazzjoni. B'mod ġenerali, 69% tal-mistoqsijiet riżolti kienu jirrelataw mal-għodod xjentifiċi tal-IT tal-ECHA (mill-industrija u MSCAs) u 25% għal suġġetti regolatorji. Barra minn żieda fin-numri, mistoqsijiet mill-industrija wkoll kellhom it-tendenza jkunu aktar sofistikati milli fl-imgħoddi. Mistoqsijiet li kienu jirrelataw mal-BPR sfidaw ukoll lill-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA biex jiżviluppa settijiet relatati ta' tweġibiet topiċi.

Sussegwenti għall-estensjoni tal-HelpNet biex jinkludi wkoll korrispondenti mill-ħeldesks nazzjonali BPR, is-Segretarjat HelpNet applika l-format tal-organizzazzjoni ta' workshops speċifiċi HelpNet ma' korrispondenti CLP eżatti wara Seminar CLP ospitat mill-Kummissjoni Ewropea fi Brussell f'Settembri u ma' korrispondenti BPR eżatti wara t-tieni Jum għall-Partijiet Interessati tal-ECHA dwar il-Bijoċidi kif ukoll ma' korrispondenti REACH eżatti wara l-laqgħa tal-Grupp ta' Tmexxija HelpNet.

Dan il-format ippermetta lill-korrispondenti tal-uffiċċji nazzjonali tal-informazzjoni biex jiffukaw fuq l-oqsma speċifiċi tas-suġġetti tagħhom u sabiex jattendu l-laqgħat topiċi msemmija fuq u jiġbdu konklużjonijiet sabiex jipprovdu pariri u assistenza lil dawk fid-dmir fid-dawl tal-eżitu ta' dawn il-konferenzi prinċipali. Il-laqgħa tal-Grupp ta' Tmexxija HelpNet inkludiet ukoll lill-korrispondenti BPR, u orjentat ruħha kemmxjen lejn oġġetti ta' valur komuni għat-tliet tipi kollha ta' uffiċċji nazzjonali tal-informazzjoni.

Kien hemm suċċess prinċipali fid-deċiżjoni tal-Aġenzija li tistabbiixxi servizz ta' sostenn

speċifiku IT tal-MSCA. L-irwoli tal-MSCAs fil-proċessi regolatorji tal-ECHA jagħmluh neċessarju għall-persunal tagħhom li jmexxu d-diversi għodod tal-IT li huma essenzjali fl-interazzjoni bejn l-ECHA u MSCAs kif ipprovduti mil-leġiżlazzjoni. Tim ta' sostenn dedikat ipprovda sostenn orjentat lejn il-klijenti matul l-introduzzjoni ta' għodod xjentifiċi ġodda u aġġornati tal-IT, ġabar flimkien u kkonsolida netwerk ta' utenti u amministratturi ta' utenti, organizza avvenimenti ta' taħriġ, stabilixxa u ħareġ manwali tal-utenti u rrinova l-formola ta' kuntatt għal sostenn MSCA IT biex ikun possibbli punt ta' kuntatt wieħed.

Is-sostenn tal-industrija u tal-MSCAs fil-kuntest tar-rilaxx ta' għodod ġodda tal-IT kien jeħtieġ sforz partikolari. Serje ta' webinars u sessjonijiet WebEx li kienu organizzati għal MSCAs, flimkien mal-manwali, vidjo-tutorjals, ir-rinnovazzjoni tal-formoli ta' kuntatt tagħna u FAQs li kienu maħluqa wkoll għall-industrija, partikolarment in vista tal-preżentazzjoni ta' ePIC 1.0, R4BP 3.2 u sistema ta' kontabilità ECHA irriżultaw fit-tieni nofs tas-sena intensiv ħafna.

***Gwida***

Minħabba li l-iskadenza tar-reġistrazzjoni REACH tal-2018 tikkonċerna sustanzi f'firxa ta' tunnellaġġ sa 100 tunnellata metrika, reġistranti għall-2018 x'aktarx ikunu jinkludu proporzjon ogħla ta' kumpaniji b'inqas esperjenza kif ukoll iżgħar milli qatt qabel. F'dan id-dawl, l-ECHA ippubblikat dokument ta' gwida simplifikata addizzjonali fil-qosor dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Xjentifiku (SR&D) u Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi (PPORD) biex ikunu ta' sostenn għall-innovazzjoni. L-ECHA kompliet tappoġġa lil SMEs billi pprovdiet traduzzjonijiet ta' dokumenti xierqa mill-Ingliż fi 22 lingwa uffiċjali oħra tal-UE.

L-ECHA kompliet tespandi l-gwida disponibbli tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali u ppubblikat serje ta' dokumenti ta' gwida tranżitorji biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mil-leġiżlazzjoni preċedenti dwar il-bijoċidi.

Hekk kif ir-Regolament PIC (Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2014, l-ECHA ippubblikat l-ewwel gwida tagħha dwar PIC.

Barra minn hekk, l-ECJA kompliet ittejjeb l-aċċessibbiltà tal-gwida għall-partijiet kollha interessati billi pproduċiet u mantniet dokumentazzjoni ta' sostenn u paġni web (pari ta' mistoqsijiet u tweġibiet, dokumenti ta' "Gwida fil-qosor", paġni web għal proċessi speċifiċi REACH u CLP u bażi ta' data tat-terminoloġija REACH (ECHA-term) fi 23 lingwa tal-UE.

B'mod ġenerali, l-eżitu fuq il-Gwida kien konsiderevoli u rrifletta l-ħtieġa li d-detenturi tad-data jinżammu aġġornati, ir-rutina li l-ECHA żviluppat fil-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti kif ukoll l-iskop tal-Aġenzija li tippreżentahom f'formati faċli biex jintużaw mill-utent.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-industrija (dawk fid-dmir) tirċievi sostenn effiċjenti u f'waqtu mill-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA, u permezz ta' dokumenti ta' gwida ta' kwalità għolja, sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha taħt REACH, CLP, BPR u PIC.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Perċentaġġ ta' mistoqsijiet mill-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA mogħtija tweġiba fil-kwadru ta' żmien stabbilit (15-il jum utli). | 90% (REACH/CLP) 70% (BPR) | 93% (REACH/CLP) 82% (BPR) |
| Livell ta' sodisfazzjon tal-utenti bil-kwalità tas-servizzi tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA. | Għolja | Għolja |
| Livell ta' sodisfazzjon espress f'feedback minn utenti ta' gwida. | Għolja | Għolja |

## 3. Eżiti prinċipali

<u>L-uffiċċju tal-informazzjoni tal-ECHA</u>

- 7 628 mistoqsija riżolta mill-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA.
- 32 sessjoni wiċċ imb wiċċ u stand tal-Uffiċċju tal-informazzjoni pprovdut fid-Disa' Jum tal-Partijiet Interessati tal-ECHA, 24 sessjoni wiċ imb wiċċ ipprovduti fit-Tieni Jum tal-Partijiet Interessati tal-ECHA dwar il-Bijoċidi.
- Laqgħa waħda tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni u tliet workshops topiċi tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni dwar BPR, CLP u REACH, rispettivament.
- Organizzat l-ewwel workshop tal-Amministraturi tal-Utenti tal-MSCA REACH.
- Sessjonijiet Q&A fi tmien webinars li pprovdew tweġibiet għal 796 mistoqsija topika.
- Tliet aġġornamenti ta' Mistoqsijiet Frekwenti f'konsultazzjoni bil-miktub u aġġornament wieħed ta' FAQ 'fast-track' li pproduċew b'kollox tmien FAQs REACH, ħamsa CLP u ħamsa BPR; dawn l-FAQs miftiehma minn qabel minn membri tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni.
- 26 aġġornament ta' FAQ għall-għodod kollha tal-IT (inklużi FAQs dwar fatturazzjoni u Kontijiet tal-ECHA).
- Għodod tal-IT li pprovdew taħriġ dwar R4BP 3 u IUCLID 5.5 għal uffiċċji tal-informazzjoni nazzjonali.
- Linji gwida mira dwar il-klassifikazzjoni ta' taħlitiet żviluppati f'kollaborazzjoni mal-uffiċċji tal-informazzjoni nazzjonali u ppubblikati fuq il-websajt tal-ECHA.
- Erba' webinars, ħames pakketti tal-informazzjoni, żewġ manwali login u żewġ gwidi veloċi għal MSCAs u s-setup ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni dwar CIRCABC.
- Id-dekummissjonar ta' kaxxi-kripto mill-MSCAs kollha u l-migrazzjoni lejn mudell ta' aċċess ġdid remot , li nneċessita li t-towkins kollha jiġu sostitwiti.
- Il-migrazzjoni ta' kontijiet tal-utent dwar il-bijoċidi biex jippermettu l-go-lajv ta' eżerċizzji ta' ttestjar end-to-end R4BP3
għall-għodod kollha tal-IT ippreżentati.

- Il-formola ta' kuntatt ta' sostenn MSCA IT ġiet rinovata darbtejn biex b'hekk ippermettiet lill-MSCAs, lil uffiċċji tal-informazzjoni nazzjonali, lil awtoritajiet tal-infurzar u msieħba interistituzzjonali biex jersqu lejn l-ECHA permezz ta' punt wieħed ta' kuntatt.

<u>Gwida</u>

- Gwida finalizzata b'pubblikazzjoni fl-2014 (l-aġġornamenti kollha sakemm mhux indikati bħala "ġodda"):
    - *Gwida dwar il-preparazzjoni ta' dossiers għal klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati* ("Dossiers CLH");
    - *Gwida għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 649/2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi perikolużi* (Gwida għal PIC - ġdida);
    - *Gwida dwar ir-Rekwiżiti tal-Informazzjoni u l-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika (IR&CSA)* - Parti C u l-Kapitoli R11, R7b, R7c (li jirrelataw mal-valutazzjoni PBT);
    - *Gwida dwar ir-Rekwiżiti tal-Informazzjoni u l-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika (IR&CSA)* - Kapitolu R.7a, Taqsimiet R.7.7.1 sa R.7.7.7 (li jirrelataw mal-mutaġeniċità);
    - *Gwida dwar il-preparazzjoni ta' dossier tal-Anness XV għall-identifikazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna;*
    - *Gwida dwar Riċerka u Żvilupp Xjentifiku (SR&D) u Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi (PPORD);*
    - *Gwida fil-qosor dwar Riċerka u Żvilupp Xjentifiku (SR&D) u Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi (PPORD)* (ġdida, fi 23 lingwa);
    - *Gwida dwar ir-Regolament dwar Prodotti Bijoċidali, Volum V, Gwida dwar sustanzi attivi u fornituri (Lista tal-Artikolu 95).*
    - Total ta' disa' dokumenti ta' gwida tranżitorji għat-tranżizzjoni bejn id-Direttiva dwar Prodotti Bijoċidali u r-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali kienu ppubblikati wkoll (ara: http://echa.europa.eu/guidance-documents/guidance-on-biocides-legislation/transitional-guidance)
    - It-Tieni reviżjoni għall-Proċedura ta' Konsultazzjoni għall-Gwida (MB/2013/63 finali) kif approvata fil-laqgħa MB tat-18/12/2013 kienet ippubblikata fis-sit web tal-ECHA f'Jannar 2014: (http://echa.europa.eu/documents/10162/13559/mb_63_2013_consultation_procedure_for_guidance_revision_2_en.pdf)

- Korriġenda ppubblikati mad-dokumenti ta' gwida li ġejjin fl-2014:
    - Gwida dwar il-kompilazzjoni ta' skedi ta' data ta' sigurtà (ċerti lingwi biss)
    - Gwida BPR Volumi I-IV – Parti A Rekwiżiti tal-Informazzjoni (biex id-dokumenti jitqassmu fl-istruttura l-ġdida);
    - *Gwida għal utenti downstream;*
    - *Gwida dwar ir-rekwiżiti tal-informazzjoni u l-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika*, Kapitolu R.7a: Gwida speċifika għall-punti finali (Verżjoni 2.4) (Taqsima R.7.1 karatteristiċi fiżikokimiċi );
    - *Gwida għall-identifikazzjoni u l-għoti ta' ismijiet lil sustanzi taħt REACH u CLP.*

- Ingħata bidu għal proġetti ta' gwida li għalihom kienu ġġenerati dokumenti ta' abbozz ta' konsultazzjoni matul l-2014 (l-aġġornamenti kollha, sakemm mhux indikati bħala "ġodda"):

- *Gwida dwar ir-Rekwiżiti tal-Informazzjoni u l-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika (IR&CSA)* - Kapitolu R.7a, Taqsima R.7.6 (li tirrelata ma' tossiċità riproduttiva);
- *Gwida dwar ir-Rekwiżiti tal-Informazzjoni u l-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika (IR&CSA)* - Kapitolu R.7a, Taqsima R.7.2 (li tirrelata ma' korrożjoni/irritazzjoni);
- *Gwida dwar ir-Rekwiżiti tal-Informazzjoni u l-Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika (IR&CSA)* - Kapitolu R.12 (sistema tad-deskrittur tal-użu);
- *Gwida dwar il-kompilazzjoni ta' Skedi ta' data ta' Sigurtà* (aġġornament veloċi biex iqis (inter alia) tmiem il-perjodu tranżitorju għall-klassifikazzjoni ta' taħlitiet skont ir-Regolament CLP);
- *Gwida għar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPR) - Volum IV, Ambjent, Parti B Stima tar-riskji (sustanzi attivi)* (ġdida);
- *Gwida għar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPR) - Volum V, Gwida dwar il-mikroorganiżmi* (ġdida);
- *Gwida għar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPR) - Volum III, Is-Saħħa tal-Bniedem, Parti B Stima tar-Riskji*, Kapitolu 3 dwar l-istima tal-espożizzjoni

## 1.8. Għodod xjentifiċi tal-IT (Attività 6)

L-ECHA tiżviluppa, tmantni u ssostni sistemi u għodod tal-IT li jippermettu lill-Aġenzija u lill-partijiet interessati tagħha jissodisfaw l-obbligi regolatorji tagħhom taħt ir-regolamenti rilevanti b'mod effiċjenti u effettiv.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

Verżjoni teknikamet maġġuri ġdida, IUCLID 6, kompliet tiġi żviluppata matul is-sena. Il-proġett ipprogresssa skont il-pjanijiet stabbiliti. Wara ttestjar komprensiv, l-ECHA ser tibda tuża l-verżjoni għall-operazzjonijiet interni tagħha. Fl-istess ħin, verżjoni ta' qabel il-produzzjoni ser tkun magħmula disponibbli għall-utenti IUCLID kollha, li tippermettilhom jittestjaw u jiffamiljarizzaw irwieħhom mal-prodott u jippreparaw għar-rilaxx finali tal-produzzjoni ppjanat fl-2016 li ser jissostitwixxi l-IUCLID 5 preżenti.

L-għodda tal-valutazzjoni tas-sigurtà kimika Chesar kienet żviluppata iktar u Chesar 2.3 rivedut kien rilaxxat f'Ġunju. Beda l-iżvilupp ta' verżjoni ġdida Chesar 3, ibbażat fuq l-eżitu tal-programm tal-iżvilupp tal-Valutazzjoni interna tas-Sigurtà Kimika (CSA) kif ukoll ix-xogħol ta' grupp ta' esperti esterni mill-Industrija. Chesar 3 ser ikun allinjat ma' IUCLID 6.

L-aġġornament tas-sistema ta' Preżentazzjoni REACH u CLP, REACH-IT beda f'allinjament mal-inizjattiva tal-Pjan Direzzjonali REACH 2018. Il-verżjoni l-ġdida – REACH-IT 3 – ser tkun iktar modulari, allinjata ma' IUCLID 6, aġġornata għal teknoloġiji tal-IT riċenti, riveduta fl-interfaċċja tal-utent tagħha u ser terġa' tuża il-komponent tal-immaniġġjar tal-aċċess tal-utenti diġà użat għas-sistemi l-oħra ta' preżentazzjoni (ePIC u R4BP) biex l-immaniġġar tal-utenti u s-sign-in ikunu magħmula aktar effiċjenti b'mod sinifikanti. Ir-rilaxx ta' REACH-IT 3 disponibbli esternament ser ikun fl-2016 wara r-rilaxx ta' IUCLID 6.

B'sostenn għar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali, l-ECHA żviluppat aktar l-applikazzjoni R4BP 3 inizjalment rilaxxata fl-2013. Żewġ verżjonijiet kienu rilaxxati matul is-sena li appoġġaw diversi tipi ġodda ta' applikazzjonijiet, u żiedu l-livell ta' awtomatizzazzjoni għall-utenti tal-awtorità, u adattament għall-bidliet fir-regolament. Data li fadal mill-verżjoni R4BP 2 – ta' sostenn għad-Direttiva sostitwita – kienet migrata lejn is-sistema l-ġdida biex tippermetti d-dekummissjonar. Kien żviluppat editur għad-

dokument ta' Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott (Għodda SPC) u ġie rilaxxat biex b'hekk irrinforza l-istruttura SPC għal applikazzjonijiet BPR.

L-ECHA irrilaxxat sistema ta' preżentazzjoni ġdida – ePIC – bħala parti mit-trasferiment tar-Regolament dwar Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC) lill-ECHA, b'data li tissostitwixxi u migranti mis-sistema operata miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka taħt ir-reġim preċedenti.
Bħala parti mill-ePIC go-lajv, kien ipprovdut sostenn tal-IT estensiv għall-awtoritajiet nazzjonali deżinjati (DNA). Il-fażi ta' żvilupp ePIC kienet konkluża u s-sistema daħlet fil-fażi tal-manutenzjoni fl-2015.

Fl-2014, ir-ristrutturazzjoni ta' ħafna mill-għodod tal-IT esternament disponibbli għamlet progress sinifikanti, u mmirat lejn integrazzjoni u manutenzjoni aħjar skont il-programm ta' rinnovazzjoni tal-Impriża tal-Arkitettura. Dan il-programm kien allinjat ukoll mal-inizjattiva tal-Pjan Direzzjonali REACH 2018 biex jagħti għodod aħjar lil reġistranti u, fl-istess ħin, isostni l-isforzi tal-ECHA lejn li tkun riċevuta data ta' kwalità aħjar.

L-iżvilupp tas-sistema ta' tqassim tal-ġenerazzjoni li jmiss ipprogressa b'mod soddisfaċenti, għalkemm dewmien ta' xahrejn fuq il-pjan ma setax ikun irkuprat kompletament. Is-sistema kompletament riveduta hija ppjanata li tkun rilaxxata sa tmiem l-2015.

Mill-bidu tal-2014, l-awtoritajiet kompetenti kollha seta' jkollhom aċċess għad-Daxxbord tal-Portal għal Awtoritajiet Kompetenti – sistema li tipprovdi aċċess għall-informazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi fil-bażijiet ta' data tal-ECHA – wara go-lajv fit-tmiem tal-2013.

Fi kliem ieħor, sabiex tikkonsolida u tallevja l-piż tal-manutenzjoni ta' diversi soluzzjonijiet ta' eżitu għall-awtoritajiet kompetenti, l-ECHA iddeċidiet li tgħaqqad il-Portal għall-Awtoritajiet tal-Infurzar (RIPE) REACH mad-Daxxbord tal-Portal. Madankollu, matul l-iżvilupp ulterjuri tal-Pjattaforma għall-Integrazzjoni tad-data (DIP) – ir-repożitorju tad-data fuq wara li jmantni d-Daxxbord tal-Portal – kien hemm żvantaġġ ta' diversi xhur minħabba kwistjonijiet ta' diżinn tal-arkitettura li żammew lura l-pjanijiet għall-għaqda tal-funzjonalitajiet RIPE. Lejn tmiem is-sena, kienu identifikati soluzzjonijiet għal dawn il-kwistjonjiet; huma ser jiġu indirizzati fl-2015 u xi dewmien maħsub li jiġi rkuprat.

Internament, kienet introdotta pjattaforma ġdida għall-ġestjoni tal-każijiet bl-isem ta' Każ Dinamiku biex tkun ta' sostenn għall-proċessi regolatorji ta' REACH u CLP tal-ECHA. Il-kunċett tal-Każ Dinamiku jikkonsisti f'funzjonalitajiet komuni għall-ħolqien, it-trattament u l-arkivjar ta' rekords li jappartjenu għal każ, l-interazzjoni ma' sistemi ta' sorsi tal-IT u l-produzzjoni ta' kontenut għall-kollaborazzjoni jew id-disseminazzjoni ta' każ. Dawn il-funzjonalitajiet komuni jistgħu jiġu konfigurati biex jaddattaw għall-ħtiġijiet ta' proċess regolatorju speċifiku kif deskritt fil-proċeduri u fl-istruzzjonijiet tax-xogħol tas-Sistema ta' Ġestjoni ta' Kwalità tal-ECHA. Il-popolarità veloċi tal-Każ Dinamiku kienet ikkonfermata hekk kif 17 minn 40 proċess regolatorju identifikati ta' REACH u CLP diġà kellhom is-sostenn tal-pjattaforma fi tmiem l-2014, ftit xhur biss wara l-go-lajv.

Id-diffikultajiet bil-kwalità tal-iżvilupp tas-softwer li teffettwa l-Odyssey (is-sistema għas-sostenn tad-deċiżjoni użata għall-valutazjzoni tad-dossier) kienu fl-aħħar megħluba bir-rilaxx b'suċċess taż-żewġ verżjonijiet ġodda kif ippjanat. Is-sistema ġiet arrikkita b'funzjonalitajiet u integrazzjoni ma' sistemi oħra tal-IT għat-titjib tal-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-valutazzjoni tad-dossier. Is-sistema kienet ukoll fl-aħħar addottata b'mod komplet għall-valutazzjoni xjentifika ta' dossier ta' domanda.

Is-sistema tal-fluss tax-xogħol użata għall-Valutazzjoni (ECM-DEP) kienet addattata b'żewġ rilaxxi taħt ġestjoni ta' bidla, u pprovdiet titjib operazzjonali u integrazzjoni aħjar mal-Pjattaforma ta' Integrazzjoni tad-data u ma' Odyssey.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-ECHA tipprovdi għodod tal-IT speċjalizzati u servizzi relatati li jagħtu sostenn effiċjenti lil MSCAs u lil partijiet interessati industrijali fil-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' dossiers lill-ECHA.

2. Għodod tal-IT li jiffunzjonaw tajjeb jippermettu lill-ECHA tirċievi u tipproċessa b'suċċess il-preżentazzjonijiet, twettaq valutazzjonijiet u attivitajiet tal-istima tar-riskji kif ukoll tqassam l-informazzjoni pubblika, skont il-leġiżlazzjoni rilevanti.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Livell ta' sodisfazzjon ta' utenti esterni bl-għodod tal-IT (IUCLID, REACH-IT, R4BP 3, CHESAR u Disseminazzjoni). | Għolja | Għolja |

## 3. Riżultati prinċipali

- L-iżvilupp tal-għodod tal-ġenerazzjoni l-ġdida tal-IT - IUCLID 6, REACH-IT 3, Chesar 3, Disseminazzjoni ġdida – ipprogressa skont il-pjanijiet.
- Żewġ verżjonijiet ġodda R4BP kienu rilaxxati fl-2014, li koprew funzjonalità addizzjonali u każijiet tal-użu.
- Kien żviluppat u rilaxxat editur SPC għall-preparazzjoni u l-editjar tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott (SPC) ta' sostenn għall-kitba ta' SPCs strutturati għal bijoċidi.
- Sistema ġdida ta' sostenn għar-Regolament PIC, ePIC, kienet rilaxxata fil-ħin biex timmaniġġa notifikazzjonijiet għall-2015.
- Is-sistema preżenti ta' disseminazzjoni tjiebet biex tkopri bijoċidi u data PIC u biex jintlaħqu effiċjenzi operazzjonali.
- Aġġornament għall-prodott Chesar 2 (verżjoni 2.3) kien rilaxxat f'Ġunju.
- Ġiet introdotta l-pjattaforma għall-ġestjoni tal-każijiet, Każ Dinamiku, b'sostenn għal 17-il proċess REACH u CLP sa tmiem is-sena.
- Żewġ verżjonijiet tal-Odyssey kienu rilaxxati biex itejbu l-effiċjenza tax-xogħol xjentifiku fil-valutazzjoni tad-dossiers u fl-ipproċessar tad-dossiers ta' domanda.
- Rilaxxati żewġ verżjonijiet ta' manutenzjoni ta' ECM-DEP.

## 1.9. Attivitajiet xjentifiċi u pariri tekniċi lil Istituzzjonijiet u Korpi tal-UE (Attività 7)

Hija l-mira strateġika tal-ECHA li ssir ċentru għall-bini tal-għarfien xjentifiku u regolatorju tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u partijiet interessati oħra, u li tuża dan l-għarfien biex ittejjeb l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

L-2014 kienet l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-mira strateġika ta' hawn fuq. Bħala element wieħed minn dan, l-ECHA introduċiet il-fondazzjoni għall-bini tal-kapaċità xjentifika proattiva għall-persunal tagħha. Dan sar billi ġie stabbilit approċċ għall-ġestjoni tal-kompetenza sistematika li kien megħjun b'ippjanar tal-kompetenza fost il-persunal xjentifiku tal-Aġenzija.

L-ECHA ikkontribwiet għall-iżvilupp ta' Linji Gwida tat-Test ġodda jew aġġornati tal-OECD u Dokumenti ta' Gwida permezz ta' diversi Gruppi Esterni OECD, u billi pprovdiet kummenti esperti. Oqsma prijoritizzati ta' punti finali kienu l-irritazzjoni/ il-korrożjoni tal-ġilda u tal-għajnejn, is-sensitizzazzjoni tal-ġilda, il-ġenotossiċità, sustanzi li jħarbtu l-endokrina u ekotossiċità akkwatika u terrestri. L-ECHA introduċiet ukoll taqsima web ġdida biex tinforma lil reġistranti bil-linji gwida ġodda tat-test u biex tippromwovi l-użu xieraq tagħhom fl-ilħiq tar-rekwiżiti tal-informazzjoni taħt REACH. L-ECHA ipprovdiet sostenn espert lill-Kummissjoni fl-integrazzjoni ta' linja gwida ta' Studju ta' Tossiċità ta' Riproduzzjoni Estiża fuq Ġenerazzjoni Waħda fir-rekwiżiti tal-informazzjoni REACH.

L-ECHA ikkontribwiet b'mod attiv għall-iżvilupp u l-użu ta' alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali. Dan kien jinkludi b'mod partikolari parteċipazzjoni fl-abbozzar ta' approċċ integrat għall-ittestjar u l-valutazzjoni (IATA) dwar sensitizzazzjoni tal-ġilda u għall-IATA dwar l-irritazzjoni/il-korrożjoni tal-ġilda fi ħdan l-OECD, u kontribuzzjonijiet għall-iżvilupp tal-Mezzi B'Eżitu Avvers (Aos) f'livell ta' WHO u OECD.

Bħala riżultat ta' proġett konġunt bejn l-ECHA u ċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, kien ippubblikat rapport dwar "Inkunu konxji ta' metodi mhux fuq l-annimali għall-istima tas-sustanzi kimiċi – Fehma dwar il-promozzjoni ta' ttestjar mhux fuq l-annimali u metodi alternattivi" (Awareness of non-animal methods for the assessment of chemicals – View to promote non-animal testing and alternative methods) u l-ECHA irranġat workshop ta' segwitu biex issaħħaħ il-kollaborazzjoni u tħarreġ persunal tal-ECHA. Beda xogħol biex jissostitwixxi l-istudju in vivo ta' tossiċità orali akuta permezz ta' approċċ ta' piż tal-provi, li jistrieħ l-iktar fuq ir-riżultati sub-akuti ta' tossiċità. Enfasi speċjali ta' dawn l-attivitajiet hi li tgħin lil reġistranti jevitaw l-ittestjar mhux neċessarju fuq l-annimali meta jippreparaw għall-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018.

It-tieni rapport tal-ECHA dwar l-użu ta' alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali kien ippubblikat f'Ġunju. Ir-rapport wera li r-reġistranti użaw metodi alternattivi biex jiġġeneraw informazzjoni meħtieġa minn REACH biex jiżguraw l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi. Ħafna mir-reġistranti jikkonformaw mal-obbligi dwar il-kondiviżjoni tad-data u l-industrija użat dejjem iktar metodi in vitro, bniet kategoriji u pprevediet karatteristiċi tas-sustanzi permezz ta' read-across. L-ECHA ser tuża r-riżultati tar-rapport biex tippromwovi l-użu ta' metodi alternattivi b'sostenn għar-reġistranti li jimmiraw lejn l-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018.

Barra minn hekk, l-ECHA għamlet progress tajjeb fl-iżvilupp ta' Kwadru Read-Across (RAAF) biex tagħti pariri lill-awtoritajiet u lil reġistranti dwar kif jibnu u jivvalutaw

ġustifikazzjonijiet read-across. Kien organizzat workshop ta' suċċess dwar RAAF għas-saħħa tal-bniedem, u beda xogħol fuq l-espansjoni ta' RAAF għal perikoli ambjentali. L-użu tal-Kaxxa tal-għodda Relazzjoni Struttura-Attività Kwantitattiva tal-OECD kien promoss permezz ta' taħriġ ibbażat fuq il-web lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u partijiet interessati u permezz tal-pubblikazzjoni ta' serje ta' tutorjals ġodda għall-Kaxxa tal-għodda.

L-Istrateġija Regolatorja tax-Xjenza tal-ECHA kienet finalizzata, u ser tiġi ppubblikata kmieni fl-2015. Din tmexxi l-attivitajiet tax-xjenza regolatorji tal-ECHA, pereżempju, billi tistabbilixxi prijoritajiet, u tistrieħ ħafna fuq approċċ immexxi mid-domanda li jservi ħtiġijiet operazzjonali, u billi tikkjarifika l-irwol tal-ECHA fl-interazzjoni ma' proġetti ta' riċerka u żvilupp (bħal taħt Orizzont 2020). Fil-kuntest ta' din il-ħidma, l-ECHA kompliet issaħħaħ l-interazzjoni tagħha ma' soċjetajiet xjentifiċi professjonali internazzjonali bħal SETAC Europe u Eurotox.

Il-Workshop Topiku Xjentifiku dwar in-Nanomaterjali sar bejn it-23 u l-24 ta' Ottubru 2014 fl-ECHA u ġab flimkien madwar 200 espert fil-qasam tal-istima tar-riskji ta' nanomaterjali li rrappreżentaw l-akkademja, l-awtoritajiet, l-industrija u NGOs. Il-workshop ipprovda pjattaforma unika għal akkademja u regolaturi biex jiddiskutu kif jindirizzaw sfidi fil-preżent mill-perspettiva regolatorja li jistgħu jiġu riflessi u użati fis-suġġetti kurrenti u ta' riċerka fil-ġejjieni dwar in-nanomaterjali.

L-ECHA żiedet l-irwol tagħha f'livell internazzjonali billi aċċettat pożizzjoni ta' president għall-Grupp ta' Tmexxija dwar l-Ittestjar u l-Valutazzjoni (SG-TA) taħt il-Partit tax-Xogħol għal Nanomaterjali manifatturati fl-OECD. Din il-pożizzjoni tat lill-ECHA opportunità tajba biex toħloq sinerġiji bejn l-attivitajiet u l-miri tagħha għal nanomaterjali u d-diskussjonijiet f'livell internazzjonali eż. dwar l-adattabbiltà ta' linji gwida ta' ttestjar eżistenti u metodi ta' valutazzjoni ta' nanomaterjali.

Fl-istennija tal-proposta formali mill-Kummissjoni Ewropea dwar reviżjonijiet tal-Annessi REACH fil-kuntest ta' nanomaterjali, l-ECHA bdiet xogħol ta' preparazzjoni biex taġġorna d-dokumenti ta' gwida rilevanti biex tiżgura li jkunu lesti għar-reġistranti fil-ħin għall-iskadenza tal-2018. Il-Grupp ta' Ħidma dwar in-Nanomaterjali (NMWG) tal-ECHA iltaqa' darbtejn biex jiddiskuti kwistjonijiet xjentifiċi u tekniċi li jirrelataw mal-implimentazzjoni ta' REACH, CLP u l-BPR, u b'mod partikolari fir-rigward ta' stima ambjentali, karatterizzazzjoni, struttura tal-informazzjoni f'IUCLID u read-across bejn forom differenti tal-istess nanomaterjali.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-ECHA tagħti fuq talba pariri ta' kwalità xjentifika u teknika għolja dwar is-sigurtà tas-sustanzi kimiċi, inklużi nanomaterjali u sustanzi li jħarbtu l-endokrina, sustanzi li jixbhu lil PBT, tossiċità tat-taħlitiet, stima tal-espożizzjoni, metodi ta' ttestjar u l-użu ta' metodi alternattivi.

2. L-ECHA tista' tħaddan żviluppi xjentifiċi u ħtiġijiet emerġenti għax-xjenza regolatorja.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Livell ta' soddisfazzjon bil-kwalità tas-sostenn xjentifiku, tekniku, u amministrattiv ipprovdut lill-Kummissjoni u lil MSCAs. | Għolja | Medja |

## 3. Riżultati prinċipali

- Introdotta sistema ta' ġestjoni ta' kompetenza sistematika.
- Workshop Xjentifiku u Topiku ta' suċċess dwar Sfidi Regolatorji fl-Istimi tar-Riskji ta' nanomaterjali kien organizzat f'Ottubru 2014.
- Kien ippubblikat it-tieni rapport tal-ECHA taħt l-Artikolu 117(3) ta' REACH dwar l-użu ta' alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali.
- Kien aġġornat il-pjan ta' ħidma ta' sentejn tal-ECHA dwar in-nanomaterjali.
- Saru żewġ laqgħat tal-grupp ta' ħidma dwar in-nanomaterjali.
- Parteċipazzjoni fil-laqgħat annwali jew fil-gruppi ta' tmexxija tal-proġetti ta' riċerka l-iktar rilevanti dwar nanomaterjali (taħt FP7).
- Kontribuzzjonijiet għal erba' workshops tal-OECD dwar l-iżvilupp ta' metodi ta' valutazzjoni għal NMs, u għar-reviżjoni ta' diversi linji gwida ta' ttestjar li jirrigwardaw l-applikabbiltà tagħhom għal NMs.
- Kontribuzzjonijiet għal COM għar-reviżjoni ta' annessi REACH li jirrigwardaw rekwiżiti speċifiċi għal NMs.
- Promozzjoni ta' approċċi aħjar ta' identifikazzjoni tal-perikolu u stima tar-riskji permezz ta' taħriġ dwar metodoloġija ta' inċertezza u workshops ta' mezzi ta' azzjoni/rilevanza umana.
- L-ECHA u JRC jirrappurtaw dwar "Għarfien dwar metodi mhux tal-annimali għall-istima tas-sustanzi kimiċi – Mira lejn il-propozjoni ta' ttestjar mhux fuq l-annimali u metodi alternattivi."
- Kontribuzzjoni lejn l-iżvilupp ta' linji gwida ta' ttestjar OECD u strateġiji ta' ttestjar (IATAs) speċjalment fl-oqsma ta' irritazzjoni/korrożjoni tal-ġilda u tal-għajnejn, sensitizzazzjoni tal-ġilda, ġenotossiċità, sustanzi li jħarbtu l-endokrina, tossiċità riproduttiva u ekotossiċità akkwatika u terrestri.
- Mezz ta' Eżitu Avvers: kontribuzzjonijiet permezz ta' OECD u WHO, u implimentazzjoni permezz tal-Kaxxa tal-għodda tal-OECD.
- L-iżvilupp ta' Matriċi għal Analiżi tal-Mezz ta' Azzjoni li juża l-Kwadru WHO/IPCS MoA.
- Taqsima web ġdida biex tinforma lil reġistranti bil-linji gwida ġodda tat-test għall-promozzjoni tal-użu tagħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-informazzjoni taħt REACH.

- Il-promozzjoni tal-għodda QSAR permezz ta' taħriġ, preżentazzjonijiet, u billi jiġu pprovduti eżempji (għal sensitizzazzjoni tal-ġilda u tossiċità akkwatika akuta) dwar kif tuża l-Għodda.
- Kontribuzzjoni u sostenn xjentifiku lill-Kummissjoni fir-reviżjoni tagħha tal-Annessi REACH dwar rekwiżiti speċifiċi tal-informazzjoni (tossiċità riproduttiva, irritazzjoni/korrożjoni tal-ġilda/tal-għajnejn, sensitizzazzjoni tal-ġilda), u fir-rigward ta' rekwiżiti tal-informazzjoni għal 1-10 tunnellati metriċi.

# 2. Korpi u Attivitajiet biex inaqqsu l-ispejjeż tal-ECHA

1.

2.

## 2.1. Kumitati u Forum (Attività 8)

Il-Kumitati – il-Kumitat tal-Istati Membri (MSC), il-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC) – huma parti integrali mill-ECHA u jiżvolġu rwol essenzjali partikolarment fl-għoti ta' pariri xjentifiċi u tekniċi (jiġifieri ftehim u opinjonijiet) bħala bażi għall-ECHA u għat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Il-Forum għall-Iskambju tal-Informazzjoni dwar l-Infurzar jipprovdi netwerk ta' awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-infurzar tar-regolamenti REACH u CLP, bl-iskop li jarmonizzaw l-approċċ tagħhom għall-infurzar.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

***Kumitat tal-Istati Membri (MSC)***

L-għadd ta' każijiet ippreżentati lill-MSC għal ftehim kien inqas milli ppjanat. L-MSC qabel unanimament dwar 60% tad-deċiżjonijiet ta' abbozz dwar kontroll ta' konformità li kienu jitrattaw dossiers tar-reġistrazzjoni u deċiżjonijiet ta' abbozz dwar proposti ta' ttestjar. Fi 33 kontroll ta' konformità u 61 każ ta' proposti ta' ttestjar (fejn ġie propost ittestjar għat-tossiċità riproduttiva fuq żewġ ġenerazzjonijiet), l-MSC ma wasalx għal ftehim unanimu. Skont ir-rekwiżiti legali, id-dokumentazzjoni kollha kienet ippreżentata lill-Kummissjoni biex tieħu d-deċiżjonijiet ulterjuri tagħha.

B'kollox, 17-il deċiżjoni ta' abbozz dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi, bħala riżultat ta' valutazzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri, kienu indirizzati mill-MSC fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha tul l-2014. Għal 15-il sustanza, intlaħaq ftehim unanimu dwar id-deċiżjoni ta' abbozz, u dan kopra erba' sustanzi elenkati fil-CoRAP għal valutazzjoni tul l-2013, bil-bqija li oriġinaw mill-2012. Għal sustanza waħda (jiġifieri l-metanol), l-MSC sab ftehim unanimu biex jittermina l-proċedura tat-teħid tad-deċiżjoni, u għal sustanza waħda (jiġifieri il-poliħaloalkene), l-MSC ma sabx ftehim unanimu. Skont ir-rekwiżit legali, id-dokumentazzjoni kollha dwar il-każ tal-aħħar kienet ippreżentata lill-Kummissjoni biex tieħu d-deċiżjonijiet ulterjuri tagħha. Fir-rigward tal-proċess tal-valutazzjoni tas-sustanzi, il-Kumitat addotta l-opinjoni tiegħdu dwar l-abbozz tal-aġġornament tal-CoRAP tal-ECHA għall-2014-2016 fi Frar 2014.

L-MSC qabel unanimament dwar l-identifikazzjoni ta' disa' sustanzi bħala SVHCs li kienu sussegwentement inklużi fil-Lista tal-Kandidati. Għal sustanza waħda elenkata fil-Lista tal-Kandidati preċedentement (ftalat DEHP), l-MSC identifika bażi addizzjonali għall-elenkar tagħha minħabba l-karatteristiċi tagħha li jħarbtu l-endokrina. Għall-ewwel darba, l-MSC ma laħaqx ftehim unanimu dwar erba' sustanzi (il-ftalati kollha). L-opinjonijiet tal-MSC b'maġġoranza dwar dawn is-sustanzi, kif ukoll dawk b'minoranza jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni biex tieħu deċiżjoni.

L-aġġornament għall-approċċ tal-prijoritizzazzjoni li l-ECHA għandha tapplika mill-2014 'il quddiem kien implimentat għas-sitt rakkomandazzjoni ta' abbozz għal inklużjoni ta' sustanzi fl-Anness XIV, u wara l-konsultazzjoni mal-MSC l-ECHA inkludiet 22 sustanza fil-konsultazzjoni pubblika. F'Diċembru 2014, ir-Rapportatur MSC, bis-sostenn ta' grupp ta' ħidma, ippreżenta l-pjan ta' ħidma u l-ewwel valutazzjoni tiegħu. L-opinjoni ta' abbozz tal-MSC dwar is-sitt rakkomandazzjoni ta' abbozz tal-ECHA hija skedata biex tiġi

addottata f'Ġunju 2015.

L-MSC beda l-ewwel talba tiegħu mid-Direttur Eżekuttiv għal opinjoni taħt l-Artikolu 77(3)(c). Din tikkonċerna opinjoni MSC dwar il-persistenza u l-bijoakkumulazzjoni tas-sustanzi D4 u D5 (oktametilċiklotetrasiloksan u dekametilċiklopentasiloksan, rispettivament). Tiġi ppreparata opinjoni ta' abbozz mir-rapportatur biex tiġi addottata mill-MSC fl-2015.

L-osservaturi regolari tal-partijiet interessati tal-MSC u sidien tal-każijiet (reġistranti) setgħu jsegwu d-diskussjonijiet tal-MSC dwar il-ħames proċessi kollha ta' REACH mill-2011. Matul l-2014, is-sidien tal-każijiet ipparteċipaw fid-diskussjonijiet tal-Kumitati f'71% tal-każijiet.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-ECHA ħatar President ġdid tal-MSC f'Marzu 2014 wara li l-President tiegħu, li kien mexxa lill-MSC b'suċċess għal 34 laqgħa, irtira.

### *Il-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u l-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC)*

Kif ippjanat, ir-RAC addotta total ta' 51 opinjoni dwar il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati fl-2014, li huwa ogħla b'mod sinifikanti milli fl-2013 (34) u li juri l-effettività ta' miżuri riċenti tal-effiċjenza bħall-proċedura veloċi biex jiġu addottati opinjonijiet CLH. L-ECHA ipprovdiet ukoll sostenn estensiv lil rapportaturi RAC fl-iżvilupp ta' opinjonijiet u dokumenti ta' sfond xjentifiku. Il-maġġoranza tal-proposti għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati kienu jikkonċernaw prodotti bijoċidali u għall-protezzjoni tal-pjanti. Ammont sostanzjali ta' xogħol kien konkluż fl-2014 dwar proposti kumplessi, pereżempju, tmienja kienu jirrelataw ma' rodentiċidi antikoagulanti u 10 komposti inorganiċi tar-ramm kif ukoll diversi sustanzi kimiċi industrijali bħal żewġ tipi ta' mikrofibri tal-ħġieġ.

RAC ikkonkluda dwar żewġ talbiet mid-Direttur Eżekuttiv għal opinjonijiet taħt l-Artikolu 77(3)(c); waħda li tikkonċerna l-espożizzjoni tal-konsumatur għall-benżene li tinsab fil-gass naturali u waħda li tikkonċerna r-reviżjoni tal-informazzjoni biex jiġu stabbiliti limiti ta' konċentrazzjoni speċifiċi (jew ġenerali) għall-klassi ta' perikolu ta' tossiċità riproduttiva tat-tetraporfilfenol.

Kienu addottati ħames proposti ta' restrizzjoni minn RAC: biex tkun ristretta l-manifattura u l-użu ta' 1-metil-2-pirrolidone (NMP) biex b'hekk jitnaqqas l-effett potenzjali ta' NMP fuq ħaddiema tqal u t-tfal tagħhom mhux imwielda, biex ikun ristrett in-nonilfenol/etossillati ta' nonilfenol f'oġġetti tessili li jistgħu jinħaslu fl-ilma, għas-sostenn tal-emenda għal restrizzjoni eżistenti fuq il-kadmju u l-komposti tiegħu fiż-żebgħa, biex ma tkunx sostnuta l-proposta ta' restrizzjoni fuq il-kadmju u l-komposti tiegħu f'żebgħa tal-artisti, u biex tiġi emendata d-deroga kurrenti għal djaframmi f'installazzjonijiet tal-elettrolisi fir-restrizzjoni eżistenti fuq il-kriżotile.

SEAC ikkonkluda dwar erba' opinjonijiet ta' restrizzjoni fl-2014: ir-restrizzjoni proposta fuq iċ-ċomb f'oġġetti tal-konsumatur bl-iskop li titnaqqas l-espożizzjoni tat-tfal għaċ-ċomb meta jqiegħduh f'ħalqhom, u l-proposti tar-restrizzjoni fuq NMP, nonilfenol/etossillati tan-nonilfenol f'oġġetti tessili, u l-kadmju u l-komposti tiegħu fiż-żebgħa.

Fl-2014, żdied il-momentum fil-proċess tal-awtorizzazzjoni u laħaq il-maturità. RAC u SEAC setgħu jaqblu dwar 37 opinjoni ta' abbozz dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni, li minnhom 30 kienu addottati bħala opinjonijiet finali, li kien 150% tan-numri ppjanati. Dawn l-applikazzjonijiet kienu jikkonċernaw użijiet tal-ftalati (DEHP u DBP), pigmenti tal-kromat taċ-ċomb, trijossidu dijarseniku, eżabromoċiklododekan u t-trikloroetilen.

Bħala parti mill-programm kontinwu għall-bini tal-kapaċità għal awtorizzazzjoni, RAC qabel dwar relazzjonijiet ta' doża-rispons għall-karċinoġeniċità tat-trikloroetilen. Filwaqt li RAC ser juża dawn l-estimi tar-riskju biex jivvaluta applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni b'mod prevedibbli u trasparenti, dawn mhumiex legalment vinkolanti. Sa llum, il-maġġoranza vasta tal-applikazzjonijiet użaw dawk il-valuri ta' referenza RAC ipprovduti permezz tal-websajt tal-ECHA.

Sabiex tiżdied l-effiċjenza tax-xogħol tal-Kumitati, ir-RAC u SEAC qablu wkoll dwar proċedura ta' ħidma simplifikata għall-iżvilupp u l-qbil dwar opinjonijiet ta' awtorizzazzjoni.

Is-Segretarjat għamel sforzi kontinwi biex isostni lil RAC u SEAC fit-tagħbija tal-ħidma tagħhom dejjem tiżdied sabiex ikunu ppreparati għaż-żieda mistennija fit-tagħbija tal-ħidma fuq l-awtorizzazzjonijiet tard fl-2015 u fl-2016. Tul l-2014, ir-riżultati tal-impenn tal-MSCAs li jipprovdu sostenn adegwat għan-nominati tagħhom u biex jiggarantixxu ħin tax-xogħol għall-membri RAC u SEAC tagħhom dejjem beda jidher iktar, għalkemm ser ikunu neċessarji aktar sforzi. Kien hemm ukoll żieda fin-numri ta' membri maħtura fil-Kumitati: RAC żdied minn 42 sa 45 fl-2014, filwaqt li SEAC żdied minn 32 sa 37 fl-2014.

Membri tal-persunal tal-ECHA attendew laqgħat tal-Kumitat Xjentifiku dwar Limiti tal-Espożizzjoni fuq ix-Xogħol (SCOEL, DĠ Impjieg) bħala osservaturi biex jiskambjaw opinjonijiet u jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tal-ħaddiem, b'mod partikolari fir-rigward ta' awtorizzazzjonijiet u restrizzjonijiet. Dan kien reċiprokat minn servizzi mid-DĠ Impjieg li attendew ir-RAC bħala osservaturi. Kienu diskussi kwistjonijiet komuni ta' impatt fuq il-post tax-xogħol, pereżempju, il-valuri ta' referenza rispettivi għal espożizzjoni NMP bl-iskop li jindirizzaw kunflitt potenzjali ta' opinjoni bejn l-opinjoni RAC dwar NMP u l-opinjoni SCOEL.

### *Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC)*

B'mod ġenerali, l-ewwel sena ta' operazzjoni tal-BPC hija kkunsidrata li kienet waħda ta' suċċess li tipprovdi bażi soda għas-snin ta' operazzjoni fil-ġejjieni.

Il-BPC jipprepara l-opinjonijiet tal-Aġenzija fir-rigward ta' diversi proċessi taħt ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPR). Fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi ġodda u eżistenti (Programm ta' Reviżjoni), il-BPC jipprepara opinjoni li mbagħad isservi bħala bażi biex tittieħed deċiżjoni mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Istati Membri. L-approvazzjoni ta' sustanza attiva tingħata għal numru definit ta' snin, li ma jaqbżux 10 snin.

Matul l-2014, il-BPC addotta opinjonijiet fir-rigward ta' 34 applikazzjoni għal approvazzjoni, l-iktar ta' sustanzi attivi eżistenti. Għal skopijiet ta' paragun, dan jirrappreżenta rrankar konsiderevoli tal-proċess meta pparagunat mar-reġim regolatorju preċedenti. Bħala riżultat tal-ipproċessar tal-ewwel lott ta' dawn l-applikazzjonijiet saret reviżjoni tal-Proċedura ta' Ħidma tal-BPC biex jiġu ttrattati applikazzjonijiet ta' sustanzi attivi.

Proċess ieħor li għalih il-BPC jipprepara l-opinjoni tal-Aġenzija huwa fir-rigward ta' kwistjonijiet li jistgħu jirriżultaw dwar l-operazzjoni tal-BPR li tirrelata ma' gwida teknika jew ma' riskji għas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent mill-Kummissjoni Ewropea jew mill-Istati Membri skont l-Artikolu 75(1)(g) tal-BPR. Matul dan il-perjodu, il-BPC addotta żewġ opinjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet differenti mill-Kummissjoni Ewropea.

Matul is-sena, il-BPC ma rċeviex valutazzjonijiet dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni mill-Unjoni (UA) ta' prodotti bijoċidali jew talbiet mill-Kummissjoni

Ewropea għal opinjoni fir-rigward ta' kwistjoni xjentifika jew teknika f'rikonoxximent reċiproku nazzjonali. Dan huwa ħafna iktar baxx min-numri mistennija.

Sabiex jitħalla aċċess għax-xogħol tal-Kumitat u biex tissaħħaħ il-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha, l-ECHA akkreditat lil partijiet interessanti u lil applikanti li jipparteċipaw fil-plenarju BPC u fil-laqgħt WG tal-BPC bħala osservaturi. Sa l-aħħar tal-2014, 26 osservatur akkreditat tal-partijiet interessati ġew mistiedna jipparteċipaw fix-xogħol tal-BPC, fejn ħames organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati huma ppreżentati b'mod regolari f'laqgħat BPC.

### *Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar*

Fl-2014, il-Forum żied l-enfasi tiegħu fuq proġetti prattiċi ta' infurzar u fittex li jikkonsolida u jtejjeb l-effiċjenza ta' għadd ta' attivitajiet tiegħu.

Iffinalizza u ppubblika rapport tal-ewwel fażi tat-tielet proġett ta' infurzar koordinat li ffoka fuq reġistrazzjonijiet u kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali. Ir-rapport jindika li ħafna mid-dawk fid-dmir jikkonformaw mal-obbligi tar-reġistrazzjoni. Fejn kienu rintraċċati nuqqasijiet, instab li kien hemm rappreżentanti uniċi (ORs) fil-grupp li l-iktar ma kienx jikkonforma. Il-Forum beda wkoll it-tieni fażi ta' dak il-proġett, imwessgħa minn kontrolli ulterjuri tul katini multinazzjonali ta' fornitura li jiffukaw fuq ORs u ddeċieda li r-raba' proġett maġġuri tiegħu ser ikun jiffoka fuq il-kontroll tar-restrizzjonijiet.

Il-Forum ikkompleta l-preparazzjoni tal-ewwel proġett pilota tiegħu dwar awtorizzazzjonijiet b'ispezzjonijiet mistennija jibdew kmieni fl-2015 u qabel dwar it-tieni proġett pilota ta' awtorizzazzjoni li għandu jitnieda fl-2015. Barra minn hekk, qabel dwar żewġ proġetti piloti ulterjuri li għandhom jiġu eżegwiti fl-2015. L-ewwel wieħed ser jikkontrolla li l-imballaġġ tal-prodotti kimiċi disponibbli għall-pubbliku ġenerali ikollu qafliet xierqa reżistenti għat-tfal meta meħtieġ. It-tieni wieħed ser isegwi każijiet speċifiċi fejn l-ECHA identifikat nuqqasijiet fil-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati. Dawn ser jiffukaw fuq sustanzi b'CMR jew karatteristiċi sensitizzanti.

Barra minn hekk, il-Forum addotta u ppubblika l-Programm ta' Ħidma Pluriennali tagħha 2014-2018 u deskrizzjoni ta' xi jkun ifisser l-infurzar tar-Regolament PIC.

Wara l-bidu b'suċċess ta' interkonnessjonijiet bejn l-ECHA u l-NEAs relatati mas-segwitu tad-deċiżjonijiet tal-ECHA minn ispetturi fl-2013, il-Forum segwa t-tnejn, u speċifika aktar l-aspetti kollha tal-proċess u wessgħu biex ikopri deċiżjonijiet oħra. Il-Forum investa l-isforzi tiegħu fi żvilupp tal-gwida għal interkonnessjonijiet li, hekk kif lesti, jiddeskrivu l-aspetti kollha ta' kooperazzjoni bejn NEAs, MSCAs u l-ECHA. Sabiex tkun possibbli diskussjoni bejn NEAs, MSCAs u l-ECHA, il-Forum ipprepara t-tieni Workshop tiegħu dwar Interkonnessjonijiet li għandhom iseħħu kmieni fl-2015.

Sabiex tinbena kapaċità ta' infurzar f'livell nazzjonali, il-Forum ipprepara u mexxa l-avveniment tiegħu ta' "taħriġ għal min iħarreġ", billi ffoka fuq il-kontroll ta' xenarji tal-espożizzjoni u klassifikazzjoni u ttikkettar ta' taħlitiet.

Barra minn hekk, il-Forum kompla l-attivitajiet tiegħu li jirrelataw mal-armonizzazzjoni u s-sostenn permezz tal-aġġornament tal-Manwal tiegħu ta' Konklużjonijiet (MoC) u sostenn għas-Segretarjat tal-ECHA fl-iżvilupp tal-Portal ta' Infurzar tal-Informazzjoni (RIPE) REACH u l-integrazzjoni tagħha fid-Daxxbord tal-Portal. Il-Forum iddeċieda juża l-ICSMS tal-Kummissjoni Ewropea bħala komunikazzjoni sigura fost l-awtoritajiet tal-

infurzar, wara li l-Kummissjoni żviluppat karatteristiċi dedikati għal ispetturi REACH u CLP.

Il-Forum kompla jagħti pariri lil RAC u SEAC dwar l-infurzabbiltà ta' proposti għal restrizzjonijiet u beda jikkunsidra kif itejjeb l-effiċjenza tal-proċess tiegħu ta' pariri. Ipprepara l-ewwel abbozz tal-kompendju ta' metodi analitiċi li jelenkaw metodi li jirrelataw mar-restrizzjonijiet b'valur limitu.

Il-Forum kellu wkoll il-ħsieb li jintensifika l-kooperazzjoni tiegħu mal-organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati billi stieden il-proposti tagħhom għal suġġetti għall-ħames proġett ta' infurzar u billi introduċa diskussjoni dwar kif tintensifika u ttejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Forum u l-partijiet interessati. Għal dan l-iskop, is-Segretarjat tal-Forum analizza wkoll l-opportunitajiet għal iktar trasparenza tax-xogħol tal-Forum.

Il-Forum ipprovda input lill-proġett tal-Kummissjoni Ewropea għall-iżvilupp ta' indikaturi tal-infurzar għal REACH u CLP.

L-aħħar, is-Segretarjat ipprovda sostenn tekniku, xjentifiku u amministrattiv lill-Forum fl-organizzazzjoni tal-laqgħat tiegħu tal-Grupp ta' Ħidma, il-workshop annwali tal-partijiet interessati tiegħu u l-laqgħat plenari tiegħu. Il-Forum qabel ukoll dwar għadd ta' titjib żgħir fl-effiċjenza tal-operazzjoni tal-plenarji u tal-grupp ta' ħidma tiegħu.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Is-Segretarjat ser isostni u jiffaċilita l-ħidma tal-Kumitati b'mod effiċjenti u effettiv sabiex il-Kumitati jkunu jistgħu:
   - jirrispettaw il-linji ta' żmien mogħtija fil-leġiżlazzjoni, u
   - jagħtu pariri xjentifiċi u tekniċi ta' kwalità għolja, opinjonijiet u ftehim li jsostnu d-deċiżjoni regolatorja b'mod trasparenti filwaqt li jiżguraw il-kunfidenzjalità neċessarja.

2. Is-Segretarjat ser isostni u jiffaċilita l-ħidma tal-Kumitati b'mod effiċjenti u effettiv u sabiex ikun jista':
   - isaħħaħ u jarmonizza aktar l-infurzar effettiv tar-regolamenti REACH u CLP fl-Istati Membri tal-UE/ŻEE, filwaqt li jiżgura l-kunfidenzjalità neċessarja, u
   - jippromwovi infurzar armonizzat tar-regolamenti REACH, CLP u PIC.

3. Kunflitti ta' opinjoni ma' kumitati xjentifiċi ta' korpi oħra tal-UE huma pprevenuti u solvuti permezz tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' interess reċiproku.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultati fl-2014 |
|---|---|---|
| Perċentaġġ ta' opinjonijiet/ftehim mogħti fil-kwadru ta' żmien legali. | 100% | 100% |
| Perċentaġġ ta' ftehim MSC unanimu. | 80% | 60% |

| | | |
|---|---|---|
| Perċentaġġ ta' opinjonijiet tal-Kumitat adottati b'kunsens. | 80% | 93% |
| Grad ta' opinjonijiet tal-Kumitat meqjusa fid-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni. | Għolja | Għolja |
| Livell ta' sodisfazzjoni tal-membri u parteċipanti oħra bil-funzjonament tal-Kumitati (eż. sostenn, li jinkludi taħriġ u presidenza pprovduti mill-ECHA, trasparenza ġenerali, pubblikazzjoni tal-eżiti tal-proċessi tal-Kumitat) u l-Forum. | Għolja | Mhux ivvalutati fl-2014, għandhom jiġu vvalutati fl-2015 |
| Okkorrenza ta' kunflitti ta' opinjonijiet ma' kumitati xjentifiċi ta' korpi oħra tal-UE. | F'każijiet iġġustifikati tajjeb biss | 1* |

*Każ ġustifikat.

## 3. Riżultati prinċipali

Kumitat tal-Istati Membri

- Ftehim unanimu MSC dwar 10 proposti għall-identifikazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs). Erba' opinjonijiet dwar proposti għall-identifikazzjoni ta' SVHC kienu ppreparati fuq il-bażi tal-opinjoni tal-maġġoranza.
- 123 ftehim unanimu tal-MSC dwar deċiżjonijiet ta' abbozz dwar proposti ta' ttestjar u kontrolli ta' konformità.
- Preparazzjoni ta' 16-il ftehim unanimu dwar abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi.
- Opinjoni dwar it-tieni abbozz ta' aġġornament annwali tal-CoRAP.

Dan ta' hawn fuq intlaħaq permezz ta' sitt laqgħat plenari tal-MSC, użu attiv ta' proċeduri bil-miktub biex jintlaħaq ftehim u numru għoli ta' konferenzi preparatorji fuq il-web mal-Kumitat sħiħ.

Kumitat għall-Istima tar-Riskji

- 51 opinjoni RAC dwar dossiers CLH.
- Ħames opinjonijiet RAC dwar proposti ta' restrizzjoni.
- Disa' kontrolli ta' konformità għal dossiers ta' restrizzjoni.
- 30 opinjoni RAC dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.
- 19-il kontroll ta' konformità għal applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.
- Żewġ opinjonijiet taħt l-Artikolu 77(3)(c) ta' REACH.

Dan tal-aħħar intlaħaq permezz ta' sitt laqgħat plenarji RAC.

Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika

- Erba' opinjonijiet RAC dwar proposti ta' restrizzjoni.

- Disa' kontrolli ta' konformità għal dossiers ta' restrizzjoni.
- 30 opinjoni SEAC dwar applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.
- 19-il kontroll ta' konformità għal applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.

Dan ta' hawn fuq intlaħaq permezz ta' erba' laqgħat plenarji.

Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali

- 34 opinjoni dwar applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi. Dawn kienu jinkludu żewġ sustanzi ġodda, sustanza waħda eżistenti fil-Programm ta' Reviżjoni u 31 'sustanza eżistenti f'backlog' fil-Programm ta' Reviżjoni[7].
- Żewġ opinjonijiet taħt l-Artikolu 75(1)(g) tal-BPR.
- Implimentat il-Kodiċi tal-Kondotta tal-ECHA għall-parteċipazzjoni ta' applikanti u organizzazzjonijiet akkreditati tal-partijiet interessati fil-ħidma tal-BPC.
- Ikkompletat is-sett ta' Proċeduri ta' Ħidma għall-BPC u l-WG tiegħu u riveduta l-Proċedura ta' Ħidma biex jiġu pproċessati applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi fid-dawl tal-esperjenza.

Dan ta' hawn fuq intlaħaq permezz ta' ħames laqgħat plenarji u ħames laqgħat ta' kull WG permanenti tal-BPC.

Forum

- Tliet laqgħat plenarji tal-Forum u 13-il laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma.
- Programm ta' Ħidma Pluriennali tal-Forum 2014-2018
- Deskrizzjoni tal-infurzar tar-Regolament PIC.
- Rapport dwar l-ewwel fażi tat-tielet proġett koordinat ta' infurzar, u pprolongar ta' dak il-proġett.
- Prijoritizzazzjoni ta' proposti tal-proġett u deċiżjoni li r-raba' proġett koordinat ta' infurzar ser ikun jiffoka fuq ir-restrizzjonijiet.
- Manwal għall-ewwel proġett pilota dwar l-awtorizzazzjoni.
- Deċiżjoni dwar żewġ proġetti pilota ġodda għall-2015.
- Preparazzjoni tal-workshop tal-Forum dwar l-Interkonnessjonijiet.
- "Manwal ta' Konklużjonijiet" aġġornat
- Disa' pariri ta' infurzar dwar restrizzjonijiet proposti.
- L-ewwel abbozz tal-kompendju ta' metodi analitiċi.
- Avveniment wieħed tal-partijiet interessati b'diskussjoni dwar titjib tal-

[7] Rapport tal-awtorità kompetenti ppreżentat qabel ma bdiet l-operazzjoni tal-BPR.

kooperazzjoni.

- Avveniment ta' taħriġ wieħed dwar REACH u CLP għal min iħarreġ fl-infurzar.
- Taħriġ wieħed għal Koordinaturi Nazzjonali għall-ewwel proġett pilota tal-Forum dwar l-awtorizzazzjoni.
- Kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' indikaturi tal-infurzar għal REACH u CLP.

## 2.2. Bord tal-Appell (Attività 9).

Il-Bord tal-Appell (BoA) kien stabbilit mir-Regolament REACH biex jipprovdi lil partijiet interessati l-possibbiltà ta' rimedju legali. Jagħmel dan billi jikkunsidra, u jiddeċiedi dwar, appelli kontra ċerti deċiżjonijiet tal-Aġenzija[8]. Minn Settembru 2013, il-BoA sar ukoll kompetenti biex jikkunsidra appelli kontra ċerti deċiżjonijiet tal-Aġenzija meħuda taħt ir-Regolament il-ġdid dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPR).[9]

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

L-għadd ta' appelli riċevuti fl-2014 kien sew skont il-previżjonijiet, 18 minn 20 mistennija. L-appelli riċevuti, u d-deċiżjonijiet li ttieħdu, fl-2014 indirizzaw varjetà ta' kwistjonijiet li jinkludu verifika SME, ir-reġim tal-lingwa addottat mill-ECHA, il-kondiviżjoni tad-data, kontrolli ta' konformità u l-ewwel appelli kontra deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi. Id-deċiżjonijiet kollha finali tal-Bord ta' Appell u tħabbira dwar kull appell, li sar fl-2014 kienu ppubblikati fit-taqsima tal-Bord tal-Appell tas-sit web tal-ECHA.

Għandu jiġi nnutat li l-għadd ta' appelli kien ikun konsiderevolment ogħla mingħajr miżuri meħuda mill-BoA fl-interessi ta' effiċjenza tal-BoA, is-Segretarjat tal-ECHA u partijiet interessati biex jaċċettaw azzjonijiet kollettivi fil-forma ta' appelli singoli kontra deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi maħruġa lil ħafna reġistranti. Sabiex dan l-approċċ jaħdem, għandhom jiġu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet biex ikun żgurat li jsiru deċiżjonijiet legalment tajbin filwaqt li jkunu protetti d-drittijiet tal-partijiet. Is-sitt każijiet dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi riċevuti fl-2014 koprew 21 appellant. Dan l-approċċ jeħtieġ, fost konsiderazzjonijiet oħra, li l-appellanti f'appell jaqblu li jkollhom rappreżentant wieħed u li l-motivi, l-argumenti li jsiru, u l-provi ppreżentati jappellaw għall-appellanti kollha.

Il-Bord tal-Appell addotta numru ta' deċiżjonijiet finali importanti fl-2014. Filwaqt li d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell huma speċifiċi għall-każ, u jikkunsidraw b'mod strett il-meriti ta' kull każ, ir-riżultati f'dawn id-deċiżjonijiet jista' jkollhom implikazzjonijiet kemm għall-partijiet interessati kif ukoll għall-ECHA. Id-deċiżjonijiet meħuda f'dawn il-każijiet ipprovdew informazzjoni utli dwar ċerti kwistjonijiet legali u xjentifiċi li jirrelataw mal-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tar-Regolament REACH: pereżempju, fit-tliet deċiżjonijiet meħuda fl-2014 dwar appelli kontra deċiżjonijiet tal-ECHA wara kontrolli ta' konformità, id-dmir tal-Aġenzija li tagħti r-raġunijiet (A-006-2012); id-dmirijiet rispettivi tar-reġistrant u l-Aġenzija meta tipproponi u tivvaluta adattamenti read-across (A-006-2012); ċerti kwistjonijiet assoċjati mal-identità tas-sustanzi (A-008-2012); id-distinzjoni bejn sustanzi u taħlitiet (A-008-2012); il-kunċett ta' 'stabilizzant' (A-001-2013); u l-indirizzar tal-kwistjoni ta' 'stennijiet leġittimi' (A-001-2013).

Żewġ deċiżjonijiet li jirriżultaw mill-proċess ta' verifika SME, ikkjarifikaw fost affarijiet oħra: il-kompetenza tal-Bord tal-Appell biex jiddeċiedi dwar każ fejn ikun hemm deċiżjoni ta' revoka wara verifika SME (A-002-2013); il-lingwa li għandha tintuża mill-ECHA f'komunikazzjonijiet ma' reġistrant u fid-deċiżjonijiet tagħha (A-002-2013); in-notifika tal-fatturi (A-020-2013); id-dmir ta' reġistranti li jaġixxu b'mod diliġenti u prudenti biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom (A-020-2013); u x'jikkostitwixxi żball skużabbli (A-020-2013)

Ta' min jinnota, il-Bord addotta żewġ deċiżjonijiet li jirrigwardaw kwistjonijiet dwar kondiviżjoni ta' data lejn tmiem is-sena. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom ikunu ta'

[8] REACH Artikolu 91.

[9] BPR Artikolu 77.

benefiċċju partikolari fil-kjarifika ta' ċerti kwistjonijiet qabel l-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018. Id-deċiżjoni f'każ A-017-2013 indirizzat il-prinċipju ta' kull sforz kif ukoll indirizzat meta l-ispejjeż jistgħu jkunu potenzjalment diskriminatorji. Din id-deċiżjoni għandha tkun ta' għajnuna għal sidien tad-data kif ukoll għal dawk li jixtiequ jikkondividu d-data biex jifhmu aħjar x'għandu wieħed ifisser b'kull sforz fir-rigward tal-assigurazzjoni li l-ispejjeż huma kondiviżi b'mod ġust, trasparenti u mhux diskriminatorju. Fost affarijiet oħra dawn id-deċiżjonijiet ikkjarifikaw ukoll: li ebda deċiżjoni mhi meħtieġa mill-Aġenzija biex reġistrant jitħalla jipproċedi bir-reġistrazzjoni ta' sustanza rreġistrata qabel fin-nuqqas ta' sett komplet ta' data, meta d-data in kwistjoni tkun soġġetta għal disputazzjoni dwar kondiviżjoni tad-data (kollha f'A-005-2013); u l-ambitu tal-eżaminazzjoni tal-Aġenzija f'disputazzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-data (A-17-2013).

Kien hemm żewġ temi konsistenti mill-2013. L-ewwel kienet il-frekwenza u l-utilità ta' seduti orali. Fl-2014, saru żewġ seduti orali fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet għal appell ; ebda seduti ma saru fuq it-talba tal-Bord tal-Appell innifsu. Dawn is-seduti komplew ikunu ta' għajnuna estrema fil-kjarifikazzjoni ta' aspetti ta' diversi każijiet u kienu strumenti f'ħafna każijiet fid-deċiżjoni finali tal-Bord tal-Appell.

It-tieni tema konsistenti kienet il-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi bħala intervenenti f'każijiet ta' appell. Madankollu, wieħed għandu jinnota li mhux il-koreġistranti jew l-NGOs biss għamlu applikazzjonijiet biex jintervjenu fl-2014 iżda wkoll awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li ħadu l-inkarigu tal-Istat Membru tal-valutazzjoni f'każijiet dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi. Awtorità kompetenti tal-Istati Membri applikat ukoll biex tintervjeni f'każ ta' valutazzjoni ta' dossier fejn hija ser tkun l-Istat Membru ta' valutazzjoni għall-istess sustanza. L-istabbiliment ta' interess dirett fir-riżultat tal-appell kien element importanti fil-valutazzjoni tal-Bord tal-Appell tal-applikazzjonijiet kollha għal intervent.

Matul l-2014, il-Bord tal-Appell u l-proċess tal-appelli kienu stabbiliti sew bħala parti mir-reġim REACH u rikonoxxuti bħala li jiżvolġu rwol importanti f'li jiżguraw li r-Regolament REACH huwa applikat b'mod legalment ġust kif ukoll li jagħtu lil partijiet interessati mezz indipendenti u imparzjali ta' rimedju legali. Id-deċiżjonijiet magħmula mill-BoA għinu biex jiġu kkjarifikati ż-żoni griżi fl-interpretazzjoni ta' REACH kif ukoll ippermettew li l-implimentazzjoni ta' REACH mill-ECHA tiġi eżaminata f'xi oqsma. F'disa' każijiet, l-appelli kienu rtirati qabel ma l-BoA seta' jieħu deċiżjoni. F'ħafna minn dawn il-każijiet, l-appellant ottjena r-rimedju li fittex mingħajr ma kienet meħtieġa deċiżjoni finali biex b'hekk wera aktar il-valur tal-proċess tal-appelli għall-partijiet interessati.

Il-Bord tal-Appelli jipprova jagħmel id-deċiżjonijiet kollha tiegħu ċari, jinqraw u faċli għall-utent. Madankollu, il-Bord tal-Appell jirrikonoxxi, minkejja dan, li xi deċiżjonijiet, minħabba l-kumplessità xjentifika u legali tagħhom, jistgħu jkunu twal u kumplessi. Meta wieħed jiftakar dan, u fl-interess ta' trasparenza, qegħdin issa jiġu ppubblikati sommarji tad-Deċiżjonijiet kollha u finali tal-Bord tal-Appell. Dawn is-sommarji mhumiex legalment vinkolanti iżda għandhom jgħinu lill-partijiet interessati jifhmu f'format qasir l-elementi prinċipali tad-deċiżjonijiet meħuda. Fl-interessi ta' trasparenza, hekk kif każ wieħed ta' appell huwa magħluq, verżjonijiet mhux kunfidenzjali ta' deċiżjonijiet proċedurali (pereżempju, applikazzjonijiet għal intervent, u talbiet għal kunfidenzjalità) huma ppubblikati wkoll fit-taqsima tal-Bord tal-Appell tas-sit web tal-ECHA.

Waqt li ma sar ebda appell kontra deċiżjonijiet tal-ECHA taħt ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali, il-Bord tal-Appell kompla bl-attivitajiet tiegħu li għandhom jiġu ppreparati hekk kif u meta jsiru dawn l-appelli.

Fl-appelli kollha deċiżi u ttrattati mill-Bord tal-Appell fl-2014, membru supplenti legalment ikkwalifikat kien meħtieġ jipparteċipa bħala membru tal-każijiet tal-Bord minħabba kariga vakanti tal-pożizzjoni full-time tal-membru.  Kien maħtur membru ġdid

legalment ikkwalifikat fil-Bord tal-Appell f'Diċembru 2014.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Deċiżjonijiet ta' kwalità għolja adottati mill-BoA mingħajr dewmien mhux dovut.
2. Ġestjoni effiċjenti tal-proċessi tal-appelli u komunikazzjonijiet relatati.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Perċentaġġ ta' deċiżjonijiet finali meħuda fi żmien 90 jum utli mill-egħluq tal-proċedura orali jew bil-miktub. | 90% | 100% |

## 3. Riżultati prinċipali

- 16-il deċiżjoni finali addottati u ppubblikati onlajn.
- Deċiżjonijiet proċedurali, kif meħtieġa, addottati u ppubblikati onlajn.
- Sommarji ta' każijiet magħluqa ppubblikati.

## 2.3. Komunikazzjonijiet (Attività 10)

Il-manutenzjoni tar-reputazzjoni tajba tal-Aġenzija billi tkun ipprovduta informazzjoni preċiża u f’waqtha lil detenturi tad-data u lill-pubbliku in ġenerali kif ukoll biex tkun żgurata preżentazzjoni bbilanċjata tal-ħidma tal-Aġenzija fil-medja speċjalizzata u ġenerali hija mira primarja tal-attivitajiet ta’ komunikazzjoni tal-ECHA. Il-komunikazzjoni esterna hija kkumplimentata mill-komunikazzjonijiet interni tal-ECHA. Li l-persunal jinżamm kompletament infurmat u involut huwa essenzjali għat-tmexxija b’suċċess tal-Aġenzija.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

Għall-ewwel darba – u bis-sostenn tal-organizzazzjonijiet akkreditati tal-partijiet interessati – l-ECHA immirat lejn il-pubbliku in ġenerali materjal li jenfasizza d-drittijiet tagħhom taħt REACH, l-iktar biex jistaqsu dwar is-sustanzi perikolużi fil-prodotti li huma jixtru. Vidjow qasir immirat għall-klijenti mexxa t-traffiku lejn taqsima aġġornata dwar “is-sustanzi kimiċi f’ħajjitna” fis-sit web tal-ECHA. Fir-rigward tas-sit web, hemm enfasi fuq it-titjib li sar fuq il-funzjonalità “infittxu s-sustanzi kimiċi”, li rċeviet feedback favorevoli minn utenti tas-sit web.

L-Aġenzija appoġġat ukoll lill-Kummissjoni Ewropea fiż-żieda fl-għarfien dwar l-iskadenza għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta’ taħlitiet fl-2015. Kienu prodotti b’mod partikolari, vidjow animat biex tiżdied kuxjenza, banner promozjonali onlajn u varjetà ta’ materjali onlajn u ppubblikati.

Aktar minn 2 000 aġġornament għas-sit web b’diversi lingwi arrikkew aktar l-ambitu tal-informazzjoni li l-ECHA tipprovdi għal dawk fid-dmir, b’taqsimiet iktar faċli biex tinnaviga fihom, pereżempju, dwar il-proċess tal-awtorizzazzjoni. Partikolarment għall-benefiċċju ta’ SMEs, is-sit web ta struttura lill-informazzjoni biex din isir l-aċċess għaliha minn perspettiva ta’ xi ħadd fid-dmir. Il-paġni web ġodda tar-Reġistrazzjoni REACH 2018 introdotti fil-ħarifa jipprovdu eżempju ta’ dan l-approċċ billi jippreżentaw l-informazzjoni skont seba’ stadji li għandhom jieħdu reġistranti potenzjali kif ukoll billi hija ppreżentata fi tliet livelli ta’ kumplessità.

L-ECHA kabbret ukoll aktar il-preżenza tagħha fil-medja soċjali, u stabbiliet gradwalment segwitu professjonali li jilħaq lil individwi li normalment ma kinux isegwu l-aħbarijiet tal-ECHA. Il-Bullettin ta’ kull xajrejn u l-e-News kull ġimgħa (mibgħuta lil aktar minn 17 500 abbonat) komplew jikbru fil-kwalità u fis-sodisfazzjon tal-qarrejja, u jagħtu lill-qarrejja dak li jixtiequ u bil-format faċli biex jinftiehem, li jista’ jinqara li huma japprezzaw.

### 2. Miri u indikaturi

<u>Miri</u>

1. L-udjenzi esterni tal-ECHA huma kkomunikati b’mod effettiv, fi 23 lingwa tal-UE meta neċessarju, u l-ECHA tibbenefika minn preżenza tal-medja preċiża u proporzjonata.

2. Partijiet interessati akkreditati huma involuti fil-ħidma tal-ECHA u huma sodisfatti li l-opinjonijiet tagħhom jinstemgħu u jitqiesu.

3. Il-persunal tal-ECHA huwa infurmat tajjeb, għandu sens ta’ appartenenza, u jħossu parti minn sforz komuni.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Livell ta' sodisfazzjon tal-qarrej bil-produzzjoni miktuba tal-ECHA, inkluża d-disponibbiltà tal-lingwa (sit web, aħbarijiet elettroniċi, Bulettin, Skedi Informattivi, twissijiet tal-aħbarijiet). Dan għandu jitkejjel f'termini ta' żmien, kontenut u utilità. | Għolja | Għolja |
| Livell ta' sodisfazzjon ta' partijiet interessati akkreditati bl-informazzjoni li jirċievu u l-involviment tagħhom mal-ECHA. | Għolja | Medja |
| Livell ta' sodisfazzjon tal-persunal bil-komunikazzjonijiet interni. | Għolja | Għolja |

## 3. Riżultati prinċipali

- Attivitajiet ta' komunikazzjoni koordinati għal gruppi mira speċifiċi – kumpaniji żgħar, utenti downstream, konsumaturi, ħaddiema, bejjiegħa bl-imnut u akkademji – biex iqajjmu kuxjenza dwar id-drittijiet, ir-responsabbiltajiet u l-opportunitajiet tagħhom taħt il-leġiżlazzjoni. Ftit minn dan ix-xogħol sar b'mod konġunt ma' msieħba, Stati Membri u organizzazzjonijiet akkreditati tal-partijiet interessati.
- Żieda fil-kuxjenza għal dawk fid-dmir taħt PIC u informazzjoni mmirata wkoll lejn dawk fid-dmir fis-settur tal-bijoċidi.
- Sit web:
    - Imtejjba t-tfittxija għal sustanzi kimiċi – magħmula iktar effiċjenti u faċli biex tintuża mill-utent.
    - Rinovata t-taqsima "Informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi".
    - 2 000 aġġornament.
- Aħbarijiet: prodotti 21 dikjarazzjoni tal-istampa u 49 intervista mogħtija lil ġurnalisti. Ipprovduti 421 tweġiba għall-iskrizzjonijiet tal-ġurnalisti pprovduti. Organizzata konferenza stampa waħda.
- Prodotti 61 pubblikazzjoni ġdida.
- Ippubblikati 264 komunikazzjoni fi 23 lingwa – dokumenti, paġni web eċċ.
- Prodotti 57 twissija tal-aħbarijiet, bullettini ta' aħbarijiet elettroniċi kull ġimgħa u gazzetta kull xahrejn.
- Ippubblikati 1 126 tweet, 51 post fuq il-Facebook u 38 post fuq LinkedIn.
- Ippubblikati tmien webinars u żewġ vidjows qosra – wieħed għall-pubbliku ġenerali u wieħed għal kumpaniji li jipproduċu taħlitiet kimiċi li jeħtieġu li jikklassifikaw mill-ġdid u jittikkettaw il-prodotti tagħhom.
- Organizzati jumejn għall-Partijiet Interessati, workshop wieħed għal organizzazzjonijiet ta' partijiet interessati akkreditati u workshop wieħed inter-

aġenziji dwar l-involviment tal-partijiet interessati.

- Aġġornament tal-Partijiet Interessati kull xahrejn ippubblikat għal organizzazzjonijiet tal-partijiet interessati akkreditati.
- Informazzjoni interna pprovduta kuljum għall-persunal fuq l-intranet u fuq skrins tal-informazzjoni interni. Organizzati seba' avvenimenti għall-persunal kollu. Is-sit korporattiv intranet mibni mill-ġdid u introdott.
- Saru inkjesti biex jiġi kkalkulat is-sodisfazzjon u biex wieħed jifhem l-esperjenza tal-partijiet interessati (eż. inkjesta dwar is-sodisfazzjon tal-partijiet interessati, inkjesta dwar il-qarrejja, inkjesta fuq is-sit web għall-utenti u inkjesta dwar il-komunikazzjonijiet interni).

## 2.4. Kooperazzjoni internazzjonali (Attività 11)

Waqt li taġixxi fuq it-talba tal-Kummissjoni Ewropea, l-isforzi tal-ECHA fil-kooperazzjoni internazzjonali jiffukaw fuq l-armonizzazzjoni ta' għodod u approċċi ta' ġestjoni tas-sustanzi kimiċi. Il-kummerċ fis-sustanzi kimiċi huwa min-natura tiegħu wieħed globali, u għalhekk l-iskambju mal-imsieħba internazzjonali joħloq sinerġiji mhux biss għall-awtoritajiet iżda wkoll għall-industrija Ewropea.

Waħda mill-pjattaformi prinċipali tal-Aġenzija għal kooperazzjoni internazzjonali hija l-OECD u, fuq skala iżgħar, in-Nazzjonijiet Uniti (NU). Dan jippermetti lill-ECHA twettaq monitoraġġ fuq l-iżvolġiment preżenti u tantiċipa l-bidliet fir-reġimi ta' ġestjoni internazzjonali tas-sustanzi kimiċi u tara li l-miri tar-Regolamenti dwar REACH, CLP, tal-Prodotti Bijoċidali u PIC huma kkunsidrati f'kuntest globali.

Il-kooperazzjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali tagħti lill-ECHA rwol rikonuxxut fil-qasam tal-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi f'livell globali, u tagħti lill-Aġenzija opportunità biex tikkondividi t-tagħlim tagħha ma' msieħba internazzjonali u titgħallem minnhom fl-oqsma li fihom huma iktar avvanzati. L-enfasi tal-Aġenzija hija fuq l-iżvilupp ta' gwida armonizzata, linji gwida u għodod għall-istima tal-perikolu u l-espożizzjoni. L-iżvilupp ta' formati għar-rappurtaġġ u l-iskambju tad-data, u li tkun magħmula disponibbli onlajn informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi hija wkoll prijorità.

L-ECHA iżżomm djalogu kostanti mal-aġenziji pari regolatorji prinċipali tagħha fl-Awstralja, fil-Kanada, fil-Ġappun u fl-Istati Uniti, taħt ftehim ta' kooperazzjoni eżistenti.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

F'Novembru, l-ECHA ikkonkludiet it-tieni proġett tagħha tal-bini ta' kapaċità fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi lil benefiċjarji tal-Istrument ta' Assistenza Qabel l-Adeżjoni (IPA) u ppreżentat il-proposta tat-tielet proġett għall-2015-17 lill-Kummissjoni Ewropea fi tmiem is-sena.

Id-djalogu tekniku tal-ECHA dwar approċċi tal-immaniġġjar tar-riskji permezz ta' vidjokonferenzi u konferenzi permezz tat-telefon ma' aġenziji pari, partikolarment ma' dawk tal-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti, intensifika aktar, u ppermetta l-kondiviżjoni ta' viżjonijiet rilevanti fil-valutazzjoni ta' sustanzi kimiċi speċifiċi li bbenefikaw l-Aġenzija u l-pari tagħha.

L-Aġenzija kompliet tispjega l-kwistjonijiet ta' rilevanza li jirrelataw mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi lil udjenzi tal-partijiet terzi. Fl-2014, sar xogħol biex tiżdied kuxjenza, pereżempju r-reġistrazzjoni tal-2018 u l-promozzjoni għall-iskadenza tal-klassifikazzjoni 2015 kif ukoll preżentazzjonijiet dwar il-Pjan Direzzjonali SVHC u sustanzi f'oġġetti. Barra minn hekk, l-ECHA ikkondividiet esperjenzi ta' implimentazzjoni CLP ma' pajjiżi Mercosur li qegħdin jimplimentaw is-sistema GHS.

Bl-OECD, l-2014 immarka progress kbir fl-ispeċifikazzjoni u l-ittestjar ta' IUCLID 6 bil-Panel ta' Esperti tal-Grupp ta' Utenti OECD (ara l-Attività 6 għal aktar informazzjoni). Fir-rigward tal-Kaxxa tal-Għodda QSAR tal-OECD, il-verżjoni l-iktar riċenti kienet rilaxxata f'Novembru 2014 b'karatteristiċi xjentifiċi ġodda li jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' ġustifikazzjonijiet biex jiġu ffurmati kategoriji tas-sustanzi kimiċi, biex b'hekk tiżdied il-kunfidenza fil-previżjonijiet finali. Barra minn hekk, tjiebet l-utilità u żdiedu QSARs ġodda. Fl-aħħar, tjieb ukoll il-portal eChemPortal fl-2014. Kienet ippubblikata verżjoni ġdida li tikkontjeni funzjonalità ta' tfittxija u aġġornament tekniku maġġuri. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-funzjonalità ta' tfittxija GHS dehret li kienet ta' sfida ikbar milli antiċipat u għaldaqstant ser tiġi rilaxxata kmieni fl-2015. Ix-xogħol li jirrelata mal-bijoċidi kellha titneħħielu l-prijorità għal din ir-raġuni.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Il-Kummissjoni tirċievi sostenn xjentifiku u tekniku ta' kwalità għolja għall-attivitajiet internazzjonali tagħha, speċjalment f'korpi multilaterali, u b'mod partikolari, l-ECHA tikkontribwixxi għal attivitajiet tal-OECD li jirrelataw mas-sustanzi kimiċi bl-iskop tal-promozzjoni tal-armonizzazzjoni ta' approċċi, formati u għodod tal-IT sabiex jiżdiedu sinerġiji u jiġi evitat xogħol doppju kull meta possibbli.

2. L-ECHA tibni u żżomm ir-relazzjonijiet bilaterali tagħha għal kooperazzjoni xjentifika u teknika ma' aġenziji regolatorji primarji ta' pajjiżi terzi li huma utli għall-implimentazzjoni ta' REACH u CLP, u ssostni lill-pajjiżi kandidati tal-UE u lil kandidati potenzjali fi kwadru tal-programm IPA b'mod effiċjenti u effettiv.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Livell ta' sodisfazzjon tal-partijiet interessati (inkluża l-Kummissjoni) bl-attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-Aġenzija (inkluż sostenn xjentifiku u amministrattiv lill-Kummissjoni) | Għolja | Għolja |

## 3. Riżultati prinċipali

- Proġetti OECD Approvazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet ta' IUCLID 6. L-ewwel rilaxx tal-verżjoni li jmiss tal-Għodda QSAR tal-OECD ippreżentat lill-ECHA u r-rilaxx tal-eChemPortal tal-OECD. Pubblikazzjoni tal-Gwida tal-OECD għall-karatterizzazzjoni ta' sustanzi oleokimiċi għal skopijiet ta' valutazzjoni.
- Sostenn xjentifiku u tekniku pprovdut lill-Kummissjoni Ewropea bi preparazzjoni għal-laqgħat GHS tan-NU.
- It-tieni proġett-IPA tal-ECHA ipprovda 18-il attività għall-bini tal-kapaċitajiet dwar REACH u CLP, regolamenti dwar il-Prodotti Bijoċidali u PIC għall-pajjiżi kandidati tal-UE u kandidati potenzjali.
- Sostenn tekniku kien ipprovdut lill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tan-negozjati TTIP mal-Istati Uniti tal-Amerika u dwar ftehim bilaterali eżistenti mal-Ġappun u mal-Korea fir-rigward tal-komponent tagħhom tas-sustanzi kimiċi.
- Kooperazzjoni kontinwa, li tinkludi diskussjonijiet, pereżempju dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tas-sustanzi kimiċi, metodi alternattivi u għodod tal-IT, mal-aġenziji regolatorji fl-Awstralja, fil-Kanada, fil-Ġappun u fl-Istati Uniti li magħhom l-ECHA għandha ftehim ta' kooperazzjoni.
- Erba' delegazzjonijiet mill-Asja, mill-Afrika u mill-Amerka t'isfel żaru l-ECHA.
- L-ECHA tat preżentazzjonijiet dwar il-leġiżlazzjoni tas-sustanzi kimiċi tal-UE fi 12-il avveniment għal udjenzi ta' pajjiżi terzi.

# 3. Tmexxija, Organizzazzjoni u Riżorsi

## 3.1. Tmexxija (Attività 12)

L-ECHA hija rregolata minn Bord ta' Tmexxija (MB) ta' 36 membru, li huwa assistit minn Segretarjat ipprovdut mid-Direttur Eżekuttiv. Fuq bażi ta' kuljum, id-Direttur Eżekuttiv huwa sostnut fil-funzjoni ta' governanza interna tiegħu mill-maniġment superjuri (diretturi). L-ECHA tutilizza tmexxija b'bażi ta' attività u proġett u sistema ta' kwalità biex torganizza l-operazzjonijiet tagħha fi struttura ġerarkika jew ta' matriċi. L-immaniġġjar tal-informazzjoni huwa bbilanċjat bejn il-prinċipji ta' aċċess miftuħ u ta' sigurtà.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

Il-Bord ta' Tmexxija, il-korp ta' governanza tal-ECHA, iltaqa' fuq bażi kull kwart. Matul dawn il-laqgħat, il-Bord skarika l-obbligi statutorji kollha tiegħu kif previst fir-regoli u fir-regolamenti applikabbli, b'mod partikolari billi stabilixxa prijoritajiet permezz tal-programmi ta' ħidma annwali u pluriennali, billi addotta l-baġit, u billi wettaq monitoraġġ u rappurtaġġ dwar is-suċċessi u l-prestazzjoni tal-Aġenzija.

Fl-2014, l-Aġenzija żviluppat aktar il-kuntatti tagħha mal-Istati Membri permezz ta' żjarat tad-Direttur Eżekuttiv u billi organizzat laqgħa mad-Diretturi MSCA biex tirrevedi u ttejjeb aktar l-ippjanar konġunt tal-BPR, PIC u kompiti relatati mal-immaniġġar tar-riskji. Barra minn hekk, bħala membru regolari tan-Netwerk ta' aġenziji tal-UE, l-ECHA kompliet tappoġġa b'mod attiv dan ix-xogħol, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-Approċċ Komuni fuq aġenziji deċentralizzati. L-Aġenzija rċeviet diversi żjarat ta' livell għoli matul is-sena, pereżempju, minn Membri tal-Parlament Ewropew kif ukoll mid-Direttur Ġenerali mill-Kummissjoni Ewropea. Inżammet koordinazzjoni regolari mal-Kumitat ENVI tal-Parlament matul is-sena. F'Settembru kien organizzat skambju ta' opinjonijiet bejn il-Kumitat u d-Direttur Eżekuttiv tal-ECHA.

Matul is-sena ingħatat aktar attenzjoni lit-tisħiħ tal-effettività u l-effiċjenza tal-Aġenzija permezz ta' metodi differenti. It-titlu primarju għall-2014 kien l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' suċċess għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Istandardizzazzjoni (ISO) 9001 għall-"Immaniġġjar u l-prestazzjoni ta' aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi tal-implimentazzjoni tar-regolamenti REACH u CLP u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-IT ta' sostenn" Permezz ta' korp indipendenti (Reġistru LRQA Lloyd), kienu kkonfermati l-proċessi REACH u CLP tal-effiċjenza u l-adegwatezza.

Barra minn hekk, l-ECHA bdiet il-programm ta' żvilupp tal-effiċjenza tagħha tal-kumpaniji li kkonsolidat l-impenn kontinwu tagħha biex ittejjeb l-opportunitajiet. L-ewwel proġetti pilota taħt dan il-programm bdew b'suċċess u aktar attivitajiet dedikati ser ikomplu fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, twettqu verifiki u konsultazzjonijiet għal proċessi u attivitajiet speċifiċi, li pprovdew rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex jikkoreġu n-nuqqasijiet. Matul iċ-ċiklu annwali ta' reviżjoni u rappurtaġġ tal-ECHA, il-feedback tal-partijiet interessati kien inkorporat f'dawn l-inizjattivi ta' titjib. Matul is-sena, it-tmexxija tar-rekords tjiebet aktar u rfinat biex b'hekk żgurat iż-żamma u l-aċċess għal informazzjoni importanti tul il-proċessi kollha.

L-Aġenzija rfinat aktar l-opinjoni tagħha dwar il-maniġment superjuri u medju dwar it-tnaqqis tal-persunal fil-ġejjieni mħabbar għal aġenziji tal-UE matul diversi workshops interni. It-tnaqqis tal-persunal antiċipat ta' tnejn fil-mija tal-Aġenti Temporanji kull sena sal-2018 wassal għal deċiżjoni biex il-prijoritajiet u l-attivitajiet ta' sostenn tal-Aġenzija jerġgħu jiġu ffukati għal darb'oħra b'mod sinifikanti. B'riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet

interni, il-previżjoni għall-ġejjieni tal-ECHA kienet waħda ta' organizzazzjoni pubblika b'persunal limitat u b'output regolatorju effettiv iżda li tagħmel użu minn proċessi ta' sostenn orizzontali u amministrattivi tajbin għall-iskop. Dan it-tnaqqis tal-persunal fil-ġejjieni qiegħed f'riskju sinifikanti li jaffettwa l-kapaċità tal-ECHA li tappoġġa b'mod proattiv lil SMEs u lill-Istati Membri kif oriġinarjament ippjanat. Analiżi iktar dettaljata ta' dawn il-konsegwenzi ser tirriżulta fis-snin li ġejjin.

Matul is-sena, l-Aġenzija żgurat ukoll konformità ma' regolamenti u politiki interni rilevanti, proċeduri u struzzjonijiet billi wettqet verifiki ta' assigurazzjoni, ipproteġiet data personali, u mmaniġġjat b'mod effiċjenti d-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-persunal, tal-Bord ta' Tmexxija u tal-membri tal-Kumitat kif ukoll ipproteġiet is-sigurtà ta' persunal kunfidenzjli u informazzjoni tal-industrija b'sistema ta' sigurtà bi standard għoli. Inżammet kontinwità kummerċjali komprensiva u sistema ta' ġestjoni tal-kriżijiet.

Bħal fis-snin preċedenti, in-numri għoljin ta' deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija rriżultaw f'domanda ikbar għal sostenn legali intern biex jittieħdu d-deċiżjonijiet. L-Aġenzija pprovdiet ukoll tużżani ta' preżentazzjonijiet proċedurali b'difiża għad-deċiżjonijiet tagħha fil-proċeduri fil-Qorti Ġenerali Ewropea, fil-Qorti tal-Ġustizzja u fil-Bord tal-Appell.

L-ECHA kompliet twieġeb b'mod f'waqtu għal applikazzjonijiet ippreżentati fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti. L-għadd ta' talbiet kien stabbli iżda l-għadd ta' dokumenti u paġni żdied minħabba li t-talbiet jikkonċernaw l-aktar data tal-industrija ta' natura xjentifika kumplessa, li teħtieġ proċedura ta' konsultazzjoni intensiva ta' ħidma. Barra minn hekk, l-ECHA issodisfat l-obbligi tagħha fil-kamp tal-protezzjoni tad-data personali, fuq parir ta' Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni ta' data (EDPS) u tal-Uffiċjal tagħha għall-Protezzjoni tad-data (DPO).

Skont ir-Regolament Finanzjarju tal-ECHA, l-Awditur Intern għall-ECHA huwa s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS). L-IAS wettaq awditu fuq "Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni" fl-2014. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-awditu, l-IAS għamlet ħames rakkomandazzjonijiet.  Ma nħarġet ebda rakkomandazzjoni kritika jew importanti ħafna.

In linja mal-Istandards ta' Kwalità u ta' Kontroll Intern u b'konsiderazzjoni għall-profil tar-riskju tal-Aġenzija, il-"Kapaċità tal-Awditjar Intern" (IAC) lokali, bħala riżorsi permanenti, pprovdiet lid-Direttur Eżekuttiv b'attivitajiet addizzjonali ta' assigurazzjoni u konsulenza. Fl-2014, l-IAC wettqet verifiki ta' assigurazzjoni dwar "Verifika ta' klejm għal kunfidenzjalità" u "Taħriġ u żvilupp tal-persunal" kif ukoll awditu konsultattiv dwar proċessi tal-bijoċidi. Kienu żviluppati pjanijiet adegwati ta' azzjoni bi tweġiba għar-rakkomandazzjonijiet tal-IAS u tal-IAC.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-Aġenzija hija rregolata permezz ta' tmexxija effiċjenti u effettiva, li tiżgura l-ippjanar tajjeb ta' attivitajiet, allokazzjoni ta' riżorsi, stima u mmaniġġjar tar-riskji, sigurtà tal-persunal u sigurtà ta' assi u informazzjoni, u tipprovdi assigurazzjoni ta' konformità u riżultati ta' kwalità.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Grad ta' sodisfazzjon tar-rekwiżiti ISO 9001 għal elementi tas-sistema ta' tmexxija ta' kwalità. | 95 % | 95% |
| Perċentaġġ ta' rakkomandazzjonijiet importanti ħafna ta' awditu implimentat fi żmien l-iskadenza (IAS). | 100 % | 100% |

## 3. Riżultati prinċipali

- Erba' laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija u gruppi ta' ħidma korrispondenti organizzati biex jippermettu lill-Bord jieħdu d-deċiżjonijiet kollha neċessarji.
- Organizzata laqgħa waħda għall-Istati Membri/diretturi tal-MSCA.
- Ipprovdut sostenn legali b'saħħtu għall-abbozzar tad-deċiżjonijiet tal-ECHA għad-difiża effettiva tagħhom.
- Riveduti l-pjanijiet kummerċjali kollha ta' kontinwità għall-proċessi kritiċi.
- Prodott rapport tal-Maniġer ta' Sigurtà dwar l-evoluzzjoni tar-riskji ta' sigurtà tal-Aġenzija li jipproponu pjan ta' azzjoni għall-2014–2018.
- Introdott proġett ta' effċjenza dwar żewġ proċessi.
- Stabbilita proċedura għall-immaniġġjar tal-iskart u mwettaq awditu tal-enerġija bħala l-ewwel stadji lejn l-implimentazzjoni ta' standard ambjentali.
- Ir-reġistru għall-Protezzjoni tad-data kien jikkontjeni 100% tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar li jinvolvu data personali identifikata mill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-data.
- Organizzata laqgħa waħda tan-Netwerk tal-Uffiċjali tas-Sigurtà.
- 61 talba inizjali għal "aċċess għal dokumenti", li jkopru 254 dokument (~3 900 paġna), żewġ talbiet ta' konferma għal "aċċess għal dokumenti" u talba waħda għal aċċess għal dokument proprju. mogħtija tweġiba skont il-leġiżlazzjoni applikabbli.
- Riċevuta ċertifikazzjoni ISO 9001.
- Prodotti pjanijiet u rapporti regolatorji.

## 3.2. Finanzi, Akkwisti u Kontabilità (Attività 13)

Ir-regoli li jirregolaw il-ġestjoni finanzjarja tal-ECHA huma addottati mill-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, u għandhom ikunu jikkonformaw mar-regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (Regolament Finanzjarju)[10]. Il-fondi tar-regolamenti REACH dwar il-Prodotti Bijoċidali u PIC ukoll għandhom jiġu separati fil-kontijiet.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

Id-dħul mill-attivitajiet REACH/CLP tal-ECHA fl-2014 kien jammonta għal EUR 27.8 miljun, minn dħul għal ħlas ta' reġistrazzjonijiet REACH, xogħol ta' verifika SME u dħul mill-imgħaxx fuq ir-riżervi. L-attivitajiet REACH kienu kompletament awto-finanzjati matul l-2014.

Id-dħul taħt ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali kien jammonta għal EUR 7.73 miljuni. Dan id-dħul kien jinkludi kontribuzzjoni tal-UE ta' EUR 5.064 miljuni, dħul mill-Ħlas Bijoċidali ta' EUR 1.265 miljuni, u kontribuzzjoni EFTA ta' EUR 0.152 miljuni u kontribuzzjoni ta' bilanċ ta' EUR 1.244 miljun mill-Kummissjoni biex tkopri n-nuqqas fid-dħul mill-ħlas.

L-ECHA irċeviet kontribuzzjoni tal-UE għar-Regolament PIC b'total ta' EUR 1.3 miljun fl-2014. Din il-kontribuzzjoni ppermettiet lill-ECHA tkompli l-attivitajiet preparatorji biex tiżgura li d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament fl-1 ta' Marzu 2014 iseħħ mingħajr intoppi.

L-implimentazzjoni ġenerali tal-baġit f'livell tal-Aġenzija laħqet il-miri annwali għal impenni u ħlasijiet.

L-eżekuzzjoni tal-baġit għal REACH/CLP laħqet il-mira tal-2014 filwaqt li l-eżekuzzjoni tal-ħlas qabżet il-mira b'mod sinifikanti.

Għal bijoċidi, l-eżekuzzjoni ta' krediti fuq l-impenn kienet ħarira iktar baxxa mill-mira stabbilita, iżda l-eżekuzzjoni ta' krediti fuq il-ħlas qabżet lil dik il-mira b'ħafna.

Għal PIC, l-eżekuzzjoni tal-krediti tal-impenn kienu ħarira inqas mill-mira filwaqt li l-eżekuzzjoni ta' krediti fuq il-ħlas kienet skont il-mira.

Ir-riżervi tal-flus kontanti tal-Aġenzija għall-attivitajiet REACH/CLP kienu mmaniġġjati permezz tal-Bank Ewropew għall-Investiment, il-Bank tal-Finlandja u kontijiet ta' depożitu b'terminu, bil-mira kontinwa li tiġi żgurata s-salvagwardja tal-fondi u diversifikazzjoni suffiċjenti tar-riskji. Fl-aħħar tal-2014, ir-riżervi kollha tal-flus kienu miżmuma minn tliet istituzzjonijiet finanzjarji differenti. Il-Ftehim mal-Bank Ewropew tal-Investiment (EIB) u mal-Bank ta' Finlandja skada fi tmiem l-2014. Ir-riżerva tiżgura li l-ECHA tista' tipprovdi fondi mill-attivitajiet REACH tagħha sew fl-2015, għalkemm lejn tmiem l-2015, l-ECHA hi mistennija tidħol f'reġim imħallat ta' fondi kemm minn dħul proprju kif ukoll minn kontribuzzjonijiet tal-UE.

L-Aġenzija kompliet il-verifika sistematika tagħha tal-istatus ta' kumpaniji li kienu rreġistraw bħala SMEs u b'konsegwenza bbenefikat minn tnaqqis tal-SME. Il-verifika kienet ikkompletata fuq total ta' 271 kumpanija. Barra minn hekk, kienu kkompletati 52 verifika ulterjuri iżda dawn twaqqfu għal perjodu sakemm saret ir-reviżjoni tal-ħlas amministrattiv. Bħala riżultat ta' dan ix-xogħol, inġabar total ta' EUR 2.2 miljun ta' ħlasijiet matul l-2014.

Fl-2014, l-Aġenzija żviluppat aktar ukoll ir-rappurtaġġ tagħha u ssimplifikat il-proċessi

---

[10] REACH Artikolu 99.

finanzjarji tagħha.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-Aġenzija għandha ġestjoni finanzjarja korretta, tajba u effiċjenti filwaqt li tikkonforma mar-regoli u r-regolamenti finanzjarji applikabbli.

2. Ir-riżervi tal-kontanti huma mmaniġġjati b'mod prudenti u diliġenti.

3. L-Aġenzija għandha sistemi finanzjarji effettivi biex timmaniġġa u tirrapporta dwar diversi bażijiet legali segregati finanzjarjament.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Għadd ta' riżervi fir-rapport annwali dwar kwistjonijiet finanzjarji u ta' kontabilità tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA). | 0 | 0 |
| Rata ta' impenn (ta' allokazzjonijiet ta' impenn fi tmiem is-sena). | 97% | 97% |
| Rata ta' ħlas (ta' allokazzjonijiet ta' ħlas fi tmiem is-sena). | 80% | 87% |
| Rata ta' riport (% ta' fondi apposta riportati lejn l-2015). | 20% | 10% |
| Allokazzjonijiet ta' ħlas ta' riport ikkanċellati mill-2013. | 5% | 4% |
| Konformità ma' gwida MB dwar riżervi ta' flus kontanti (MB/62/2010 finali). | 100% | 100% |

## 3. Riżultati prinċipali

- Ġestjoni rigoruża tal-baġit u tal-likwidità
- Monitoraġġ u ġestjoni mill-qrib tar-riżervi ta' flus kontanti tal-Aġenzija.
- Segregazzjoni ta' fondi taħt leġiżlazzjonijiet differenti.
- Ikkompletati 271 verifika tal-istatus ta' SME tar-reġistranti.
- Rappurtaġġ ta' spejjeż fuq bażi ta' attivitajiet.
- Segwitu u eżekuzzjoni tal-baġit biex tintlaħaq ir-rata ta' ħlas immirata
- Kontijiet annwali tal-2013 ippreparati fil-ħin

## 3.3. Riżorsi Umani u Servizzi Korporattivi (Attività 14)

L-ECHA għandha twettaq l-attivitajiet tagħha f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE tal-uffiċjali u l-kundizzjonijiet tal-impieg ta' ċivili oħra tal-Komunitajiet Ewropej (ir-Regolament tal-Persunal) Il-persunal kollu tal-ECHA huwa obbligat jaġixxi f'konformità mal-kodiċi ta' mġjieba amministrattiva tajba tal-ECHA u b'konsiderazzjoni għall-prinċipji ta' servizz pubbliku għas-servizz ċivili tal-UE maħruġa mill-Ombudsman Ewropew. It-tmexxija tal-ECHA għandha wkoll ir-responsabbiltà li timplimenta politika soċjali u ta' benessri tal-ECHA u pjanijiet ta' azzjoni annwali relatati, għas-salvagwardja tal-benessri tal-persunal.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

#### *Riżorsi Umani (HR)*

Fl-2014, il-mira ta' reklutaġġ tal-Aġenzija intlaħqet b'97% tal-karigi mimlija fi tmiem is-sena (għal REACH/CLP, bijoċidi u PIC). It-turnover ta' aġenti temporanji baqa' relattivament baxx f' 4.4%. L-eżerċizzju tal-ippjanar tal-persunal huwa ta' sfida dejjem akbar minħabba t-tnaqqis annwali li l-ECHA qiegħda tiffaċċja kif ukoll l-inċertezzi kontinwi dwar il-qasam tal-bijoċidi.

Fil-qasam tat-tagħlim u l-iżvilupp, l-ECHA bdiet il-programm ta' żvilupp ta' tmexxija superjuri u kompliet il-programm ta' żvilupp tal-Kap tal-Unità u tal-Lider tat-Tim. Sa tmiem l-2014, kienu ġew imħarrġa 66 lider tat-tim.
Il-kwadru l-ġdid għat-tagħlim u l-iżvilupp kien approvat fi tmiem is-sena u kien ippreparat pjan ta' tagħlim u żvilupp f'livell tal-ECHA. Kienu organizzati total ta' 27 kors intern ta' taħriġ xjentifiku, 158 missjoni ta' taħriġ estern u 22 attività ta' żvilupp organizzazzjonali. 24 persuna f'taħriġ segwew il-programm ta' taħriġ fl-ECHA matul l-2014.

Jum korporattiv tal-ECHA li jiffoka fuq is-servizz lill-klijenti kien organizzat b'suċċess f'Settembru 2014.

Fil-qasam tal-iżvilupp tal-karriera, kienet approvata politika ġdida ta' mobilità interna fil-bidu tas-sena biex jitjiebu l-possibiltajiet għall-mobilità interna u biex il-proċess ikun iktar dinamiku. Il-proċess ta' implimentazzjoni tal-immappjar tal-kompetenza xjentifika beda fi tmiem l-2014 fejn ġie finalizzat l-immappjar tal-kompetenza ta' proġett pilota. L-immappjar tal-kompetenza ser ikompli fl-2015 għall-persunal xjentifiku kollu. L-eżerċizzju tal-iskrining tal-impiegi kien ukoll introdott fi tmiem l-2014.

F'Novembru 2014, l-ECHA implimentat eżerċizzju ta' klassifikazzjoni mill-ġdid għal Aġenti Kontraenti għall-ewwel darba.

Wara l-implimentazzjoni tal-politika għall-prevenzjoni tal-fastidju nħatru erba' kunsillieri oħra kunfidenzjali u ġew imħarrġa matul is-sena.

Teżisti wkoll attività kontinwa dwar il-benessri tal-persunal li tinkludi koordinazzjoni regolari mal-Iskola Ewropea ta' Ħelsinki, mal-assoċjazzjoni tal-ġenituri tal-Iskola Ewropea ta' Ħelsinki, u mal-Kumitat tal-Persunal tal-ECHA.

Bħala parti mill-immaniġġjar ta' kunflitti ta' interess, membri tal-persunal li jitilqu mill-Aġenzija għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni li tirrelata mad-dmirijiet wara l-impjieg. Kien hemm 28 membri tal-persunal li telqu mill-ECHA fl-2014: ħamsa minnhom marru jaħdmu għal istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji oħra tal-UE u waħda għal organizzazzjoni intergovernattiva. Ħames membri tal-persunal telqu lejn is-settur privat. Fi tlieta minn dawn il-każijiet, l-Aġenzija rat li kien neċessarju li jiġu imposti kundizzjonijiet speċifiċi qabel ma kien awtorizzat l-impieg ġdid (li ebda wieħed minnhom ma kien jikkonċerna

karigi f'maniġment superjuri). Fil-każijiet li kien fadal (17), it-tluq kien dovut minħabba li l-kuntratt kien spiċċa, minħabba nuqqas ta' mpieg wara riżenja jew minħabba li l-impjegat kien irtira. Ma ngħata bidu għal ebda proċedura dixxiplinari minħabba abbuż ta' fiduċja fil-qasam tal-immaniġġjar tal-kunflitt ta' interessi.

***Servizzi Korporattivi***

L-eżekuzzjoni ta' attivitajiet ta' manutenzjoni u tiswija minn sid il-kera skont il-Pjan ta' Rinnovament miftiehem mal-ECHA tkompliet fl-2014, li kienet tinkludi xogħlijiet maġġuri bħat-tindif u l-ibbilanċjar tas-sistema ta' ventilazzjoni u s-sostituzzjoni/ir-rinnovament ta' kċejjen żgħar fis-sulari differenti tal-ECHA. Saru wkoll xogħlijiet ta' ppjanar u preparazzjoni fuq attivitajiet maġġuri oħrajn, speċifikament fuq is-sostituzzjoni ta' pajpijiet tad-drenaġġ u tal-ilma tax-xita u r-rinnovament tal-faċċata.

Kien hemm intensifikazzjoni fil-ħidma tal-ippjanar u l-ħolqien ta' iktar spazju għax-xogħol u ta' iktar postazzjonijiet tax-xogħol permezz tax-xiri ta' tipi ġodda ta' għamara u użu iktar effiċjenti ta' spazji esterni.

Fil-qasam tas-sigurtà fiżika, sar awditu tas-sistema ta' aċċess preżenti biex tivvaluta l-vijabbiltà li titkompla s-sistema. Ir-rapport tal-awditu jikkonferma li b'xi ftit aġġornamenti u manutenzjoni regolari, is-sistema tista' tkompli sservi r-rekwiżiti tal-kontroll tal-aċċess tal-ECHA tul il-perjodu tal-kirja preżenti. Twettaq l-eżerċizzju annwali ta' evakwazzjoni. Sar it-taħriġ, primarjament għal funzjonarji għat-tifi tan-nar, u wieħed minnhom kien dwar kors avvanzat fl-Ewwel Għajnuna.

Rinnovamenti tal-kmamar għal-laqgħat u manutenzjoni regolari tal-faċilitajiet għall-Konferenzi saru biex jiżguraw sostenn tekniku effiċjenti tal-avvenimenti organizzati fl-ECHA. Bħal fi snin preċedenti, l-ECHA kompliet tospita esperti esterni. Fl-2014, 9 300 ġew biex jattendu għal laqgħat u avvenimenti differenti organizzati fiċ-ċentru tal-konferenzi tal-ECHA – madwar 16.3% iktar min-numru tas-sena l-oħra. (Inklużi l-viżitaturi l-oħra kollha, it-total huwa ta' 11 166 viżitatur assistiti mis-servizzi li jilqgħu, żieda ta' 30% mis-sena l-oħra).

Kienet innutata xejra dejjem tiżdied fl-użu ta' konferenzi virtwali u webinars b'469 minn dawk l-attivitajiet sostnuti mis-Servizzi Korporattivi, kważi 22% milli fl-2013 (u żieda ta' 150% mill-2010).

L-aġenzija tal-ivvjaġġar tal-ECHA jsirilha monitoraġġ mill-qrib biex jiġi żgurat li s-servizzi mogħtija jkunu tajbin. F'dan id-dawl, f'April 2014 l-ECHA iffirmat kuntratt ma' Aġenzija ġdida tal-ivvjaġġar biex tiżgura servizzi tal-ivvjaġġar effiċjenti u skont il-kuntratt.

Il-proġett fiżiku tal-arkivjar ipprogressa b'mod konsiderevoli fl-2014 bl-approvazzjoni tal-Proċedura tal-Arkivjar u bil-preparazzjoni tal-kmamar tal-arkivji. Is-servizzi għar-Reġistrazzjoni tal-Posta tjiebu b'Istruzzjonijiet għax-Xogħol formalizzati u b'taħriġ għall-utenti.

Il-librerija tal-ECHA kompliet tipprovdi servizzi primarjament lill-unitajiet operazzjonali b'varjetà ta' kotba u ġurnali kif ukoll aċċess għal bażijiet ta' data u abbonamenti onlajn.

Minħabba l-iskadenza tal-kuntratt ta' kera preżenti fl-aħħar tal-2019, ittieħdu azzjonijiet ta' preparazzjoni biex tiġi żgurata l-introduzzjoni mingħajr intoppi tal-proġett Nibnu l-2020, formalizzat bl-approvazzjoni tad-Dokument għall-Introduzzjoni tal-Proġett.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. L-Aġenzija għandha numru suffiċjenti ta’ persunal imħarreġ biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Ħidma u toffri lill-persunal ambjent ta’ ħidma li jiffunzjona tajjeb.

2. L-Aġenzija għandha post tal-uffiċċju bi spazju suffiċjenti u sigur li jipprovdi ambjent għal ħidma effiċjenti u sigura għall-persunal, u faċilitajiet għal laqgħat għall-korpi u l-viżitaturi esterni tal-Aġenzija.

Indikaturi u miri ta’ prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Perċentaġġ ta’ karigi fil-pjan ta’ stabbiliment mimlija fi tmiem is-sena | 95% | 97% |
| Turnover ta' aġenti temporanji | 5% | 4% |
| Numru medju ta’ jiem ta’ taħriġ u żvilupp għal kull membru tal-persunal.[11] | 10 | 10 |
| Livell ta’ sodisfazzjon tal-Kumitat, il-Forum u membri tal-MB bil-funzjonament taċ-ċentru għall-konferenzi | Għolja | Għolja |
| Livell ta’ sodisfazzjon tal-persunal bis-servizzi korporattivi. | Għolja | Għolja |

## 3. Riżultati prinċipali

Riżorsi Umani

- Rimunerazzjoni għall-persunal statutorju u ħlasijiet oħra lil persunal, esperti nazzjonali mislufa (SNEs) u persuni mħarrġa (bejn wieħed u ieħor madwar 600 b’kollox).
- Kienu finalizzati 22 proċedura ta’ selezzjoni matul is-sena (18 TA u erba’ proċeduri ta’ selezzjoni CA).
- Kienu kkompletati 62 reklutaġġ li minnhom 34 Tas u 28 CAs.
- Valutazzjoni tal-prestazzjoni u eżerċizzju ta’ klassifikazzjoni mill-ġdid għal 507 persunal statutorju.
- Pariri u assistenza mogħtija lil persunal u ġestituri fir-rigward ta’ kwistjonijiet ta’ HR, b’mod partikolari dwar drittijiet individwali u benessri.
- Analizzati r-riżultati mill-Inkjesta tal-Persunal tal-2013 u żviluppati l-pjanijiet ta’ żvilupp.
- Żvilupp attiv tal-persuni u proċessi u metodi għall-ġestjoni tal-prestazzjoni.

Servizzi korporattivi

- Xiri f’waqtu ta’ tagħmir, materjali u servizzi permezz ta’ proċeduri xierqa ta’ akkwisti.

[11] Inkluż taħriġ fuq ix-xogħol

- Kalkoli f'waqthom u rimborsi ta' missjonijiet u rimborsi fuq l-ivvjaġġar biex wieħed jiltaqa' ma' parteċipanti.
- Faċilitajiet siguri tal-uffiċċju.
- Servizzi effiċjenti biex jintlaqgħu n-nies.
- Sostenn tajjeb għal laqgħat u konferenzi.
- Faċilitajiet ta' konferenzi jiffunzjonaw tajjeb b'sostenn tekniku tajjeb.
- Servizzi effiċjenti tal-posta.
- Libreriji u arkivji organizzati tajjeb u mmaniġġjati tajjeb.
- Inventarju aġġornat u korrett ta' assi mhux tal-IT.

## 3.4. Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (Attività 15)

Il-proċessi tal-ICT fl-Aġenzija jkopru firxa wiesgħa ta' proġetti u servizzi biex imantnu u joperaw l-infrastruttura ICT tal-Aġenzija u biex joperaw is-sistemi kollha tal-IT użati internament u esternament. Jipprovdu wkoll sistemi tal-IT biex isostnu firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet għall-amministrazzjoni tal-Aġenzija.

### 1. Suċċessi prinċipali fl-2014

Is-suċċess prinċipali biex tiżdied l-effiċjenza fil-proċessi amministrattivi kienet il-produzzjoni ta' sistema ta' mmaniġġjar tar-Riżorsi Umani, li pprovdiet soluzzjoni tal-ogħla livell għat-tmexxija ċentrali u effiċjenti tal-funzjonijiet amministrattivi prinċipali bħal data tal-persunal, ippjanar tal-persunal, kuntratti u drittijiet individwali. Fl-2015, il-proġett ser ikompli bil-produzzjoni tal-modjul għall-amministrazzjoni taż-żmien, u l-modjuls għall-valutazzjoni tat-taħriġ u tal-prestazzjoni.

L-użu tas-sistema tal-Immaniġġjar tar-Rekords biex jiġu arkivjati r-rekords – wara li kien ikkompletat b'suċċess esperiment pilota fl-2013 – ġie pospost minħabba li l-politiki u l-proċeduri tal-immaniġġjar tad-dokumenti kienu riveduti fil-kuntest tal-preparazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni 9001 tal-ISO. Ix-xogħol biex jintuża s-sostenn tal-IT għall-applikazzjoni tal-proċeduri msemmija qabel jerġa' jibda fl-2015.

In-nuqqasijiet fil-prestazzjoni u fil-kontinwità kummerċjali tal-legat tas-Sistema għall-Immaniġġar tad-Dokumenti ibbażati fuq il-pjattaforma Sharepoint tal-Microsoft kienet solvuta bit-tiġdid komplet tal-pjattaforma, u billi wieħed ħa vantaġġ mill-migrazzjoni lejn il-verżjoni tal-2010. Is-sistema l-ġdida tinkludi l-mezzi tekniċi kollha għal implimentazzjoni rigoruża tal-politiki għall-ġestjoni tal-informazzjoni fis-seħħ bħall-klassifikazzjoni tad-dokumenti.
Il-proġett kien fattur ta' suċċess biex jintlaħqu l-miri tas-Sistema ta' Ġestjoni ta' Kwalità Integrata (IQMS). Minħabba l-kumplessità teknika u t-tagħbija tax-xogħol meħtieġa biex jerġa' jiġi organizzat il-kontenut skont il-klassifikazzjoni miftiehma, il-ftit flussi tax-xogħol, l-applikazzjonijiet u l-kontenut li jibqa' għad iridu jiġu migrati fl-2015.

Fil-qasam tal-infrastruttura tal-ICT, l-ECHA kompliet il-progress tagħha fuq il-pjan direzzjonali biex tesporta servizzi ta' ħowsting u ġestjoni ta' applikazzjonijiet.

Il-ġestjoni tal-ambjent tal-produzzjoni tas-sistema ta' preżentazzjoni ePIC ġiet esternalizzata mill-bidu.

L-ECHA setgħet tieħu fuqha x-xogħol li ma kienx ippjanat qabel biex testernalizza b'suċċess iċ-ċentru tad-data fuq il-post għal ċentru tad-data remot tal-ogħla livell, b'ebda impatt fuq l-utenti finali (biex b'hekk fl-istess ħin tiġi ppruvata r-reżiljenza tad-diżinn). Dan naqqas ukoll id-dipendenza fuq is-sit preżenti in vista tal-faċilitazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar rinnovamenti fil-ġejjieni.

Ħafna mis-servizzi tal-infrastruttura ġew tranżizzjonati lill-esternalizzatur inklużi s-servizzi mmaniġġati għall-infrastruttura ċentrali tal-ICT u s-servizz ta' back-up u restawr. Fl-aħħar tal-2014, l-ECHA ma tistrieħx iktar fuq numru limitat ta' persunal għall-konsenja teknika ta' dawn is-servizzi, biex b'hekk ittejjeb il-kontinwità kummerċjali u terġa' tiffoka r-riżorsi tagħha.

Pjan ta' Kontinwità Kummerċjali tal-ICT (BCP) kien rilaxxat skont l-IQMS tal-Aġenzija.

Sabiex tipprepara għall-kuntratt kwadru ta' esternalizzazzjoni li jmiss u biex tkun ta' sostenn għal deċiżjoni strateġika dwar il-mudell ġejjieni biex jipprovdi kapaċità ta'

infrastruttura tal-ICT li jkollu jintuża fl-2015, l-ECHA bdiet tinvestiga mudell ta' Infrastruttura bħala Servizz (IaaS) li jippermetti li l-kapaċità tkun ipprovduta minn provveditur, fuq talba, mingħajr is-sjieda ta' ħardwer u softwer. Twettaq studju inizjali ta' prattikabbiltà , li rriżulta f'għarfien utli ħafna dwar il-vantaġġi u l-punti kritiċi, kif ukoll implikazzjonijiet tar-riżorsi, ta' tranżizzjoni. Ser issir analiżi ulterjuri, ukoll għal paragun, fl-2015.

Attivitajiet kontinwi ta' ottimizzazzjoni tal-infrastruttura eżistenti pproduċew titjib varju, ta' impatt, fuq firxa ta' servizzi:

- soluzzjoni ġdida, iktar b'saħħitha, iżda sigura għal persunal ta' teleworking.
- servizz ta' netwerk sigur mingħajr wajers (qabel limitat ħafna u disponibbli biss fiċ-ċentru tal-konferenzi).
- ottimizzazzjoni ta' allokazzjoni ta' riżorsi infrastrutturali prinċipali għar-riġenerazzjoni tal-kapaċità u kontroll aħjar taż-żieda fid-domanda.
- titjib maġġuri tal-pjattaforma użata għall-immaniġġjar tal-inċidenti mill-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA, Ħelpnet, u Uffiċċju tal-informazzjoni intern tal-ICT u servizzi ta' faċilitajiet.
- Bdiet id-definizzjoni ta' identifikazzjoni ċentralizzata u ġestjoni tal-aċċess għall-utenti, bl-iskop li tkun ipprovduta ġestjoni iktar effiċjenti ta' utenti interni u esterni ta' sistemi u servizzi tal-IT tal-ECHA u awditu ħafna aħjar ta' aċċess mill-perspettiva ta' sigurtà.

Fil-kuntest tal-politiki għall-immaniġġjar tal-assi tal-ECHA, servizz sigur ta' rimi għal assi tal-IT irtirati sar kompletament operazzjonali u jindirizza l-kumplessità tat-tneħħija ta' data sensittiva minn apparat fiżiku ta' natura differenti.

## 2. Miri u indikaturi

Miri

1. Is-sostenn tal-proċessi amministrattivi tal-ECHA u r-rappurtaġġ tal-ġestjoni bl-assistenza ta' għodod tal-IT li jiffunzjonaw tajjeb. L-ECHA tagħmel użu effettiv mill-informazzjoni tagħha; dokumenti u rekords riċevuti, iġġenerati u użati mill-persunal tagħha huma kkontrollati tajjeb.

2. L-infrastruttura teknika tal-ICT tal-Aġenzija hija operata f'livell għoli ta' servizz u kontinwità, l-effiċjenza u s-sigurtà huma massimizzati għall-operazzjonijiet kummerċjali kollha sostnuti.

3. Pjan ta' Kontinwità Kummerċjali tal-IT jkopri b'mod adegwat is-sistemi kritiċi għall-missjoni tal-leġiżlazzjonijiet ġodda li l-ECHA hija nkarigata minnhom mill-2013: bijoċidi, PIC u pjattaforma aġġornata għall-ġestjoni u l-kollaborazzjoni interna tad-dokumenti.

Indikaturi u miri ta' prestazzjoni

| Indikatur | Mira fl-2014 | Riżultat fl-2014 |
|---|---|---|
| Id-disponibbiltà ta' sistemi b'missjoni kritika għal klijenti esterni (jiġifieri uptime matul sigħat ta' servizz) | Fuq medja 98% | 99% |
| Livell ta' sodisfazzjon tal-utent intern bis-servizzi tal- | Għolja | Għolja |

| | | |
|---|---|---|
| IT, relattivi għall-proporzjon bejn il-persunal/is-sostenn. | | |
| Livell tal-kopertura ta' sistemi kritiċi fis-soluzzjoni għall-kontinwità kummerċjali bl-involviment ta' ċentru(i) esterni tad-data. | Estensjoni għal żewġ misssjonijiet kritiċi: R4BP 3, sistemi IT għal PIC u l-pjattaforma għall-ġestjoni u l-kollaborazzjoni tad-dokumenti interni | Mira milħuqa |

## 3. Riżultati prinċipali

- Introdotti l-ewwel moduli għas-sistema tal-ġestjoni tar-Riżorsi Umani (HRMS).
- Hija fis-seħħ sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti totalment iffabbrikata mill-ġdid u din tiffaċilita li jintlaħqu l-politiki interni u r-rekwiżiti tal-immaniġġjar u l-kontroll tad-dokumenti.
- Is-sistemi ta' preżentazzjoni R4BP 3, ePIC u s-sistemi ta' mmaniġġar tad-dokumenti interni huma koperti mill-pjan ta' Kontinwità Kummerċjali tal-IT.
- Intlaħqu diversi punti primarji esternalizzati fil-pjan direzzjonali. Il-firxa u l-profondità tas-servizzi esternalizzati żdiedet konsiderevolment. Kien esternalizzat ukoll it-tieni ċentru tad-data.
- Servizzi tal-ICT aħjar u ottimizzati għall-flessibbiltà u l-mobilità tal-persunal huma lesti li jiġu introdotti, f'konformità mar-rekwiżiti tas-sigurtà interna.
- Bdiet il-preparazzjoni biex jiġi deċiż dwar il-ġejjieni tal-provvediment tal-infrastruttura tal-ICT u kkonsenjat studju inizjali ta' prattiċità.

# 4. Riskji tal-Aġenzija

L-ECHA twettaq eżerċizzju fis-sena dwar l-istima tar-riskji biex tidentifika, tistma u timmaniġġja l-avvenimenti potenzjali li jistgħu jqiegħdu f'riskju s-suċċess tal-miri definiti fil-Programm ta' Ħidma tas-sena. L-eżerċizzju huwa parti integrali mill-preparazzjoni tal-Programm ta' Ħidma. Il-maniġment superjuri jsegwi l-implimentazzjoni u jirrevedi l-effettività tal-miżuri għat-tnaqqis tar-riskji fuq bażi kull kwart.

Fuq il-bażi ta' din l-istima, il-ġestjoni tal-ECHA identifikat ħames riskji prinċipali li jirrelataw mal-Programm ta' Ħidma 2014. Il-maniġment superjuri qabel ukoll li dawn ir-riskji kollha għandhom jitnaqqsu permezz ta' azzjonijiet speċifiċi li kienu deskritti fil-pjan ta' azzjoni li jirrelata għar-Reġistru tar-Riskji.

Kien hemm azzjonijiet regolari ta' segwitu matul is-sena. Fl-aħħar segwitu li sar fil-bidu tal-2014, il-Maniġment ikkonkluda li l-azzjonijiet meħuda biex jimmitigaw ir-riskji kienu ġew implimentati skont il-pjan, kienu wrew li kienu effettivi fir-rigward tal-ispiża u ma kinux wasslu għal riskji sekondarji maġġuri.

Fost l-azzjonijiet l-iktar importanti kkompletati sabiex jiġu mitigati r-riskji li jirrelataw mal-bijoċidi u dawk li jirrelataw mal-PIC kien hemm għadd ta' żviluppi tal-IT li żguraw id-dħul fis-seħħ mingħajr intopppi tar-Regolament PIC u l-funzjonament mingħajr intoppi tal-proċess tal-bijoċidi. Ir-riskji fir-rigward tal-ibbilanċjar tad-dħul inċert tal-bijoċidi mal-ħtiġijiet għar-riżorsi kienu ttrattati permezz tal-ippjanar tax-xenarji u l-pjanijiet ta' riżerva, madankollu, xorta jibqgħu għoljin għas-snin li ġejjin. Kwistjonijiet ta' riżorsi fl-MSCAs fiż-żmien tal-introduzzjoni ta' regolament ġdid u kumpless, irriżultaw f'numru iktar baxx ta' opinjonijiet addottati taħt il-Programm ta' Reviżjoni għal Bijoċidi (34 mill-50 opinjoni inizjalment previsti kienu addotatti fl-2014).

Ġestjoni ċara tal-ambitu, prijoritizzazzjoni tal-proġetti u enfasi fuq l-effiċjenza kienu primarji biex jitrattaw id-diversi proġetti tal-IT sabiex jiġi evitat li jkun ikkawżat dewmien fl-implimentazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali 2020 SVHC ipprogressat skont il-pjan dovut għat-titjib fil-kooperazzjoni ma' MSCAs permezz ta' netwerks tal-espożizzjoni, gruppi esperti u approċċ komuni ta' skrining – 87 sustanza huma soġġetti għal RMOAs u ddokumentati fl-Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Attivitajiet Pubbliċi (PACT) fuq il-websajt tal-ECHA.

Iż-żieda fil-livell ta' sigurtà ntlaħqet permezz tal-integrazzjoni ta' karatteristiċi ta' sigurtà f'għodod tal-IT żviluppati ġodda, soluzzjonijiet unifikati għal ECHA u MSCAs u formalizzazzjoni tajba.

# ANNESS 1: L-organizzazzjoni tal-ECHA 2014




* Jeżerċita wkoll il-funzjoni ta' Direttur tal-Affarijiet Regolatorji

**Membri tal-Bord ta' Tmexxija fil-31 ta' Diċembru 2014**

**President: Nina Cromnier**

| Membru | |
|---|---|
| Thomas JAKL | L-Awstrija |
| Jean-Roger DREZE | Il-Belġju |
| Boyko MALINOV | Il-Bulgarija |
| Bojan VIDOVIĆ | Il-Kroazja |
| Anastassios YIANNAKI | Ċipru |
| Karel BLAHA | Ir-Repubblika Ċeka |
| Henrik Søren LARSEN | Id-Danimarka |
| Aive TELLING | L-Estonja |
| Pirkko KIVELÄ | Il-Finlandja |
| Catherine MIR | Franza |
| Alexander NIES | Il-Ġermanja |
| Kassandra DIMITRIOU | Il-Greċja |
| Krisztina BIRÓ | L-Ungerija |
| Sharon MCGUINNESS | L-Irlanda |
| Antonello LAPALORCIA | L-Italja |
| Armands PLATE | Il-Latvja |
| Marija TERIOSINA | Il-Litwanja |
| Paul RASQUÉ | Il-Lussemburgu |
| Tristan CAMILLERI | Malta |
| Jan-Karel KWISTHOUT | In-Netherlands |
| Edyta MIĘGOĆ | Il-Polonja |
| Ana Teresa PEREZ | Il-Portugall |
| Luminiţa TÎRCHILĂ | Ir-Rumanija |
| Edita NOVAKOVA | Is-Slovakkja |
| Simona FAJFAR | Is-Slovenja |
| Ana FRESNO RUIZ | Spanja |
| Nina CROMNIER | L-Iżvezja |
| Arwyn DAVIES | Ir-Renju Unit |

| Persuni indipendenti maħtura mill-Parlament Ewropew |
|---|
| Christina RUDEN |
| Anne LAPERROUZE |

## Rappreżentanti maħtura mill-Kummissjoni Ewropea

| | |
|---|---|
| Antti PELTOMÄKI | Direttorat Ġenerali għall-Impriża u L-industrija |
| Kestutis SADAUSKAS | Direttorat Ġenerali għall-Ambjent |
| Krzysztof MARUSZEWSKI | Direttorat Ġenerali taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC) |
| Hubert MANDERY | Kunsill tal-Industrija Kimika Ewropea (CEFIC) |
| Gertraud LAUBER | industriAll |
| Martin FÜHR | Università ta' Darmstadt |

## Osservaturi mill-EEA/EFTA u minn pajjiżi oħra

| | |
|---|---|
| Sigurbjörg SÆMUNDSDÓTTIR | L-Iżlanda |
| Henrik ERIKSEN | In-Norveġja |

**Membri tal-MSC - Il-Kumitat tal-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru 2014**

**President: Watze DE WOLF**

| Membru | Stat li jinnomina |
|---|---|
| Helmut STESSEL | L-Awstrija |
| Kelly VANDERSTEEN | Il-Belġju |
| Parvoleta Angelova LULEVA | Il-Bulgarija |
| Biserka BASTIJANCIC-KOKIC | Il-Kroazja |
| Tasoula KYPRIANIDOU-LEONTIDOU | Ċipru |
| Pavlina KULHANKOVA | Ir-Repubblika Ċeka |
| Henrik TYLE | Id-Danimarka |
| Enda VESKIMÄE | L-Estonja |
| Petteri TALASNIEMI | Il-Finlandja |
| Sylvie DRUGEON | Franza |
| Helene FINDENEGG | Il-Ġermanja |
| Aglaia KOUTSODIMOU | Il-Greċja |
| Szilvia DEIM | L-Ungerija |
| Majella COSGRAVE | L-Irlanda |
| Pietro PISTOLESE | L-Italja |
| Sergejs GAIDUKOVS | Il-Latvja |
| Lina DUNAUSKINE | Il-Litwanja |
| Alex WAGENER | Il-Lussemburgu |
| Ingrid BUSUTTIL | Malta |
| Jan WIJMENGA | In-Netherlands |
| Linda REIERSON | In-Norveġja |
| Michal ANDRIJEWSKI | Il-Polonja |
| Inês ALMEIDA | Il-Portugall |
| Mariana MIHALCEA UDREA | Ir-Rumanija |
| Peter RUSNAK | Is-Slovakkja |
| Tatjana HUMAR-JURIČ | Is-Slovenja |
| Esther MARTÍN | Spanja |
| Sten FLODSTRÖM | L-Iżvezja |
| Gary DOUGHERTY | Ir-Renju Unit |

**Membri ta' RAC - Kumitat għall-Istima tar-Riskji fil-31 ta' Diċembru 2014**

**President: Tim BOWMER**

| Membru | Stat li jinnomina |
|---|---|
| Christine HÖLZL | L-Awstrija |
| Sonja KAPELARI | L-Awstrija |
| Safia KORATI | Il-Belġju |
| Veda Marija VARNAI | Il-Kroazja |
| Marian RUCKI | Ir-Repubblika Ċeka |
| Andreas KALOGIROU | Ċipru |
| Frank JENSEN | Id-Danimarka |
| Peter Hammer SØRENSEN | Id-Danimarka |
| Urs SCHLÜTER | L-Estonja |
| Riitta LEINONEN | Il-Finlandja |
| Tiina SANTONEN | Il-Finlandja |
| Elodie PASQUIER | Franza |
| Stéphanie VIVIER | Franza |
| Norbert RUPPRICH | Il-Ġermanja |
| Ralf STAHLMANN | Il-Ġermanja |
| Nikolaos SPETSERIS | Il-Greċja |
| Christina TSITSIMPIKOU | Il-Greċja |
| Anna BIRO | L-Ungerija |
| Katalin GRUIZ | L-Ungerija |
| Brendan MURRAY | L-Irlanda |
| Yvonne MULLOOLY | L-Irlanda |
| Paola DI PROSPERO FANGHELLA | L-Italja |
| Pietro PARIS | L-Italja |
| Normunds KADIKIS | Il-Latvja |
| Jolanta STASKO | Il-Latvja |
| Lina DUNAUSKIENE | Il-Litwanja |
| Žilvinas UŽOMECKAS | Il-Litwanja |
| Michael NEUMANN | Il-Lussemburgu |
| Hans-Christian STOLZENBERG | Il-Lussemburgu |
| Betty HAKKERT | In-Netherlands |
| Marja PRONK | In-Netherlands |
| Christine BJØRGE | In-Norveġja |
| Boguslaw BARANSKI | Il-Polonja |
| Slawomir CZERCZAK | Il-Polonja |
| João CARVALHO | Il-Portugall |

| | |
|---|---|
| Radu BRANISTEANU | Ir-Rumanija |
| Mihaela ILIE | Ir-Rumanija |
| Anja MENARD SRPČIČ | Is-Slovenja |
| Agnes SCHULTE | Is-Slovenja |
| Miguel SOGORB | Spanja |
| José Luis TADEO | Spanja |
| Anne-Lee GUSTAFSON | L-Iżvezja |
| Bert-Ove LUND | L-Iżvezja |
| Stephen DUNGEY | Ir-Renju Unit |
| Andrew SMITH | United Kingdom |

**Membri tas-SEAC - Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika fil-31 ta' Diċembru 2014**

**President: Tomas ÖBERG**

| Membru | Stat li jinnomina |
|---|---|
| Simone FANKHAUSER | L-Awstrija |
| Georg KNOFLACH | L-Awstrija |
| Simon COGEN | Il-Belġju |
| Catheline DANTINNE | Il-Belġju |
| Elina Velinova STOYANOVA-LAZAROVA | Il-Bulgarija |
| Silva KAJIĆ | Il-Kroazja |
| Georgios BOUSTRAS | Ċipru |
| Leandros NICOLAIDES | Ċipru |
| Jiri BENDL | Ir-Repubblika Ċeka |
| Martina PÍŠKOVÁ | Ir-Repubblika Ċeka |
| Lars FOCK | Id-Danimarka |
| Johanna KIISKI | Il-Finlandja |
| Jean-Marc BRIGNON | Franza |
| Karine FIORE-TARDIEU | Franza |
| Franz-Georg SIMON | Il-Ġermanja |
| Karen THIELE | Il-Ġermanja |
| Ionna ALEXANDROPOULOU | Il-Greċja |
| Alexandra MEXA | Il-Greċja |
| Endre SCHUCHTÁR | L-Ungerija |
| Zoltan PALOTAI | L-Ungerija |
| Marie DALTON | L-Irlanda |
| Flaviano D'AMICO | L-Italja |
| Silvia GRANDI | L-Italja |
| Ivars BERGS | Il-Latvja |
| Jãnis LOČS | Il-Latvja |
| Ilona GOLOVACIOVA | Il-Litwanja |
| Tomas SMILGIUS | Il-Litwanja |
| Cees LUTTIKHUIZEN | In-Netherlands |
| Thea Marcelia SLETTEN | In-Norveġja |
| João ALEXANDRE | Il-Portugall |
| Robert CSERGO | Ir-Rumanija |
| Janez FURLAN | Is-Slovenja |
| Karmen KRAJNC | Is-Slovenja |

| | |
|---|---|
| Adolfo NARROS | Spanja |
| Åsa THORS | L-Iżvezja |
| Gary DOUGHERTY | Ir-Renju Unit |
| Stavros GEORGIOU | Ir-Renju Unit |

**Membri tal-BPC - Kumitat għall-Prodotti Bijoċidali fil-31 ta' Diċembru 2014**

**President: Erik VAN DE PLASSCHE**

| Membru | L-Istat li jinnomina |
|---|---|
| Nina SPATNY | L-Awstrija |
| Boris VAN BERLO | Il-Belġju |
| Ivana Vrhovac FILIPOVIC | Il-Kroazja |
| Andreas HADJIGEORGIOU | Ċipru |
| Tomáš VACEK | Ir-Repubblika Ċeka |
| Jørgen LARSEN | Id-Danimarka |
| Anu MERISTE | L-Estonja |
| Tiina TUUSA | Il-Finlandja |
| Pierre-Loic BERTAGNA | Franza |
| Stefanie JAGER | Il-Ġermanja |
| Athanassios ZOUNOS | Il-Greċja |
| Klára Mária CZAKÓ | L-Ungerija |
| John HARRISON | L-Irlanda |
| Maristella RUBBIANI | L-Italja |
| Anta JANTONE | Il-Latvja |
| Saulius MAJUS | Il-Litwanja |
| Jeff ZIGRAND | Il-Lussemburgu |
| Ingrid BUSUTTIL | Malta |
| Maartje NELEMANS | In-Netherlands |
| Christian DONS | In-Norveġja |
| Barbara JAWORSKA-LUCZAK | Il-Polonja |
| Ines FILIPA MARTINS DE ALMEIDA | Il-Portugall |
| Mihaela-Simona DRAGOIU | Ir-Rumanija |
| Denisa MIKOLASKOVA | Ir-Repubblika Slovakka |
| Vesna TERNIFI | Is-Slovenja |
| María Luisa GONZÁLEZ MÁRRQUEZ | Spanja |
| Mary IAKOVIDOU | L-Iżvezja |
| Michael COSTIGAN | Ir-Renju Unit |

**Membri tal-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar fil-31 ta' Diċembru 2014**

**President: Szilvia DEIM**

| Membru | |
|---|---|
| Eugen ANWANDER | L-Awstrija |
| Paul CUYPERS | Il-Belġju |
| Parvoleta LULEVA | Il-Bulgarija |
| Dubravka Marija KREKOVIC | Il-Kroazja |
| Tasoula KYPRIANIDOU-LEONTIDOU | Ċipru |
| Oldřich JAROLÍM | Ir-Repubblika Ċeka |
| Birte Nielsen BØRGLUM | Id-Danimarka |
| Aljona HONGA | L-Estonja |
| Marilla LAHTINEN | Il-Finlandja |
| Vincent DESIGNOLLE | Franza |
| Katja VOM HOFE | Il-Ġermanja |
| Eleni FOUFA | Il-Greċja |
| Szilvia DEIM | L-Ungerija |
| Bergþóra Hlíðkvist SKÚLADÓTTIR | L-Iżlanda |
| Sinead MCMICKAN | L-Irlanda |
| Mariano ALESSI | L-Italja |
| Parsla PALLO | Il-Latvja |
| Manfred FRICK | Il-Liechtenstein |
| Otilija GRINCEVIČIŪTĖ | Il-Litwanja |
| Kim ENGELS | Il-Lussemburgu |
| Shirley MIFSUD | Malta |
| Jos VAN DEN BERG | In-Netherlands |
| Gro HAGEN | In-Norveġja |
| Marta OSÓWNIAK | Il-Polonja |
| Graca BRAVO | Il-Portugall |
| Mihaela ALBULESCU | Ir-Rumanija |
| Dušan KOLESAR | Is-Slovakkja |
| Vesna NOVAK | Is-Slovenja |
| Pablo SÁNCHEZ-PEÑA | Spanja |
| Agneta WESTERBERG | L-Iżvezja |
| Mike POTTS | Ir-Renju Unit |

# ANNESS 2: Suppożizzjonijiet bażi

| Mexxejja prinċipali tal-attivitajiet ta' REACH u CLP | Stima għall-2014 | Total fl-2014 | Attwali % |
|---|---|---|---|
| **Dossiers li jaslu** | | | |
| Dossiers tar-reġistrazzjoni (inklużi aġġornamenti) | 5 800 | 9 001 | 155% |
| Proposti ta' ttestjar | 70 | 32 | 46% |
| Talbiet għal kunfidenzjalità | 250 | 232 | 93% |
| Aċċess għal data ta' aktar minn 12-il sena | 270 | 265 | 98% |
| Notifikazzjonijiet PPORD (inklużi talbiet għal estensjoni) | 300 | 234 | 78% |
| Domandi | 1 300 | 1 000 | 77% |
| Disputazzjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-data | 3 | 4 | 133% |
| Proposti ta' restrizzjoni (l-Anness XV) | 8 | 7 | 88% |
| - Li minnhom proposti ta' restrizzjoni żviluppati mill-ECHA | 3 | 2 | 67% |
| Proposti għal klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati (l-Anness VI tar-Regolament CLP) | 70 | 44 | 63% |
| Proposti għall-identifikazzjoni bħala SVHC (Anness XV)[12] | 30 | 14 | 47% |
| Applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni | 20 | 19 | 95% |
| Talbiet għal isem alternattiv | 100 | 28 | 28% |
| Sustanzi fil-CoRAP li għandhom jiġu vvalutati fl-2014 mill-Istati Membri | 50 | 51 | 102% |

[12] In-numru attwali ta' dossiers SVHC li jaslu jkun jiddependi fuq l-għadd ta' analiżi RMO konklużi L-ECHA ser tikkontribwixxi, fuq talba mill-Kummissjoni għall-preparazzjoni ta' mhux aktar minn ħames RMOs.

| Mexxejja prinċipali tal-attivitajiet ta' REACH u CLP | Stima għall-2014 | Total fl-2014 | Attwali % |
|---|---|---|---|
| **Deċiżjonijiet tal-ECHA** | | | |
| Deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni ta' dossiers u tas-sustanzi | | | |
| - Proposti ta' ttestjar | 200 | 204 | 102% |
| - Kontrolli ta' konformità | 150 | 172 | 115% |
| - Valutazzjonijiet tas-sustanzi | 35 | 26 | 74% |
| Deċiżjonijiet dwar il-kondiviżjoni tad-data | 3 | 5 | 167% |
| Deċiżjonijiet dwar il-kontroll tal-kompletezza (negattiv, jiġifieri rifjuti) | 190 | 59 | 31% |
| Deċiżjonijiet dwar talbiet għal kunfidenzjalità (negattiv) | 50 | 67 | 134% |
| Deċiżjonijiet dwar PPORD | 40 | 48 | 120% |
| - Talbiet għal aktar informazzjoni | 30 | 40 | 133% |
| - Kundizzjonijiet imposti | 8 | 1 | 13% |
| - Estensjonijiet mogħtija | 20 | 7 | 35% |
| Deċiżjonijiet dwar aċċess għal talbiet għal dokumenti | 100 | 57 | 57% |
| Revoki ta' numri tar-reġistrazzjoni | 40 | 33 | 83% |
| Rifjuti tal-istatus SME | 300 | 88 | 29% |

| Mexxejja prinċipali tal-attivitajiet REACH u CLP | Stima għall-2014 | Total fl-2014l | Attwali % |
|---|---|---|---|
| **Oħrajn** | | | |
| Appelli ppreżentati | 20 | 18 | 90% |
| Deċiżjonijiet ta' appelli | 15 | 16 | 107% |
| Abbozz tal-CoRAP għal sustanzi soġġetti għal valutazzjoni | 1 | 1 | 100% |
| Rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni għal-Lista tal-Awtorizzazzjonil | 1 | 0 | 0% |
| Mistoqsijiet li għandha tingħatalhom tweġiba (REACH, CLP, BPR u PIC kif ukoll għodod rispettivi tal-IT). | 6 000 | 8 406 | 140% |
| Eżaminazzjonijiet ta' segwitu għall-valutazzjoni tad-dossier | 300 | 261 | 87% |
| Kontrolli tal-istatus SMEl | 600 | 271 | 45% |
| Laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija | 4 | 4 | 100% |
| Laqgħat tal-MSC | 6 | 6 | 100% |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Laqgħat RAC | 4 | 6 | 150% |
| Laqgħat SEAC | 4 | 4 | 100% |
| Laqgħat tal-forum | 3 | 3 | 100% |
| Domandi ġenerali bit-telefown jew permezz tal-posta elettronika | 600 | 2 831 | 472% |
| Domandi tal-istampa | 600 | 421 | 70% |
| Stqarrijiet għall-istampa u twissijiet tal-aħbarijiet | 75 | 78 | 104% |
| Reklutaġġ dovut għal turnover | 25 | 13 | 52% |

| Mexxejja prinċipali ta' bijoċidi u attivitajiet PIC | Stima għall-2014 | Total fl-2014 | Attwali % |
|---|---|---|---|
| Għadd ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati taħt il-Programm ta' Reviżjoni | 50 | 15 | 30% |
| Għadd ta' sustanzi attivi ġodda li għandhom jiġu vvalutati għal applikazzjonijiet magħmula qabel id-dħul f'operazzjoni | 10 | 2 | 20% |
| Applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanza attiva ġdida | 5 | 10 | 200% |
| Applikazzjonijiet għal tiġdid jew reviżjoni ta' sustanzi attivi | 3 | 2 | 67% |
| Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni mill-Unjoni | 20 | 0 | 0% |
| Applikazzjonijiet għal fornituri ta' sustanzi attivi (Artikolu 95) | 300 | 10 | 3% |
| Applikazzjonijiet għal ekwivalenza teknika | 50 | 6 | 12% |
| Applikazzjonijiet għal similarità kimika | 100 | 0 | 0% |
| Numru ġenerali ta' applikazzjoniijiet ipproċessati | 3 000 | 2 094 | 70% |
| Kontrolli tal-istatus SME | 30 | 5 | 17% |
| Appelli | 3 | 0 | 0% |
| Laqgħat BPC | 5 | 5 | 100% |
| Laqgħat tal-WG tal-BPC | 26 | 17 | 65% |
| Notifikazzjonijiet PIC | 4 000 | 4 678 | 117% |
| Karigi TA/CA ġodda li għandhom jimtlew għal Bijoċidi | 2 | 2 | 100% |
| Karigi TA/CA ġodda li għandhom jimtlew għal PIC | 1 | 1 | 100% |

# ANNESS 3: Riżorsi 2014

| | REACH | | | | | | BIJOĊIDI | | | | | | PIC | | | | | | ECHA (Total) Riżorsi tal-Persunal 2014 Baġit 2014 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | AD | AST | CA | Tota | Baġit | Total Impenjat | AD | AST | CA | Tota | Baġit | Total Impenjat | AD | AST | CA | Tota | Baġit | Total Impenjat | AD | AST | CA | Tota | Baġit | Total Impenjat |
| **L-Implimentazzjoni tal-Proċessi Regolatorji (Baġit operazzjonali)** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Attività 1: Ir-Reġistrazzjoni, il-Kondiviżjoni tad-data u d-** | 40 | 10 | 10 | 60 | 9 812 517 | 9 642 996 | 2 | 1 | 1 | 4 | 1 114 913 | 539 473 | | 1 | | 1 | 0 | 111 394 | 42 | 12 | 11 | 65 | 10 927 429 | 10 293 863 |
| **Attività 2: Il-Valutazzjoni** | 75 | 10 | 6 | 91 | 16 965 628 | 16 172 135 | | | | 0 | 0 | 0 | | | | 0 | 0 | 0 | 75 | 10 | 6 | 91 | 16 965 628 | 16 172 135 |
| **Attività 3: L-Immaniġġjar tar-riskji** | 31 | 4 | 5 | 40 | 7 763 826 | 6 613 973 | | | | 0 | 0 | 0 | | | | 0 | 0 | 0 | 31 | 4 | 5 | 40 | 7 763 826 | 6 613 973 |
| **Attività 4: Il-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar** | 12 | 2 | 2 | 16 | 2 834 611 | 2 493 911 | | | | 0 | 0 | 0 | | | | 0 | 0 | 0 | 12 | 2 | 2 | 16 | 2 834 611 | 2 493 911 |
| **Attività 5: Konsulenza u Assistenza permezz tal-Gwida u l-** | 17 | 7 | 6 | 30 | 5 261 671 | 4 729 465 | 3 | | 1 | 4 | 341 448 | 586 158 | | | | 0 | 13 790 | 8 028 | 20 | 7 | 7 | 34 | 5 616 909 | 5 323 650 |
| **Attività 6: Sostenn tal-IT lil Operazzjonijiet** | 27 | 8 | 6 | 41 | 19 533 296 | 18 193 681 | 2 | 1 | 1 | 4 | 696 538 | 668 868 | 1 | 1 | | 2 | 565 979 | 542 327 | 30 | 10 | 7 | 47 | 20 795 812 | 19 404 876 |
| **Attività 7: Attivitajiet Xjentifiċi u Pariri Tekniċi lill-Istituzzjonijiet u lill-Korpi tal-UE** | 9 | 1 | | 10 | 1 953 329 | 1 676 180 | | | | 0 | 0 | 0 | | | | 0 | 0 | 0 | 9 | 1 | 0 | 10 | 1 953 329 | 1 676 180 |
| **Il-Korpi tal-ECHA u Attivitajiet ta' Sostenn** | | | | 0 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Attività 8: Kumitati u Forum** | 20 | 7 | 5 | 32 | 6 740 746 | 6 509 175 | 4 | 3 | | 7 | 1 180 131 | 1 143 915 | | | | 0 | 17 100 | 17 100 | 24 | 10 | 5 | 39 | 7 937 977 | 7 670 191 |
| **Attività 9: Il-Bord tal-Appell** | 6 | 3 | 2 | 11 | 1 974 240 | 1 749 835 | | | | 0 | 138 879 | 3 844 | | | | | 0 | 0 | 6 | 3 | 2 | 11 | 2 113 120 | 1 753 679 |
| **Attività 10 Komunikazzjonijiet** | 9 | 9 | 7 | 25 | 6 876 981 | 6 700 075 | | 1 | 1 | 2 | 599 693 | 419 823 | | | | 0 | 45 509 | 12 362 | 9 | 10 | 8 | 27 | 7 522 183 | 7 132 260 |
| **Attività 11: Kooperazzjoni Internazzjonali** | 3 | | | 3 | 856 435 | 1 894 663 | | | | 0 | 0 | 1 364 | | | | 0 | 0 | 0 | 3 | 0 | 0 | 3 | 856 435 | 1 896 027 |
| **Tmexxija, Organizzazzjoni u Riżorsi** | | | | 0 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Attività 12: Tmexxija** | 26 | 16 | 6 | 48 | 9 667 896 | 8 928 920 | | | 1 | 1 | 374 464 | 275 379 | | | | 0 | 0 | 0 | 26 | 16 | 7 | 49 | 10 042 361 | 9 204 298 |
| **Attivitajiet 13-15: Organizzazzjoni u Riżorsi (Titolu II: Infrastruttura)** | 28 | 44 | 39 | 111 | 17 648 823 | 16 995 253 | 2 | 1 | 3 | 6 | 867 154 | 809 209 | | 2 | | 2 | 108 589 | 207 109 | 30 | 47 | 42 | 119 | 18 624 567 | 18 011 572 |
| **Attività 16: Bijoċidi** | | | | 0 | | 0 | 18 | 2 | 2 | 22 | 4 078 974 | 3 005 712 | | | | | | 0 | 18 | 2 | 2 | 22 | 4 078 974 | 3 005 712 |
| **Attività 17: PIC** | | | | 0 | | 0 | 0 | 0 | 0 | | | | | 1 | 1 | 2 | 546 257 | 296 595 | 0 | 1 | 1 | 2 | 546 257 | 296 595 |
| **Total** | **303** | **121** | **94** | **518** | **107 890 000** | **102 300 261** | **31** | **9** | **10** | **50** | **9 392 194** | **7 453 746** | **1** | **5** | **1** | **7** | **1 297 224** | **1 194 915** | **335** | **135** | **105** | **575** | **118 579 418** | **110 948 922** |
| Fil-Pjan ta' Stabbiliment: | 441 | | 98 | 539 | | | 48 | | 14 | | | | 6 | | 1 | | | | 495 | 113 | 608 | | | |

# ANNESS 4: Lista tal-Kandidati ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs)

## Sustanzi miżjuda mal-Lista tal-Kandidati fl-2014

| Substance Name | EC number | CAS number | Date inclusion Candidate List | SVHC scope | Candidate List Decision | Intended by |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2-(2H-benzotriazol-2-yl)-4,6-ditertpentylphenol (UV-328) | 247-384-8 | 25973-55-1 | 17/12/2014 | PBT (Article 57 d); vPvB (Article 57 e) | ED/108/2014 | Germany |
| 2-benzotriazol-2-yl-4,6-di-tert-butylphenol (UV-320) | 223-346-6 | 3846-71-7 | 17/12/2014 | PBT (Article 57 d); vPvB (Article 57 e) | ED/108/2014 | Germany |
| 2-ethylhexyl 10-ethyl-4,4-dioctyl-7-oxo-8-oxa-3,5-dithia-4-stannatetradecanoate; DOTE | 239-622-4 | 15571-58-1 | 17/12/2014 | Toxic for reproduction (Article 57 c) | ED/108/2014 | |
| Cadmium fluoride | 232-222-0 | 7790-79-6 | 17/12/2014 | Carcinogenic (Article 57a); Mutagenic (Article 57b); Toxic for reproduction (Article 57 c); Equivalent level of concern having probable serious effects to human health (Article 57 f) | ED/108/2014 | Sweden |
| Cadmium sulphate | 233-331-6 | 10124-36-4; 31119-53-6 | 17/12/2014 | Carcinogenic (Article 57a); Mutagenic (Article 57b); Toxic for reproduction (Article 57 c); Equivalent level of concern having probable serious effects to human health (Article 57 f) | ED/108/2014 | Sweden |
| Reaction mass of 2-ethylhexyl 10-ethyl-4,4-dioctyl-7-oxo-8-oxa-3,5-dithia-4-stannatetradecanoate (DOTE) and 2-ethylhexyl 10-ethyl-4-[[2-[(2-ethylhexyl)oxy]-2-oxoethyl]thio]-4-octyl-7-oxo-8-oxa-3,5-dithia-4-stannatetradecanoate (MOTE) | - | - | 17/12/2014 | Toxic for reproduction (Article 57 c) | ED/108/2014 | Austria |
| 1,2-Benzenedicarboxylic acid, dihexyl ester, branched and linear | 271-093-5 | 68515-50-4 | 16/06/2014 | Toxic for reproduction (Article 57 c) | ED/49/2014 | Sweden |
| Cadmium chloride | 233-296-7 | 10108-64-2 | 16/06/2014 | Carcinogenic (Article 57a); Mutagenic (Article 57b); Toxic for reproduction (Article 57 c); Equivalent level of concern having probable serious effects to human health (Article 57 f) | ED/49/2014 | Sweden |
| Perboric acid, sodium salt; sodium perborate | 234-390-0; 239-172-9 | | 16/06/2014 | Toxic for reproduction (Article 57 c) | ED/49/2014 | Denmark |
| Sodium peroxometaborate | 231-556-4 | 7632-04-4 | 16/06/2014 | Toxic for reproduction (Article 57 c) | ED/49/2014 | Denmark |

# ANNESS 5: Stima tal-Bord ta' Tmexxija tar-Rapport Annwali Konsolidat ta' Attività għall-2014

MB/05/2015 finali
20/03/2015

**STIMA TAR-RAPPORT ANNWALI KONSOLIDAT TAL-ATTIVITÀ TAL-UFFIĊJAL TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAS-SENA 2014**

IL-BORD TA' TMEXXIJA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi (REACH),

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet (CLP),

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (BPR),

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-04 ta' Lulju 2012 dwar il-Kunsens Minn Qabel ta' Informazzjoni dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (PIC),

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (MB/WP/03/2014), u b'mod partikolari l-Artikolu 47 tiegħu (ECHA FR),

Wara li kkunsidra l-Programm ta' Ħidma tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena 2014 addottat mill-Bord ta' Tmexxija fil-laqgħa tiegħu ta' Settembru 2013,

Wara li kkunsidra r-Rapport Annwali Konsolidat ta' Attività tal-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena 2014 kif ippreżentat lill-Bord fid-19 ta' Marzu 2015.

BILLI,

L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni għandu jirrapporta lill-Bord ta' Tmexxija dwar il-prestazzjoni tad-dmirijiet tiegħu fil-forma ta' rapport annwali konsolidat ta' attività, li jikkontjeni informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-progrmm annwali ta' ħidma tal-Aġenzija skont il-Programm ta' Ħidma Pluriennali, il-baġit u riżorsi tal-persunal, il-maniġment u sistemi ta' kontroll interni, verifiki u azzjonijiet meħuda fuqhom, tmexxija tal-baġit u finanzjarja, li jikkonfermaw li l-informazzjoni kontenuta fir-rapport tippreżenta dehra vera u ġusta sakemm mhux speċifikat xort'oħra fi kwalunkwe riżerva li tirrelata mal-qasam definit ta' dħul u nfiq,

Sa mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju kull sena, il-Bord ta' Tmexxija għandu jibgħat lill-Kummissjoni, lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri stima ta' rapport annwali konsolidat ta' attività dwar is-sena finanzjarja preċedenti. Din l-istima għandha tkun inkluża fir-rapport annwali tal-Aġenzija, skont id-dispożizzjonijiet ta' REACH.

ADDOTTA L-ISTIMA LI ĠEJJA:

1. Jilqa' r-riżultati ppreżentati fir-Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività tal-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni kif ukoll il-livell ta' prestazzjoni għolja milħuq fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-kompiti taħt REACH u CLP. Dan huwa rifless fil-fatt li 45 minn dawk il-50 mira ta' prestazzjoni stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma 2014 intlaħqu. Is-sodisfazzjon kien wieħed medju fi tnejn mit-18-il qasam meqjusa. L-iskadenzi legali ma ntlaħqux fi ftit

każijiet. Aktar deċiżjonijiet milli ppjanati dwar ir-reprotossiċità ntbagħtu għal deċiżjoni mill-Kummissjoni minħabba nuqqas ta' ftehim unanimu fil-Kumitat tal-Istati Membri.

2. Japprezza l-ħidma strateġika u operazzjonali tal-ECHA imwettqa fl-2014 u, b'mod partikolari, s-suċċessi f':

   a. L-iżvilupp tal-viżjoni strateġika ta' ECHA 2020 bħala organizzazzjoni pubblika li tiffoka kompletament fuq li tagħti ħidma regolatorja operazzjonali u effettiva in linja mal-leġiżlazzjonijiet bażi tagħha, u turi l-valur miżjud tagħha liċ-ċittadini Ewropej,

   b. Il-bidu tal-implimentazzjoni tal-ewwel żewġ proġetti taħt il-programm ta' Effiċjenza biex tkun tista' tkampa bit-tnaqqis fil-persunal kif meħtieġ mill-aġenziji kollha tal-UE filwaqt li tiffaċċja żieda fit-tagħbija tax-xogħol.

   c. L-iżvilupp tal-mudelli u l-implimentazzjoni tal-ewwel kejl tal-erba' miri strateġiċi tal-ECHA li jindika progress lejn l-ilħiq tagħhom.

   d. Iċ-ċertifikazzjoni kontra l-Istandard ta' Ġestjoni ta' Kwalità ISO 9001:2008.

   e. Id-dħul f'operazzjoni mingħajr intoppi ta' PIC f'Marzu 2014 u l-għoti b'suċċess tal-operazzjonijiet PIC miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka.

   f. L-istabbiliment tal-pjan direzzjonali bi skadenza tar-reġistrazzjoni 2018 ibbażat fuq konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati u tintroduċi l-paġni web ġodda REACH 2018 iddiżinjati minn perspettiva ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SME).

   g. It-tkomplija tad-disponibbiltà b'mod pubbliku tal-informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi rreġistrati jew innotifikati, b'mod partikolari mid-dossiers kollha rreġistrati sal-iskadenza tal-2013.

   h. L-instigazzjoni tat-titjib tal-identifikazzjoni tas-sustanzi fid-dossiers permezz ta' kampanja tal-ittra, li tirriżulta f'għadd kbir ta' aġġornamenti, u tinkludi l-kontrolli tal-identifikazzjoni tas-sustanzi fl-għodda tal-Assistent għall-Validazzjoni.

   i. Il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-aħjar prattika dwar xenarji tal-espożizzjoni u li għandha l-għan li tagħmel l-iskedi ta' data ta' sigurtà iktar ċari u li jinftiehmu aħjar mill-utenti downstream.

   j. L-ilħiq tal-miri annwali għall-valutazzjonijiet tad-dossier, inkluża l-konklużjoni ta' 224 proposta ta' ttestjar, 283 kontroll ta' konformità u 282 valutazzjoni ta' segwitu.

   k. L-aġġornament tal-pjan ta' azzjoni rikorrenti Komunitarju għall-valutazzjoni tas-sustanzi, inklużi 68 sustanza għall-2014-2016, u l-preparazzjoni tal-abbozz tal-aġġornament tal-Pjan ta' Azzjoni Rikorrenti Komunitarju li jmiss b'sa 75 sustanza magħżula ġdid għall-2015-2016.

   l. L-appoġġ lill-Istati Membri fil-valutazzjonijiet ta' sustanzi u li wasslu għal 24 deċiżjoni li rċevew qbil fil-Kumitat tal-Istati Membri u 9 dokumenti ta' konklużjoni.

   m. Iż-żieda ta' 10 Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs) mal-Lista tal-Kandidati biex l-għadd totali ta' sustanzi fuq il-Lista tal-Kandidati jilħaq il-161 sa tmiem is-sena.

   n. Il-finalizzazzjoni tal-ħames rakkomandazzjoni għall-inklużjoni ta' ħames sustanzi ta' prijorità ulterjuri fil-lista tal-awtorizzazzjoni u l-preparazzjoni tas-sitt rakkomandazzjoni.

   o. It-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali SVHC 2020.

p. It-twassil tal-proċess tal-awtorizzazzjoni b'veloċità kostanti u l-ipproċessar b'suċċess tal-applikazzjonijiet riċevuti, inklużi s-sostenn qabel il-preżentazzjoni u format aħjar tal-konsultazzjonijiet pubbliċi.

q. Il-provvediment ta' sostenn lill-industrija u lill-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri dwar il-proċessi tal-bijoċidi, inkluż l-iżvilupp ulterjuri ta' għodod dedikati għall-IT.

r. Iż-żieda b'mod sinifikanti tal-għadd ta' opinjonijiet adottati mill-Kumitati tal-ECHA: 5 opinjonijiet tal-Kumitat għall-Istima tar-Riskji (RAC) u 4 opinjonijiet tal-Kumitat għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC) dwar proposti ta' restrizzjoni, 51 opinjoni RAC ta' proposti dwar Klassifikazzjoni u Ttikkettar armonizzati u 30 opinjoni SEAC u RAC dwar l-applikazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni. L-adozzjoni ta' 34 opinjoni tal-Kumitat għall-Prodotti Bijoċidali dwar applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi taħt il-Programm ta' Reviżjoni.

s. L-aġġornament tal-inventarju tal-Klassifikazzjoni u t-Ttikkettar b'informazzjoni dwar 116 000 sustanza.

t. Is-sostenn lill-industrija, b'mod partikolari SMEs, permezz ta' għodod ta' komunikazzjoni mmirati fil-forma ta' webinars, materjal immirat kif ukoll sostenn speċifiku għas-settur pereżempju għall-industrija taż-żjud essenzjali u tal-linki, fejn ħafna SMEs huma effettwat mill-iskadenza tar-reġistrazzjoni viċina.

u. Il-provvediment ta' sostenn dirett lil reġistranti permezz tal-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA u fil-produzzjoni ta' dokumenti ta' gwida aġġornati u ġodda għall-industrija u l-involviment tal-uffiċċji tal-informazzjoni nazzjonali permezz ta' HelpNet f'dan l-isforz.

v. L-ilħiq ta' rata għolja ta' eżekuzzjoni tal-baġit ta' krediti ta' impenn u l-mili ta' karigi tal-pjan ta' stabbiliment għal aġenti temporanji, bit-tnejn li jilħqu medja ta' 97% għar-Regolamenti kollha.

3. Jinnota l-kwalità għolja kontinwa tal-pariri xjentifiċi pprovduti mill-Aġenzija, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' metodi ta' ttestjar, inklużi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali, valutazzjoni tas-sigurtà kimika, nanomaterjali, sustanzi Persistenti, Bijoakkumulattivi u Tossiċi, sustanzi li jħarbtu l-endokrina u studji tal-Kummissjoni dwar rekwiżiti tad-data REACH.

4. Jilqa' l-isforzi msaħħa u kontinwi tal-Aġenzija biex ittejjeb il-kwalità tad-dossier, inkluża l-istrateġija integrata ġdida għall-kontroll ta' konformità, tinkoraġġixxi lil reġistranti jaġġornaw b'mod proattiv id-dossiers tagħhom.

5. Jilqa' l-approċċ ta' trasparenza addottat mill-Bord ta' Tmexxija (MB/61/2014), u li b'hekk iwieġeb ukoll għat-talba tal-Ombudsman Ewropew.

6. Jilqa' x-xogħol tas-Segretarjat fl-iżgurar u t-titjib tal-funzjonament tal-Kumitati tal-ECHA, u speċjalment fil-kisba ta' kuxjenza ikbar dwar implikazzjonijiet tar-riżorsi tas-sħubija tal-Kumitat, u fil-konklużjoni dwar l-azzjonijiet ta' titjib għall-proċess ta' restrizzjoni mit-task force speċifiku.

7. Jilqa' x-xogħol tal-Forum fl-armonizzazzjoni tal-approċċ għall-infurzar, li jipprovdi bażi aħjar għall-infurzar tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti REACH, CLP u PIC, inklużi d-deċiżjonijiet regolatorji tal-ECHA.

8. Jinnota l-isforzi kontinwi fil-verifikazzjoni tal-istatus SME ta' reġistranti u t-tweġiba tal-Aġenzija għall-każ tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward.

9. Jinnota li s-sistema ta' appell, b'16-il każ magħluq fl-2014, tipprovdi rimedju legali effettiv u effiċjenti lil kumpaniji. Jinnota wkoll l-importanza li jiġu integrati l-konsegwenzi tagħha fl-attivitajiet operazzjonali tal-ECHA u li tkun trasparenti.

10. Jinnota li l-ħlasijiet tal-Bijoċidi kienu ħafna iktar baxxi milli stmat, u għaldaqstant japprezza l-isforzi tal-Aġenzija li tibbilanċja d-dħul iktar baxx mal-infiq tagħha.

11. Jinnota bi tħassib id-diffikultajiet tal-Agnezija, fl-assenza ta’ riżerva finanzjarja, biex tottjeni sussidju addizzjonali f’dawk is-snin meta d-dħul finanzjarju jkun iktar baxx milli stmat.

12. Jinnota li d-dħul mill-pagamenti u l-ħlasijiet taħt attivitajiet REACH u CLP fl-2014 ammontaw għal 26 miljun ewro u b’hekk qabżu t-tbassir.

13. Jikkongratula lill-Aġenzija fit-tnaqqis tar-rata ta’ trasport tagħha għal taħt medja tal-10% għar-Regolamenti kollha u tinkoraġġixxi lill-Aġenzija biex tkompli bl-isforzi tagħha li tnaqqas it-trasport meta possibbli.

14. Jinnota x-xogħol kontinwu tal-Aġenzija għas-sostenn tal-aċċess tal-awtoritajiet tal-Istati Membri għas-sistemi tal-ECHA, kif ukoll l-użu sigur tal-informazzjoni f’dawn is-sistemi.

15. Jinnota l-progress ulterjuri li sar fl-implimentazzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji f’livell ta’ proċess in vista tal-eliminazzjoni ta’ diversi kontrolli u tiżgura kemm l-effettività kif ukoll l-effiċjenza ta’ sistemi interni ta’ kontroll skont l-Artikolu 30 ta’ ECHA FR.

16. Jinnota l-progress ulterjuri li sar fil-qasam tal-prevenzjoni tal-frodi permezz tal-iżvilupp tal-istrateġija u l-pjan ta’ azzjoni tal-Aġenzija kif ukoll l-irfinar tal-prattiki tagħha f’li tevita kunflitti ta’ interess.

17. Jilqa’ l-fatt li l-ECHA ħadet azzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-MB fl-istima tas-sena l-oħra tar-rapport annwali:

    a. Struttura ġdida għall-Programm ta’ Ħidma annwali tal-2016 kienet introdotta b’rabta iktar mill-qrib mal-Programm ta’ Ħidma Pluriennali.

    b. RAC u SEAC qablu dwar proċedura ta’ ħidma simplifikata għall-iżvilupp u l-qbil dwar opinjonijiet tal-awtorizzazzjoni.

    c. Proċessi REACH u CLP issa ġew iddokumentati u awditjati. Il-bidu tal-programm tal-effiċjenza ppermetta li jiġu identifikati gwadanni fl-effiċjenza u fis-sinerġija.

    d. Kienet ippubblikata gwida simplifikata f’dokument fil-qosor dwar Riċerka u Żvilupp Xjentifiku u Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi għas-sostenn tal-innovazzjoni.

    e. Tjiebet il-faċilità ta’ użu għall-utent tas-sit web ta’ tqassim.

    f. Ingħata bidu għal approċċ multilingwali lejn SMEs.

    g. Saret proposta lill-Bord ta’ Tmexxija dwar kif ittejjeb il-valutazzjoni tal-identità tas-sustanza fil-kontroll tal-kompletezza.

    h. Kienet ippubblikata varjetà ta’ materjal onlajn li tirrelata mal-iskadenza CLP u taqsima tar-reġistrazzjoni 2018, f’benefiċċju b’mod partikolari għal SMEs.

    i. Bl-użu tal-esperjenza ottenuta fil-kondiviżjoni tad-data l-ECHA rinforzat parir lil kumpaniji b’mod partikolari lil SMEs, u rrilaxxat dokumenti ta’ gwida dwar il-kondiviżjoni tal-ispejjeż u l-immaniġġjar tal-Forum tal-Iskambju ta’ Informazzjoni dwar Sustanzi, u sostniet lill-Kummissjoni fil-preparazzjoni ta’ att ta’ implimentazzjoni dwar il-kondiviżjoni tad-data taħt REACH u gwidi prattiċi dwar il-kondiviżjoni tad-data għall-Bijoċidi.

    j. Kontribuzzjoni attiva għall-ħidma tat-Task Force dwar approċċ simplifikat għal każijiet speċjali permezz tal-iżvilupp ta’ formati simplifikati għar-Rapport dwar is-Sigurtà Kimika, Analiżi ta’ Alternattivi u Analiżi Soċjo-Ekonomika biex b’hekk il-preżentazzjoni ta’ applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni kienet inqas għalja u eħfef għall-industrija.

18. Jirrakkomanda li l-ECHA, filwaqt li tiffaċċja limiti fuq ir-riżorsi, fl-2015:

    a. Tkompli ssegwi b'mod attiv l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditu.

    b. Tippromwovi aktar l-użu ta’ komunikazzjoni multilingwali fil-komunikazzjoni tagħha ma’ kumpaniji b’mod partikolari mal-SMEs.

c. Tkompli tidentifika sinerġiji fi ħdan l-attivitajiet tagħha biex tkun ta' sostenn għal kumpaniji biex jippromwovu kompetittività u innovazzjoni, fi ħdan il-kompetenza tal-Aġenzija.

d. Tkompli tappoġġa l-industrija biex tissodisfa l-obbligi tagħha sabiex is-sustanzi jkunu ttrattati b'sigurtà, b'mod partikolari tul il-katina tal-provvista.

e. Tkompli u ssaħħaħ ix-xogħol tagħha biex tiżgura kwalità għolja tad-dossier b'mod effiċjenti u effettiv fir-rigward tal-ispejjeż.

f. Tirrifletti, liema azzjonijiet ulterjuri jkunu neċessarji biex jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-"miri ta' REACH 2020".

g. Tappoġġa lill-Istati Membri u tinkoraġġihom jieħdu fuqhom ir-rwoli tagħhom taħt il-leġiżlazzjonijiet u tipprovdi riżorsi u esperjenza adegwata.

h. Tkompli l-implimentazzjoni tal-programm ta' effiċjenza.

Għall-Bord ta' Tmexxija

Il-President

Nina CROMNIER

**KIF TOTTJENI PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE**

**Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:**

- Mill-ħanut tal-kotba tal-UE (http://bookshop.europa.eu);
- Mir-rappreżentazzjonijiet jew mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Tista' tottjeni d-dettalji ta' kuntatt tagħhom minn fuq l-Internet (http://ec.europa.eu) jew billi tibgħat fax lil +352 2929-42758.

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- Mill-ħanut tal-kotba tal-UE (http://bookshop.europa.eu).

**Abbonamenti bi ħlas (eż. serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u rapporti ta' każijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):**

- Permezz ta' wieħed mill-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_en.htm).

L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI
ANNANKATU 18, KAXXA POSTALI 400
FI-00121 ĦELSINKI, IL-FINLANDJA
ECHA.EUROPA.EU

ED-AG-15-001-MT-N - ISBN 978-92-9247-342-6- ISSN: 1831-7197- doi: 10.2823/275371

Publications Office